IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

DIRETTORAT TAR-RIĊERKA
U DOKUMENTAZZJONI

# Dokument tematiku

## IL-KLAWŻOLI INĠUSTI

Il-protezzjoni tal-konsumaturi hija rekwiżit fundamentali fid-dritt tal-Unjoni, stabbilit kemm fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) kif ukoll fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

B'hekk, l-Artikolu 169 TFUE jipprevedi li, sabiex tippromwovi l-interessi tal-konsumaturi u sabiex tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi, l-Unjoni Ewropea għandha tikkontribwixxi għall-protezzjoni tas-saħħa, tas-sigurtà u tal-interessi ekonomiċi tal-konsumaturi, kif ukoll għall-promozzjoni tad-dritt tagħhom għall-informazzjoni, għall-edukazzjoni u għall-organizzazzjoni tagħhom infushom sabiex iħarsu l-interessi tagħhom. Min-naħa tiegħu, l-Artikolu 38 tal-Karta jipprovdi li livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi għandu jiġi żgurat fil-politika tal-Unjoni.

Kien bil-għan li tilħaq dan l-għan ta' protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi li l-Unjoni adottat, permezz tad-Direttiva 93/13/KEE [1], sistema li tippermetti li jiġu miġġielda l-klawżoli inġusti. Din id-direttiva tipprevedi armonizzazzjoni minima tar-regoli applikabbli għall-klawżoli inġusti, filwaqt li tistabbilixxi definizzjonijiet u kriterji għall-evalwazzjoni tan-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali, tiddetermina l-effetti ta' dawn il-klawżoli u tipprovdi għal mezzi ta' protezzjoni adegwati u effettivi fil-forma ta' rimedju li jkun jista' jitressaq quddiem awtorità ġudizzjarja jew korp amministrattiv sabiex jitwaqqaf l-użu ta' dawn il-klawżoli.

B'hekk, is-sistema ta' protezzjoni hekk stabbilita hija bbażata fuq l-idea li l-konsumatur jinsab f'sitwazzjoni ta' inferjorità fir-rigward tal-bejjiegħ jew fornitur, f'dak li jirrigwarda kemm is-saħħa ta' negozjar kif ukoll il-livell ta' informazzjoni, sitwazzjoni li twassal lill-konsumatur jaċċetta l-kundizzjonijiet imfassla minn qabel mill-bejjiegħ jew fornitur, mingħajr ma jkun jista' jeżerċita influwenza fuq il-kontenut ta' dawn il-kundizzjonijiet.

Dan id-dokument tematiku huwa intiż li jagħti ħarsa ġenerali lejn il-kontribuzzjonijiet ġurisprudenzjali prinċipali tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan il-qasam.

[1] Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288, rettifika fil-ĠU 2023, L 17, p. 100).

# WERREJ


I. KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAD-DIRETTIVA 93/13 ........ 3

1. Kamp ta' applikazzjoni *ratione loci*: applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 fl-assenza ta' element transkonfinali ........ 3

2. Kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae*: kunċetti ta' "bejjiegħ jew fornitur" u ta' "konsumatur" ........ 3

3. Esklużjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 ........ 7

3.1. Klawżoli kuntrattwali li jirriflettu dispożizzjonijiet leġiżlattivi jew regolamentari imperattivi ........ 7

3.2. Klawżoli kuntrattwali li jiddefinixxu s-suġġett prinċipali tal-kuntratt jew li jikkonċernaw il-prezz jew ir-remunerazzjoni u s-servizzi jew il-beni li għandhom jiġu pprovduti bħala korrispettiv ........ 12

4. Leġiżlazzjoni nazzjonali li tiżgura livell ta' protezzjoni ogħla għall-konsumaturi ........ 16

II. KLASSIFIKAZZJONI BĦALA "KLAWŻOLA INĠUSTA", FIS-SENS TAL-ARTIKOLU 3 TAD-DIRETTIVA 93/13 ........ 18

1. Kunċett ta' "klawżola inġusta" ........ 18

2. Kunċett ta' "klawżola li ma kinitx innegozjata individwalment" ........ 22

3. Kunċett ta' "żbilanċ sinjifikattiv" għad-detriment tal-konsumatur ........ 23

III. EVALWAZZJONI TAN-NATURA INĠUSTA TA' KLAWŻOLA KUNTRATTWALI ........ 26

1. Kriterji ta' evalwazzjoni ........ 26

2. Rekwiżiti ta' *bona fide*, ta' bilanċ u ta' trasparenza ........ 28

IV. SETGĦAT U OBBLIGI TAL-QORTI NAZZJONALI ........ 34

1. Ġurisdizzjoni tal-qorti nazzjonali ........ 34

2. Obbligu ta' eżami *ex officio* tan-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali ........ 35

2.1. Portata tal-obbligu ........ 35

2.2. Limiti tal-obbligu ........ 38

3. Għoti ta' miżuri provviżorji ........ 44

4. Evalwazzjoni tan-natura inġusta ta' klawżola ta' arbitraġġ ........ 45

V. EFFETTI TAL-KONSTATAZZJONI TAN-NATURA INĠUSTA TA' KLAWŻOLA ........ 47

1. Tip tal-kuntratt li jkun fih klawżola inġusta ........ 47

2. Sostituzzjoni tal-klawżola inġusta ........ 49

3. Effetti oħra ........ 55

4. Limitazzjoni *ratione temporis* tal-effetti tal-konstatazzjoni ta' nullità ........ 60

VI. MEZZI INTIŻI LI JWAQQFU L-UŻU TA' KLAWŻOLA INĠUSTA ........ 63

1. Azzjonijiet kollettivi jew ta' interess pubbliku ........ 63

2. Garanzija tad-dritt għal rimedju effettiv ........ 67

3. Modalitajiet proċedurali speċifiċi ........ 73

# I. Kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13

## 1. Kamp ta' applikazzjoni *ratione loci*: applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 fl-assenza ta' element transkonfinali

***Sentenza tal-31 ta' Mejju 2018, Sziber (C-483/16, EU:C:2018:367)*** [2]

*Kuntratti ta' self iddenominati f'munita barranija – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi rekwiżiti proċedurali speċifiċi sabiex tiġi kkontestata n-natura inġusta*

It-tilwima fil-kawża prinċipali, bejn individwu u bank Ungeriż, kienet tikkonċerna talba sabiex tiġi kkonstatata n-natura inġusta ta' ċerti klawżoli inklużi f'kuntratt ta' self konkluż għall-finijiet tal-akkwist ta' abitazzjoni, irrilaxxat u rrimborsat f'forint Ungeriżi (HUF), iżda li kien irreġistrat fi franki Svizzeri (CHF) fuq il-bażi tar-rata tal-kambju fis-seħħ fil-jum tal-ħlas.

Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li din tapplika anki għal sitwazzjonijiet li ma jkollhomx element transkonfinali. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, ir-regoli li jinsabu f'leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tarmonizza, fl-Istati Membri, qasam tad-dritt speċifiku japplikaw irrispettivament min-natura purament interna tas-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali (punt 58).

## 2. Kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae*: kunċetti ta' "bejjiegħ jew fornitur" u ta' "konsumatur"

***Sentenza tat-22 ta' Novembru 2001, Cape et (Kawżi magħquda C-541/99 u C-542/99, EU:C:2001:625)***

*Kunċett ta' "konsumatur" – Impriża li tikkonkludi kuntratt standard ma' impriża oħra għall-akkwist ta' oġġetti jew ta' servizzi esklużivament għall-benefiċċju tal-aġenti tagħha stess*

Żewġ kuntratti dwar il-provvista ta' magni ta' distribuzzjoni awtomatika tax-xorb, installati minn Société Idealservice fil-bini tal-kumpanniji OMAI u Cape u intiżi għall-użu esklużiv tal-persunal ta' dawn tal-aħħar, kienu l-oriġini ta' tilwima. Dawn l-aħħar żewġ kumpanniji sostnew li l-klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni lill-giudice di pace di Viadana (il-Qorti Konċiljatorja ta' Viadana, Mantova, l-Italja), li kienet tinsab fil-kuntratti, kienet inġusta fis-sens tal-Kodiċi Ċivili Taljan u, konsegwentement, ma setgħetx tiġi invokata kontra l-partijiet fil-kuntratti.

Quddiem il-giudice di pace di Viadana (il-Qorti Konċiljatorja ta' Viadana), Idealservice sostniet li Cape u OMAI ma setgħux jitqiesu li kienu "konsumatur" għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-

[2] Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll fit-Taqsima VI.3., "Modalitajiet proċedurali speċifiċi".

Direttiva 93/13 peress li dawn kienu kumpanniji, u mhux persuni fiżiċi, li kienu ffirmaw il-kuntratti fl-eżerċizzju tal-attività imprenditorjali tagħhom.

Il-qorti Taljana għalhekk staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-kunċett ta' "konsumatur", kif iddefinit minn din id-direttiva, kienx ikopri esklużivament il-persuni fiżiċi.

Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, mill-formulazzjoni tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 93/13, jirriżulta b'mod ċar li persuna li ma tkunx persuna fiżika, li tikkonkludi kuntratt ma' bejjiegħ jew fornitur, ma tistax titqies li hija konsumatur fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni (punt 16).

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-kunċett ta' "konsumatur", kif iddefinit fl-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 93/13, għandu jiġi interpretat fis-sens li jkopri esklużivament il-persuni fiżiċi (punt 17 u d-dispożittiv).

***Sentenza tas-17 ta' Mejju 2018, Karel de Grote – Hogeschool Katholieke Hogeschool Antwerpen (C-147/16, EU:C:2018:320)*** [3]

*Kunċett ta' "bejjiegħ jew fornitur" – Istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla li l-finanzjament tagħha huwa żgurat, essenzjalment, minn fondi pubbliċi – Kuntratt dwar pjan ta' ħlas lura bin-nifs mingħajr interessi tal-miżati ta' reġistrazzjoni u tal-parteċipazzjoni fl-ispejjeż ta' vjaġġ ta' studju*

It-tilwima fil-kawża prinċipali kienet bejn istituzzjoni edukattiva u waħda mill-istudenti tagħha, li kienet responsabbli għall-ħlas lil din l-istituzzjoni ta' somma dovuta bħala miżata għar-reġistrazzjoni tagħha u bħala spejjeż marbuta ma' vjaġġ ta' studju. Il-partijiet kienu kkonkludew kuntratt ta' rimbors li kien jipprevedi rata ta' interessi ta' 10 % fis-sena fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas kif ukoll kumpens għall-ispejjeż tal-irkupru.

Il-Qorti tal-Ġustizzja saritilha domanda dwar jekk istituzzjoni edukattiva li, permezz ta' kuntratt, tkun tat lil waħda mill-istudenti tagħha faċilitajiet ta' ħlas ta' somom dovuti minn din tal-aħħar, għandhiex titqies, fil-kuntest ta' dan il-kuntratt, li hija "bejjiegħ jew fornitur" fis-sens tal-Artikolu 2(ċ) tad-Direttiva 93/13, b'tali mod li l-imsemmi kuntratt jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni jagħti tifsira wiesgħa lil dan il-kunċett (punt 48).

Fil-fatt, dan huwa kunċett funzjonali li jimplika evalwazzjoni ta' jekk ir-relazzjoni kuntrattwali taqax fil-kuntest tal-attivitajiet li persuna twettaq fuq bażi professjonali. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li meta tipprovdi, fil-kuntest tal-imsemmi kuntratt, prestazzjoni komplementari u aċċessorja għall-attività ta' tagħlim tagħha, istituzzjoni edukattiva tkun qiegħda taġixxi bħala "bejjiegħ jew fornitur", fis-sens tad-Direttiva 93/13 (punt 55).

[3] Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll fit-Taqsima IV.2., "2.1 Obbligu ta' eżami *ex officio* tan-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali – Portata tal-obbligu".

***Sentenza tal-21 ta' Marzu 2019, Pouvin u Dijoux (C-590/17, [EU:C:2019:232](EU:C:2019:232))***

*Kunċetti ta' "konsumatur" u ta' "bejjiegħ jew fornitur" – Finanzjament tax-xiri ta' abitazzjoni prinċipali – Self immobiljari mogħti minn persuna li timpjega lil impjegat tagħha u lill-konjuġi tiegħu, responsabbli in solidum għall-ħlas lura tas-self*

Skont it-termini ta' klawżola ta' kuntratt ta' self, dan il-kuntratt kellu jiġi xolt *ipso jure* fil-każ li l-persuna li tissellef, għal kwalunkwe raġuni, ma tibqax tagħmel parti mill-persunal tal-kumpannija li kien jaħdem magħha. Wara li l-impjegat irriżenja, huwa u l-konjuġi tiegħu ma baqgħux iħallsu l-pagamenti mensili tas-self. Għalhekk, b'applikazzjoni tal-imsemmija klawżola, il-kumpannija fetħet kawża kontra l-persuni li ssellfu għall-ħlas tas-somma li kienet għadha dovuta bħala kapital u tal-interessi, kif ukoll tas-somma dovuta abbażi ta' klawżola ta' penali.

Adita b'din il-kawża, il-qorti tal-ewwel istanza kienet ikkonstatat in-natura inġusta tal-klawżola ta' xoljiment *ipso jure* tal-kuntratt ta' self. Din is-sentenza ġiet sussegwentement annullata mill-qorti tal-appell, li kkonstatat li x-xoljiment *ipso jure* tal-kuntratt inkwistjoni kien seħħ fid-data tar-riżenja tal-impjegat. Peress li qiesu li kienu aġixxew fil-kwalità ta' konsumaturi u filwaqt li invokaw in-natura inġusta ta' klawżola, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi d-dekadenza tas-self għal raġuni esterna għall-kuntratt, l-impjegat u l-konjuġi tiegħu ppreżentaw appell fil-kassazzjoni.

Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-kunċett ta' "konsumatur" fis-sens tal-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 93/13, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dan il-kunċett ikopri l-impjegat ta' impriża u l-konjuġi tiegħu li jkunu kkonkludew ma' din l-impriża kuntratt ta' kreditu, irriżervat, prinċipalment, għall-membri tal-persunal tal-imsemmija impriża u intiż għall-finanzjament tax-xiri ta' proprjetà immobbli għal finijiet privati. Il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li l-fatt li persuna fiżika tikkonkludi kuntratt, li ma jkunx kuntratt ta' xogħol, mal-persuna li timpjegaha, ma jipprekludix, bħala tali, li din il-persuna tiġi kklassifikata bħala "konsumatur", fis-sens tad-Direttiva 93/13. Fir-rigward tal-esklużjoni tal-kuntratti ta' xogħol mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li kuntratt ta' kreditu għal proprjetà immobbli mogħti minn persuna li timpjega lill-impjegat tagħha u lill-konjuġi ta' dan tal-aħħar ma jistax jiġi kklassifikat bħala "kuntratt ta' xogħol" sa fejn dan la jirregola relazzjoni ta' xogħol u lanqas kundizzjonijiet ta' impjieg (punti 29, 32 u 43, u d-dispożittiv).

F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, il-kunċett ta' "bejjiegħ jew fornitur", fis-sens tal-Artikolu 2(ċ) tad-Direttiva 93/13, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li dan il-kunċett ikopri impriża li tikkonkludi ma' wieħed mill-impjegati tagħha u mal-konjuġi ta' dan tal-aħħar, fil-kuntest tal-attività professjonali tagħha, kuntratt ta' kreditu rriżervat, prinċipalment, għall-membri tal-persunal tagħha, anki jekk l-għoti ta' krediti ma jikkostitwixxix l-attività prinċipali tagħha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li, anki jekk l-attività prinċipali ta' tali persuna li timpjega ma tkunx l-offerta ta' strumenti finanzjarji iżda l-provvista tal-enerġija, din il-persuna li timpjega jkollha informazzjoni u kompetenzi tekniċi, riżorsi umani u materjali li persuna fiżika, jiġifieri l-parti l-oħra għall-kuntratt, ma hijiex mistennija li jkollha. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-fatt li toffri kuntratt ta' kreditu lill-impjegati tagħha, sabiex b'hekk tagħtihom il-vantaġġ li jkun jista' jkollhom aċċess għal proprjetà, iservi sabiex jiġu attirati u miżmuma impjegati kkwalifikati u kompetenti għall-benefiċċju tal-eżerċizzju tal-attività professjonali tal-persuna li timpjega. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-eżistenza jew l-assenza ta' eventwali dħul dirett, għal din il-persuna li timpjega, previst f'dan il-kuntratt, ma għandha ebda effett fuq ir-rikonoxximent ta' din

il-persuna li timpjega bħala "bejjiegħ jew fornitur", fis-sens tad-Direttiva 93/13. Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat ukoll li interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' "bejjiegħ jew fornitur" isservi sabiex jintlaħaq l-għan ta' din id-direttiva, jiġifieri li l-konsumatur jiġi protett bħala parti dgħajfa fil-kuntratt konkluż ma' bejjiegħ jew fornitur u li jerġa' jiġi stabbilit il-bilanċ bejn il-partijiet (il-punti 40, 42 u 43, u d-dispożittiv).

***Sentenza tat-2 ta' April 2020, Condominio di Milano, via Meda (C-329/19, EU:C:2020:263)***

*Kunċett ta' "konsumatur" – Condominium ta' proprjetà immobbli*

Condominium ta' proprjetà immobbli, il-condominio di Milano, via Meda (iktar 'il quddiem il-"condominio Meda"), irrappreżentat mill-amministratur tiegħu, kien ikkonkluda mal-impriża Eurothermo kuntratt għall-provvista ta' enerġija termali. Skont klawżola f'dan il-kuntratt, id-debitur kellu, fil-każ ta' dewmien fil-ħlas, iħallas interessi moratorji bir-rata ta' 9.25 % mill-iskadenza tat-terminu għall-ħlas tal-bilanċ. Il-condominio Meda ressaq, quddiem il-qorti tar-rinviju, oppożizzjoni għal ordni għall-ħlas tal-interessi moratorji taħt din il-klawżola, billi invoka n-natura inġusta tagħha u l-fatt li huwa kellu l-kwalità ta' konsumatur, fis-sens tad-Direttiva 93/13. F'dan il-każ, il-qorti Taljana qieset li din il-klawżola kienet inġusta, iżda kellha dubji dwar il-possibbiltà li *condominium* ta' proprjetà immobbli, bħall-condominio fid-dritt Taljan, jitqies li jaqa' fil-kategorija ta' konsumaturi, fis-sens tad-Direttiva. Skont l-informazzjoni pprovduta lill-Qorti tal-Ġustizzja, fid-dritt Taljan, il-condominio huwa suġġett tad-dritt li la huwa persuna fiżika u lanqas persuna ġuridika.

Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-kunċett ta' "konsumatur", il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, sabiex persuna taqa' taħt dan il-kunċett, għandhom jiġu ssodisfatti żewġ kundizzjonijiet kumulattivi, jiġifieri li din tkun persuna fiżika u li hija teżerċita l-attività tagħha għal finijiet mhux professjonali. Fir-rigward tal-ewwel waħda minn dawn il-kundizzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, fl-istat tal-iżvilupp tad-dritt tal-Unjoni ta' dak il-mument, il-kunċett ta' "proprjetà" ma kienx armonizzat fil-livell tal-Unjoni u li seta' jkun hemm differenzi bejn l-Istati Membri. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-imsemmija Stati jibqgħu liberi li jikklassifikaw jew le l-*condominium* bħala "persuna ġuridika" fl-ordinamenti nazzjonali rispettivi tagħhom. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li *condominium*, bħalma huwa l-condominio fid-dritt Taljan, ma kienx jissodisfa din l-ewwel kundizzjoni u għaldaqstant ma kienx jaqa' taħt il-kunċett ta' "konsumatur", b'tali mod li l-kuntratt konkluż bejn dan il-*condominium* u bejjiegħ jew fornitur kien eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 (punti 24, 27, 28 u 29).

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk ġurisprudenza nazzjonali li tapplika r-regoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi għal kuntratt konkluż minn condominio ma' bejjiegħ jew fornitur kinitx konformi mal-ispirtu tas-sistema ta' protezzjoni tal-konsumaturi fi ħdan l-Unjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li d-Direttiva 93/13 twettaq armonizzazzjoni parzjali u minima tal-liġijiet nazzjonali rigward il-klawżoli inġusti, u tħalli lill-Istati Membri l-possibbiltà li jagħtu lill-konsumatur livell ta' protezzjoni ogħla permezz ta' dispożizzjonijiet nazzjonali iktar stretti, kemm-il darba jkunu kompatibbli mat-Trattat FUE [4]. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li tkun konformi mal-għan ta' protezzjoni tal-konsumaturi segwit minn din id-direttiva

[4] Artikolu 169(4) TFUE; premessa 12 u Artikolu 8 tad-Direttiva 93/13.

linja ta' ġurisprudenza li minnha joħroġ li, sabiex il-konsumatur jiġi protett aħjar, il-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-protezzjoni jkopri suġġett tad-dritt, bħalma huwa l-condominio fid-dritt Taljan, li ma jkunx persuna fiżika skont id-dritt nazzjonali. Konsegwentement, anki fejn tali suġġett tad-dritt ma jkunx jaqa' taħt il-kunċett ta' "konsumatur" fis-sens ta' din id-direttiva, l-Istati Membri jistgħu japplikaw id-dispożizzjonijiet tagħha għal oqsma li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha, sakemm tali interpretazzjoni tiżgura lill-konsumaturi livell ta' protezzjoni ogħla u ma tippreġudikax id-dispożizzjonijiet tat-Trattati (punti 31 u 33 sa 35).

## 3. Esklużjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13

### 3.1. Klawżoli kuntrattwali li jirriflettu dispożizzjonijiet leġiżlattivi jew regolamentari imperattivi

***Sentenza tal-21 ta' Marzu 2013, RWE Vertrieb (C-92/11, EU:C:2013:180)*** [5]

*Emenda unilaterali mill-bejjiegħ jew fornitur tal-prezz tas-servizz – Riferiment għal leġiżlazzjoni imperattiva maħsuba għal kategorija oħra ta' konsumaturi – Applikabbiltà tad-Direttiva 93/13*

Il-Verbraucherzentrale Nordrhein-Westfalen (assoċjazzjoni tal-konsumaturi ta' Nordrhein-Westfalen, il-Ġermanja) ikkontestat quddiem il-qrati Ġermaniżi klawżola kuntrattwali standardizzata li permezz tagħha RWE, impriża Ġermaniża ta' provvista ta' gass naturali, irriżervat id-dritt li tbiddel unilateralment il-prezz ta' din il-provvista lill-klijenti tagħha meta dawn kienu jaqgħu taħt tariffa speċjali (Sonderkunden). Peress li qieset li l-klawżola inkwistjoni kienet inġusta, l-assoċjazzjoni talbet, f'isem 25 konsumatur, ir-rimbors tal-ħlasijiet addizzjonali li dawn tal-aħħar ħallsu lil RWE wara erba' żidiet fil-prezz bejn l-2003 u l-2005, fl-ammont totali ta' EUR 16 128.63.

RWE qieset b'mod partikolari li l-klawżola kkontestata, li kienet tinsab fil-kundizzjonijiet ġenerali applikabbli għall-klijenti kkonċernati, ma setgħetx tiġi suġġetta għal stħarriġ tan-natura inġusta tagħha. Fil-fatt, din il-klawżola kienet sempliċement tagħmel riferiment għal-leġiżlazzjoni Ġermaniża applikabbli għall-kuntratti li jaqgħu taħt it-tariffa standard. Din il-leġiżlazzjoni kienet tippermetti lill-fornitur jemenda unilateralment il-prezzijiet tal-gass mingħajr ma jindika r-raġuni, il-kundizzjonijiet jew il-portata ta' tali emenda, filwaqt li madankollu tiggarantixxi li l-klijenti kellhom jiġu informati b'din l-emenda u li kellhom ikunu liberi li, jekk ikun il-każ, ixolju l-kuntratt.

Peress li ma rebħitx il-kawża quddiem il-qrati inferjuri, RWE ressqet il-każ tagħha quddiem il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja), li għamlet domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 1(2) kif ukoll tal-Artikoli 3 u 5 tad-Direttiva 93/13, li huma intiżi li jipproteġu lill-konsumaturi kontra l-klawżoli kuntrattwali standardizzati inġusti u/jew mhux trasparenti. Il-qorti Ġermaniża staqsiet b'mod partikolari dwar il-portata tal-esklużjoni ta' stħarriġ tan-natura inġusta tal-klawżoli standardizzati li sempliċement jirriproduċu dispożizzjonijiet leġiżlattivi jew regolamentari imperattivi, fis-sens tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 93/13.

5 Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll fit-Taqsima III.2., "Rekwiżiti ta' *bona fide*, ta' bilanċ u ta' trasparenza".

Il-Qorti tal-Ġustizzja pprećiżat li l-esklużjoni tal-istħarriġ tan-natura inġusta ta' klawżoli kuntrattwali li jirriflettu d-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li jirregolaw kategorija partikolari ta' kuntratti hija ġġustifikata mill-fatt li wieħed jista' leġittimament jassumi li l-leġiżlatur nazzjonali laħaq bilanċ bejn id-drittijiet u l-obbligi kollha tal-partijiet f'dawn il-kuntratti. Madankollu, dan ir-raġunament ma huwiex applikabbli għall-klawżoli ta' kuntratt differenti. Fil-fatt, l-esklużjoni tal-istħarriġ tan-natura inġusta ta' klawżola li tinsab f'tali kuntratt minħabba s-sempliċi fatt li din il-klawżola tirriproduċi leġiżlazzjoni intiża li tapplika biss għal kategorija oħra ta' kuntratti ddaħħal inkwistjoni l-protezzjoni tal-konsumaturi prevista fid-dritt tal-Unjoni (punti 28, 30 u 31).

***Sentenza tal-20 ta' Settembru 2018, OTP Bank u OTP Faktoring (C-51/17, EU:C:2018:750)*** [6]

*Kamp ta' applikazzjoni – Artikolu 1(2) – Dispożizzjonijiet leġiżlattivi jew regolamentari*

Fi Frar 2008, żewġ persuni li jissellfu kkonkludew kuntratt ta' kreditu ma' bank Ungeriż għall-għoti ta' self iddenominat fi franki Svizzeri (CHF). Il-kuntratt kien jipprevedi li l-pagamenti mensili kellhom jitħallsu f'forint Ungeriżi (HUF), filwaqt li l-ammont ta' dawn il-pagamenti mensili kien madankollu kkalkolat abbażi tar-rata tal-kambju kurrenti bejn il-forint Ungeriż u l-frank Svizzeru. Barra minn hekk, il-kuntratt kien isemmi r-riskju tal-kambju fil-każ ta' varjazzjonijiet possibbli fir-rata tal-kambju bejn dawn iż-żewġ muniti.

Sussegwentement, ir-rata tal-kambju nbidlet b'mod kunsiderevoli għad-detriment tal-persuni li kienu ssellfu, bidla li rriżultat f'żieda sinjifikattiva fl-ammont tal-pagamenti mensili tagħhom. F'Mejju 2013, iż-żewġ persuni li kienu ssellfu fetħu proċedura quddiem il-qrati Ungeriżi kontra OTP Bank u OTP Faktoring, żewġ kumpanniji li lilhom kienu ġew ittrasferiti l-krediti li rriżultaw mill-kuntratt ta' self. Matul din il-proċedura, qamet il-kwistjoni ta' jekk il-klawżola dwar ir-riskju tal-kambju kinitx imfassla mill-bank b'mod ċar u li jinftiehem u jekk setgħetx għalhekk titqies li hija inġusta, fis-sens tad-Direttiva dwar il-klawżoli inġusti.

Sadanittant, fl-2014, l-Ungerija adottat leġiżlazzjoni intiża li tirtira ċerti klawżoli inġusti minn kuntratti ta' self iddenominati f'munita barranija, li tikkonverti virtwalment f'HUF id-dejn kollu dovut abbażi ta' dawn il-kuntratti u li tapplika r-rata tal-kambju ffissata mill-bank nazzjonali tal-Ungerija. Din il-leġiżlazzjoni kellha wkoll l-għan li timplimenta deċiżjoni tal-Kúria (il-Qorti Suprema, l-Ungerija) li kienet iddeċidiet li ċerti klawżoli inklużi f'kuntratti ta' self iddenominati f'munita barranija kienu inkompatibbli mad-Direttiva 93/13 [7] (din id-deċiżjoni ngħatat wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Kásler u Káslerné Rábai [8]). Madankollu, din il-leġiżlazzjoni l-ġdida ma biddlitx il-fatt li r-riskju tal-kambju kien jaqa' fuq il-konsumatur fil-każ ta' żvalutazzjoni tal-forint Ungeriż meta mqabbel mal-frank Svizzeru.

Il-Fgvárosi Ítélgtábla (il-Qorti tal-Appell Reġjonali tal-Belt ta' Budapest, l-Ungerija), adita bil-kawża, staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk setgħetx tevalwa n-natura inġusta ta' klawżola, fil-każ li din ma

---

6 Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll fit-Taqsima II.2., "Kunċett ta' klawżola "li ma kinitx is-suġġett ta' negozjati individwali" u fit-Taqsima III.2., "Rekwiżiti ta' *bona fide*, ta' bilanċ u ta' trasparenza".

7 Deċiżjoni Nru 2/2014, PJE (Magyar Közlöny 2014/91, p. 10975).

8 Sentenza tat-30 ta' April 2014, Kásler u Káslerné Rábai (C-26/13, EU:C:2014:282), ippreżentata fit-Taqsima I.3., "3.2 Esklużjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 – Klawżoli kuntrattwali li jiddefinixxu s-suġġett prinċipali tal-kuntratt jew li jikkonċernaw il-prezz jew ir-remunerazzjoni u s-servizzi jew il-beni li għandhom jiġu pprovduti bħala korrispettiv".

tkunx imfassla b'mod ċar u li jinftiehem, minkejja li l-leġiżlatur Ungeriż, billi ma intervjeniex fuq dan il-punt, seta' jitqies li kien aċċetta li r-riskju tal-kambju jkompli jaqa' fuq il-konsumatur fil-każ ta' deprezzament tal-forint Ungeriż meta mqabbel mal-munita barranija kkonċernata.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li r-regola li teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 il-klawżoli kuntrattwali li jirriflettu dispożizzjonijiet leġiżlattivi jew regolamentari imperattivi hija ġġustifikata mill-fatt li wieħed jista' leġittimament jassumi li l-leġiżlatur nazzjonali laħaq bilanċ bejn id-drittijiet u l-obbligi kollha tal-partijiet fil-kuntratt. Madankollu, dan ma kienx ifisser li klawżola kuntrattwali oħra mhux koperta minn dispożizzjonijiet leġiżlattivi, bħal f'dan il-każ dik dwar ir-riskju tal-kambju, kienet, kollha kemm hi, eskluża wkoll mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. In-natura inġusta ta' din il-klawżola setgħet għalhekk tiġi evalwata mill-qorti nazzjonali sa fejn din tqis, wara eżami każ b'każ, li din il-klawżola ma kinitx imfassla b'mod ċar u li jinftiehem [9] (punti 53, 65 u 68).

### ***Sentenza tat-3 ta' Marzu 2020 (Awla Manja), Gómez del Moral Guasch (C-125/18, EU:C:2020:138)*** [10]

*Kuntratt ta' self iggarantit b'ipoteka – Rata ta' interessi varjabbli – Indiċi ta' referenza bbażat fuq is-self iggarantit b'ipoteka tal-banek tat-tfaddil – Indiċi li jirriżulta minn dispożizzjoni regolamentari jew amministrattiva*

Individwu ppreżenta rikors quddiem qorti tal-ewwel istanza Spanjola dwar in-natura allegatament inġusta ta' klawżola dwar ir-rata ta' interessi varjabbli u remuneratorja li kienet tinsab fil-kuntratt ta' self iggarantit b'ipoteka li huwa kien ikkonkluda mal-istabbiliment bankarju Bankia SA. Skont din il-klawżola, ir-rata ta' interessi li kellha titħallas mill-konsumatur kienet tvarja skont l-indiċi ta' referenza. Dan l-indiċi ta' referenza kien previst fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u seta' jiġi applikat mill-istabbilimenti ta' kreditu għas-self iggarantit b'ipoteka. Madankollu, il-qorti Spanjola rrilevat li l-indiċjar tal-interessi varjabbli kkalkolat abbażi tal-indiċi ta' referenza kien inqas favorevoli minn dak ikkalkolat abbażi tar-rata medja tas-suq interbankarju Ewropew (Euribor), li kienet tintuża f'90 % tas-self iggarantit b'ipoteka ssottoskritt fi Spanja, bi spiża addizzjonali ta' bejn EUR 18 000 u EUR 21 000 għal kull self.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-klawżoli li jirriflettu dispożizzjonijiet leġiżlattivi jew regolamentari imperattivi huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 [11]. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, bla ħsara għal verifika mill-qorti Spanjola, il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli f'dan il-każ ma kinitx timponi, għas-self b'rata ta' interessi varjabbli, l-użu ta' indiċi ta' referenza uffiċjali iżda kienet sempliċement tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li kellhom jiġu ssodisfatti mill-"indiċijiet jew mir-rati ta' referenza" sabiex ikunu jistgħu jintużaw mill-istabbilimenti ta' kreditu. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li kienet taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva l-klawżola ta' kuntratt ta' self iggarantit b'ipoteka li tipprevedi li r-rata ta' interessi applikabbli għas-self kellha tkun ibbażata fuq wieħed mill-indiċijiet ta' referenza

---

9 Sentenza tal-20 ta' Settembru 2017, *Andriciuc et* (C-186/16, EU:C:2017:703), ippreżentata fit-Taqsima I.3., "3.2 Esklużjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 – Klawżoli kuntrattwali li jiddefinixxu s-suġġett prinċipali tal-kuntratt jew li jikkonċernaw il-prezz jew ir-remunerazzjoni u s-servizzi jew il-beni li għandhom jiġu pprovduti bħala korrispettiv".

10 Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll fit-Taqsima V.2., "Sostituzzjoni tal-klawżola inġusta".

11 Artikolu 1(2) tad-Direttiva 93/13.

uffiċjali previsti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali li setgħu jiġu applikati mill-istabbilimenti ta' kreditu għas-self iggarantit b'ipoteka, meta din il-leġiżlazzjoni la tipprevedi l-applikazzjoni imperattiva ta' dan l-indiċi indipendentement mill-għażla tal-partijiet fil-kuntratt, u lanqas l-applikazzjoni b'mod supplenti tagħha fl-assenza ta' arranġament differenti bejn dawn l-istess partijiet (punti 34 u 37, u d-dispożittiv 1).

***Sentenza tad-9 ta' Lulju 2020, Banca Transilvania (C-81/19, [EU:C:2020:532](EU:C:2020:532))***

*Kamp ta' applikazzjoni – Artikolu 1(2) – Kunċett ta' "dispożizzjonijiet leġiżlattivi jew regolamentari imperattivi" – Dispożizzjonijiet supplenti – Kuntratt ta' kreditu ddenominat f'munita barranija – Klawżola dwar ir-riskju tal-kambju*

Fl-2006, żewġ persuni li jissellfu kkonkludew kuntratt ta' kreditu ma' Banca Transilvania, li permezz tiegħu l-bank tahom b'self is-somma ta' 90 000 lei Rumeni (RON) (madwar EUR 18 930). Fl-2008, huma kkonkludew kuntratt ta' kreditu ieħor, intiż għar-rifinanzjament tal-kuntratt inizjali, li kien iddenominat fi franki Svizzeri (CHF).

Minħabba l-iżvalutazzjoni qawwija tal-leu Rumen, l-ammont li kellu jiġi rrimborsat kien kważi rdoppja fis-snin ta' wara.

Fit-23 ta' Marzu 2017, dawn il-persuni li kienu ssellfu ppreżentaw rikors quddiem it-Tribunalul Specializat Cluj (il-Qorti Speċjalizzata ta' Cluj, ir-Rumanija) bil-għan li tiġi kkonstatata n-natura inġusta ta' parti mill-kuntratt ta' rifinanzjament, li, filwaqt li tistipula li l-ħlas kellu jsir fil-munita li fiha kien iddenominat, kienet tipprevedi li l-persuni li jissellfu setgħu jitolbu lill-bank sabiex is-self ikun iddenominat f'munita ġdida, mingħajr ma l-bank kien obbligat jaċċetta din it-talba. Kien previst ukoll li l-bank kien inkarigat mill-persuna li tissellef sabiex tillikwida l-obbligi ta' ħlas dovuti, bl-użu tar-rata tal-kambju tiegħu stess.

Il-persuni li kienu ssellfu sostnew ukoll li Banca Transilvania kienet naqset milli twettaq l-obbligu ta' informazzjoni tagħha billi ma kinitx avżathom, matul in-negozjati u l-konklużjoni tal-kuntratt, bir-riskju li kienet timplika l-konverżjoni tal-munita tal-kuntratt inizjali f'munita barranija. Barra minn hekk, il-klawżola ta' rimbors f'munita barranija kienet fil-fehma tagħhom toħloq żbilanċ għad-detriment tagħhom peress li r-riskju tal-kambju kien jaqa' fuqhom biss.

Kien f'dan il-kuntest li l-Curtea de Apel Cluj (il-Qorti tal-Appell ta' Cluj, ir-Rumanija) staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel, jekk id-Direttiva 93/13 kinitx tapplika għal klawżola kuntrattwali dwar ir-riskju tal-kambju, li ma kinitx is-suġġett ta' negozjati individwali, iżda li kienet tirrifletti dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali ta' natura supplenti, jiġifieri li tapplika bejn il-partijiet kontraenti meta ma jkun ġie miftiehem ebda arranġament ieħor f'dan ir-rigward. It-tieni, il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja liema kienu l-konsegwenzi li qorti nazzjonali kellha tislet, jekk ikun il-każ, mill-konstatazzjoni tan-natura inġusta ta' tali klawżola.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, qabel kollox, li din id-direttiva ma tapplikax jekk jiġu ssodisfatti żewġ kundizzjonijiet: minn naħa, il-klawżola kuntrattwali għandha tirrifletti dispożizzjoni leġiżlattiva jew regolatorja u, min-naħa l-oħra, din id-dispożizzjoni għandha tkun imperattiva. Din l-esklużjoni hija ġġustifikata mill-fatt li, bħala prinċipju, wieħed jista' leġittimament jassumi li l-leġiżlatur nazzjonali laħaq bilanċ bejn id-drittijiet u l-obbligi kollha tal-partijiet f'ċerti kuntratti (punti 24 u 26).

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sabiex tistabbilixxi jekk dawn il-kundizzjonijiet kinux issodisfatti, il-qorti nazzjonali kellha tivverifika jekk il-klawżola kuntrattwali kkonċernata tirriflettix dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li japplikaw b'mod imperattiv bejn il-partijiet kontraenti indipendentement mill-għażla tagħhom jew dispożizzjonijiet ta' natura supplenti u għaldaqstant applikabbli fl-assenza ta' arranġament differenti bejn il-partijiet f'dan ir-rigward (punt 28).

F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju enfasizzat li klawżola dwar ir-riskju tal-kambju kienet tirrifletti l-prinċipju ta' "nominaliżmu monetarju", kif stipulat fl-Artikolu 1578 tal-Kodiċi Ċivili. Skont dan l-artikolu, "id-debitur għandu jħallas is-somma numerika mislufa u għandu jħallas din is-somma biss fil-munita viġenti fil-mument tal-ħlas". Barra minn hekk, dik il-qorti kklassifikat dan l-artikolu bħala dispożizzjoni leġiżlattiva ta' natura supplenti, jiġifieri dispożizzjoni li tapplika għall-kuntratti ta' self meta l-partijiet ma jkunux għamlu arranġament differenti (punt 30).

Fir-rigward tal-ewwel kundizzjoni, peress li, skont il-qorti tar-rinviju, il-klawżola tal-kundizzjonijiet ġenerali li n-natura inġusta tagħha kienet allegata mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kienet tirrifletti dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali ta' natura supplenti, hija kienet taqa' taħt l-esklużjoni prevista fid-Direttiva 93/13 (punt 31).

Fir-rigward tat-tieni kundizzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-espressjoni "disposizzjonijiet mandatarji statutorji jew regolatorji" li tinsab fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 93/13 tkopri wkoll ir-regoli li, skont il-liġi nazzjonali, għandhom japplikaw bejn il-partijiet kontraenti meta ma jkunx hemm ftehim dwar arranġamenti oħra. Issa, minn din il-perspettiva, din id-dispożizzjoni ma tagħmel ebda distinzjoni bejn, minn naħa, id-dispożizzjonijiet li japplikaw indipendentement mill-għażla tal-partijiet kontraenti u, min-naħa l-oħra, id-dispożizzjonijiet supplenti (punt 34).

F'dan ir-rigward, minn naħa, il-fatt li tkun tista' ssir deroga minn dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali supplenti kien irrilevanti sabiex jiġi vverifikat jekk klawżola kuntrattwali li tirrifletti tali dispożizzjoni kinitx esklużа. Min-naħa l-oħra, il-fatt li klawżola kuntrattwali li tirrifletti waħda mid-dispożizzjonijiet imsemmija fid-Direttiva 93/13 ma kinitx is-suġġett ta' negozjati individwali ma kellux effett fuq l-esklużjoni tagħha mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva (punt 35).

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li d-Direttiva 93/13 ma tapplikax għal klawżola kuntrattwali li ma kinitx is-suġġett ta' negozjati individwali iżda li tirrifletti regola li, skont il-liġi nazzjonali, tapplika bejn il-partijiet kontraenti meta ma jkun intlaħaq ebda ftehim dwar xi arranġament ieħor f'dan ir-rigward (punt 37 u d-dispożittiv).

## 3.2. Klawżoli kuntrattwali li jiddefinixxu s-suġġett prinċipali tal-kuntratt jew li jikkonċernaw il-prezz jew ir-remunerazzjoni u s-servizzi jew il-beni li għandhom jiġu pprovduti bħala korrispettiv

***Sentenza tat-30 ta' April 2014, Kásler u Káslerné Rábai (C-26/13, EU:C:2014:282)*** [12]

*Esklużjoni tal-klawżoli li jirrigwardaw is-suġġett prinċipali tal-kuntratt jew l-adegwatezza tal-prezz jew tar-remunerazzjoni kemm-il darba dawn ikunu mfassla b'mod ċar u li jinftiehem – Kuntratti ta' kreditu għall-konsum iddenominati f'munita barranija – Klawżoli dwar ir-rati tal-kambju*

Fid-29 ta' Mejju 2008, żewġ persuni li jissellfu kkonkludew, ma' bank Ungeriż, kuntratt ta' self iggarantit b'ipoteka ddenominat f'munita barranija. Il-bank ta lil dawn il-persuni self f'ammont ta' HUF 14 400 000 (madwar EUR 46 867).

Il-kuntratt kien jistipula li l-iffissar fi franki Svizzeri tal-ammont tas-self kellu jitwettaq skont ir-rata tal-kambju għax-xiri ta' din il-munita, kif applikata mill-bank fil-ġurnata tar-rilaxx tal-fondi. B'applikazzjoni ta' din il-klawżola, l-ammont tas-self kien ġie ffissat bħala CHF 94 240.84. Madankollu, skont it-termini tal-kuntratt, l-ammont f'forint Ungeriż ta' kull pagament mensili kellu jiġi ddeterminat, fil-jum ta' qabel id-data ta' eżiġibbiltà, abbażi tar-rata applikata mill-bank għall-bejgħ tal-frank Svizzeru.

Iż-żewġ persuni li kienu ssellfu kkontestaw, quddiem il-qrati Ungeriżi, il-klawżola li kienet tippermetti lill-bank jikkalkola l-pagamenti mensili dovuti abbażi tar-rata tal-kambju applikata għall-bejgħ tal-frank Svizzeru. Huma invokaw in-natura inġusta ta' din il-klawżola sa fejn kienet tipprevedi, għall-finijiet tar-rimbors tas-self, l-applikazzjoni ta' rata differenti minn dik użata waqt it-tqegħid għad-dispożizzjoni tas-self.

Il-Kúria (il-Qorti Suprema, l-Ungerija), adita bit-tilwima fl-appell, staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-klawżola dwar ir-rati tal-kambju applikabbli għal kuntratt ta' self iddenominat f'munita barranija kinitx tirrigwarda s-suġġett prinċipali tal-kuntratt jew ir-relazzjoni kwalità/prezz tal-provvista. Hija xtaqet tkun taf ukoll jekk il-klawżola kkontestata setgħetx titqies li kienet imfassla b'mod ċar u li jinftiehem, b'tali mod li setgħet tiġi eskluża minn evalwazzjoni dwar in-natura inġusta tagħha skont id-Direttiva. Fl-aħħar nett, il-qorti suprema Ungeriża xtaqet tkun taf jekk, fil-każ li l-kuntratt ma jkunx jista' jibqa' fis-seħħ wara t-tneħħija ta' klawżola inġusta, il-qorti nazzjonali tkunx tista' temendah jew tikkompletah.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, fl-ewwel lok, li l-projbizzjoni li tiġi evalwata n-natura inġusta tal-klawżoli dwar is-suġġett prinċipali tal-kuntratt kellha tiġi interpretata b'mod strett u setgħet tiġi applikata biss għall-klawżoli li jistabbilixxu l-prestazzjonijiet essenzjali tal-kuntratt. F'dan id-dawl, kienet il-qorti tar-rinviju li kellha tiddetermina jekk il-klawżola kkontestata kinitx element essenzjali tal-kuntratt konkluż miż-żewġ persuni li kienu ssellfu (punti 49 u 51).

[12] Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll fit-Taqsima III.2., "Rekwiżiti ta' *bona fide*, ta' bilanċ u ta' trasparenza", u fit-Taqsima V.2., "Sostituzzjoni tal-klawżola inġusta".

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-eżami tan-natura inġusta tal-klawżola inkwistjoni ma setax jiġi eskluż għar-raġuni li l-imsemmija klawżola tirrigwarda l-adegwatezza bejn, minn naħa, il-prezz u r-remunerazzjoni u, min-naħa l-oħra, is-servizzi jew il-beni li kellhom jiġu pprovduti bħala korrispettiv. Fil-fatt, din il-klawżola kienet sempliċement tiddetermina, fid-dawl tal-kalkolu tar-rimborsi, ir-rata tal-kambju bejn il-forint Ungeriż u l-frank Svizzeru mingħajr madankollu ma kienet tipprevedi l-provvista ta' servizz ta' kambju mill-persuna li ssellfet. Issa, fin-nuqqas ta' tali servizz, il-piż finanzjarju li jirriżulta mid-differenza bejn ir-rata tal-kambju applikabbli għax-xiri u dik applikabbli għall-bejgħ, li kien jaqa' fuq il-persuna li ssellfet, ma setax jitqies bħala remunerazzjoni dovuta bħala korrispettiv għal servizz (punti 54 u 58).

***Sentenza tal-20 ta' Settembru 2017, Andriciuc et (C-186/16, EU:C:2017:703)*** [13]

*Kuntratt ta' kreditu konkluż f'munita barranija – Riskju tal-kambju li jaqa' kollu kemm hu fuq il-konsumatur – Portata tal-kunċett ta' "klawżoli mfassla b'mod ċar u li jinftiehem" – Livell ta' informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-bank*

Matul is-snin 2007 u 2008, persuni li jissellfu li kienu jirċievu d-dħul tagħhom f'lei Rumeni (RON), ikkonkludew mal-bank Rumen Banca Românească self iddenominat fi frank Svizzeru (CHF) bil-għan li jakkwistaw proprjetajiet immobbli, li jirrifinanzjaw krediti oħra jew li jissodisfaw bżonnijiet personali.

Skont il-kuntratti ta' self konklużi bejn il-partijiet, il-persuni li ssellfu kienu obbligati jirrimborsaw il-pagamenti mensili tal-krediti f'CHF u aċċettaw li jassumu r-riskju marbut mal-eventwali varjazzjonijiet fir-rata tal-kambju tar-RON meta mqabbla maċ-CHF.

Sussegwentement, ir-rata tal-kambju inkwistjoni nbidlet b'mod kunsiderevoli għad-detriment tal-persuni li ssellfu. Dawn tal-aħħar fetħu kawżi quddiem il-qrati Rumeni intiżi li jiġi kkonstatat li l-klawżola li tipprovdi li l-kreditu kellu jiġi rrimborsat f'CHF, mingħajr ma jittieħed inkunsiderazzjoni l-eventwali telf li l-persuni li ssellfu setgħu jġarrbu minħabba r-riskju tar-rata tal-kambju, kienet tikkostitwixxi klawżola kuntrattwali inġusta li ma kinitx torbothom, kif tipprevedi d-Direttiva 93/13. Huma sostnew, b'mod partikolari, li, fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratti, il-bank ippreżenta l-prodott tiegħu b'mod ippreġudikat, b'mod li enfasizza biss il-benefiċċji li l-persuni li ssellfu setgħu jgawdu minnu, mingħajr ma indika r-riskji potenzjali kif ukoll il-probabbiltà li dawn iseħħu. Skont il-persuni li ssellfu, il-klawżola kontenzjuża kellha, fid-dawl ta' din il-prassi tal-bank, titqies li kienet inġusta.

F'dan il-kuntest, il-Curtea de Apel Oradea (il-Qorti tal-Appell ta' Oradea, ir-Rumanija) staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-portata tal-obbligu tal-banek li jinformaw lill-klijenti dwar ir-riskju tar-rata tal-kambju marbut mas-self iddenominat f'munita barranija.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-klawżola kontenzjuża kienet tagħmel parti mis-suġġett prinċipali tal-kuntratt ta' self, b'tali mod li n-natura inġusta tagħha setgħet tiġi eżaminata fid-dawl tad-Direttiva 93/13 fil-każ biss li ma kinitx imfassla b'mod ċar u li jinftiehem. Fil-fatt, l-obbligu ta'

[13] Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll fit-Taqsima III.2., "Rekwiżiti ta' *bona fide*, ta' bilanċ u ta' trasparenza".

rimbors ta' kreditu f'ċerta munita jikkostitwixxi element essenzjali tal-kuntratt ta' self peress li ma jirrigwardax modalità anċillari ta' ħlas, iżda n-natura stess tal-obbligu tad-debitur (punt 38).

***Sentenza tat-3 ta' Settembru 2020, Profi Credit Polska et (C-84/19, C-222/19 u C-252/19, EU:C:2020:631)*** [14]

*Artikolu 4(2) – Obbligu li l-klawżoli kuntrattwali jitfasslu b'mod ċar u li jinftiehem – Klawżoli kuntrattwali li ma jispeċifikawx is-servizzi li huma intiżi li jiġu rremunerati*

Profi Credit Polska tat, permezz ta' intermedjarju, kreditu għall-konsum lil persuna li tissellef. Dan il-kuntratt kien jipprevedi rata ta' interessi ta' 9.83 % fis-sena, kif ukoll il-ħlas minn qabel ta' somma ta' 129 zloty Pollakki (PLN) (madwar EUR 30), ta' kummissjoni ta' PLN 7 771 (madwar EUR 1 804) u ta' somma ta' PLN 1 100 (madwar EUR 255) fir-rigward ta' prodott finanzjarju msejjaħ "Il-Pakkett Tiegħek – Pakkett Extra".

Profi Credit Polska talbet, quddiem il-qorti tar-rinviju, is-Sąd Rejonowy Szczecin – Prawobrzeże i Zachód w Szczecinie (il-Qorti Distrettwali ta' Szczecin, responsabbli għaż-żoni tax-xatt tal-lemin u tal-Punent, il-Polonja), ordni ta' ħlas ibbażata fuq kambjala maħruġa mill-persuna li ssellfet. Dik il-qorti tat sentenza fil-kontumaċja, li kontriha l-persuna li ssellfet ressqet oppożizzjoni. Fil-kuntest ta' din l-oppożizzjoni, hija invokat in-natura inġusta tad-dispożizzjonijiet tal-kuntratt ta' self.

Il-qorti tar-rinviju kkonstatat li dan il-kuntratt la kien jiddefinixxi l-kunċetti ta' "ħlas minn qabel" jew ta' "kummissjoni" u lanqas ma kien jippreċiża għal liema servizzi konkreti kienu jikkorrispondu dawn il-kunċetti.

F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13 kellux jiġi interpretat fis-sens li l-klawżoli ta' kuntratt ta' kreditu għall-konsum, li jimponu fuq il-konsumatur spejjeż oħra minbarra l-ħlas tal-interessi kuntrattwali, jaqgħu taħt l-eċċezzjoni prevista f'din id-dispożizzjoni, meta dawn il-klawżoli la jispeċifikaw in-natura ta' dawn l-ispejjeż u lanqas is-servizzi li huma intiżi li jiġu rremunerati permezz ta' dawn l-ispejjeż. Fil-fehma tal-qorti tar-rinviju, evalwazzjoni tan-natura inġusta ta' dawn il-klawżoli kienet possibbli fid-dawl tal-formulazzjoni tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13. B'mod partikolari, skont dik il-qorti, il-kwistjoni tal-ammont tal-ħlasijiet setgħet taqa' taħt l-eċċezzjoni ta' "suġġett prinċipali tal-kuntratt" jew ta' "adegwatezza bejn, minn naħa, il-prezz u r-remunerazzjoni u, min-naħa l-oħra, is-servizzi jew il-beni li għandhom jiġu pprovduti bħala korrispettiv", fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni.

F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju rrilevat li kien hemm differenzi sinjifikattivi bejn il-formulazzjoni tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13 u dik tal-Artikolu 3851(1) tal-Kodiċi Ċivili Pollakk, li ttraspona l-imsemmi Artikolu 4(2) fid-dritt intern. Fil-fatt, minn dan l-artikolu tal-Kodiċi Ċivili kien jirriżulta li l-evalwazzjoni tan-natura inġusta mill-qorti nazzjonali hija eskluża biss f'dak li jirrigwarda l-adegwatezza bejn il-prezz u r-remunerazzjoni tal-prestazzjoni prinċipali tal-partijiet.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 4(2) għandu jiġi interpretat fis-sens li dawn il-klawżoli ma jaqgħux taħt l-eċċezzjoni prevista f'din id-dispożizzjoni meta la jispeċifikaw in-natura ta' dawn l-

[14] Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll fit-Taqsima I.4., "Leġiżlazzjoni nazzjonali li tiżgura livell ta' protezzjoni ogħla għall-konsumaturi".

ispejjeż u lanqas is-servizzi li huma intiżi li jiġu rremunerati permezz ta' dawn l-ispejjeż u meta jkunu mfassla b'mod li joħolqu konfużjoni f'moħħ il-konsumatur fir-rigward tal-obbligi tiegħu u tal-konsegwenzi ekonomiċi ta' dawn il-klawżoli (punt 86 u d-dispożittiv 3).

***Sentenza tat-12 ta' Jannar 2023, D.V. (Onorarji tal-avukat – Prinċipju ta' tariffa fis-siegħa) (C-395/21, EU:C:2023:14)*** [15]

*Kuntratt għall-provvista ta' servizzi legali konkluż bejn avukat u konsumatur – Artikolu 4(2) – Esklużjoni tal-klawżoli dwar is-suġġett prinċipali tal-kuntratt – Klawżola li tipprevedi l-ħlas ta' onorarji tal-avukat skont il-prinċipju ta' tariffa fis-siegħa*

M.A., bħala konsumatur, kien ikkonkluda ħames kuntratti għall-provvista ta' servizzi legali ma' D.V., avukat. Kull wieħed minn dawn il-kuntratti kien jipprevedi li l-onorarji tal-avukat kellhom jiġu kkalkolati fuq il-bażi ta' rata fis-siegħa, stabbilita għal EUR 100 għall-konsultazzjonijiet jew għas-servizzi legali pprovduti lil M.A.

Peress li ma rċeviex l-onorarji kollha mitluba, D.V. ippreżenta rikors quddiem il-qorti tal-ewwel istanza intiż li M.A. jiġi kkundannat iħallas l-onorarji dovuti fir-rigward tas-servizzi legali mwettqa. Il-qorti tal-ewwel istanza laqgħet parzjalment it-talba ta' D.V, filwaqt madankollu li kkonstatat in-natura inġusta tal-klawżola kuntrattwali dwar il-prezz tas-servizzi pprovduti, u naqqset bin-nofs l-onorarji mitluba. Peress li din is-sentenza ġiet ikkonfermata mill-qorti tal-appell, D.V. ippreżenta appell fil-kassazzjoni quddiem il-Lietuvos Aukščiausiasis Teismas (il-Qorti Suprema tal-Litwanja).

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn dik il-qorti, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 93/13.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li klawżola ta' kuntratt għall-provvista ta' servizzi legali konkluż bejn avukat u konsumatur li tiffissa l-prezz tas-servizzi pprovduti skont il-prinċipju ta' tariffa fis-siegħa kienet taqa' taħt is-"suġġett prinċipali tal-kuntratt" fis-sens tad-Direttiva 93/13 (dispożittiv 1).

[15] Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll fit-Taqsima II.1., "Kunċett ta' 'klawżola inġusta'", fit-Taqsima III.2., "Rekwiżiti ta' *bona fide*, ta' bilanċ u ta' trasparenza", u fit-Taqsima V.2., "Sostituzzjoni tal-klawżola inġusta".

## 4. Leġiżlazzjoni nazzjonali li tiżgura livell ta' protezzjoni ogħla għall-konsumaturi

***Sentenza tat-3 ta' Ġunju 2010, Caja de Ahorros y Monte de Piedad de Madrid (C-484/08, EU:C:2010:309)***

*Klawżoli li jiddefinixxu s-suġġett prinċipali tal-kuntratt – Stħarriġ ġudizzjarju tan-natura inġusta tagħhom – Esklużjoni – Dispożizzjonijiet nazzjonali iktar stretti biex jiġi żgurat livell ta' protezzjoni ogħla għall-konsumatur*

Caja de Ahorros y Monte de Piedad de Madrid (iktar 'il quddiem "Caja de Madrid") ikkonkludiet ma' diversi klijenti kuntratti ta' self b'rata ta' interessi varjabbli intiżi għax-xiri ta' abitazzjonijiet. Dawn il-kuntratti kien fihom klawżola li permezz tagħha r-rata ta' interessi nominali prevista fil-kuntratti, varjabbli perjodikament skont l-indiċi ta' referenza miftiehem, kellha tiġi arrotondata, mill-ewwel reviżjoni, għal kwart ta' punt perċentwali ogħla (iktar 'il quddiem il-"klawżola ta' arrotondament").

Adita b'rikors ippreżentat mill-Asociación de Usuarios de Servicios Bancarios (l-Assoċjazzjoni ta' Utenti ta' Servizzi Bankarji, Spanja), il-Juzgado de Primera Instancia n°50 de Madrid (il-Qorti tal-Ewwel Istanza Nru 50 ta' Madrid, Spanja) iddeċidiet li l-klawżola ta' arrotondament kienet inġusta fis-sens tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li ttrasponiet id-Direttiva 93/13. Wara ċ-ċaħda tal-appell tagħha minn din is-sentenza, Caja de Madrid ippreżentat appell fil-kassazzjoni quddiem il-qorti tar-rinviju, it-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja).

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li s-sistema implimentata permezz tad-Direttiva 93/13 hija bbażata fuq l-idea li l-konsumatur jinsab f'sitwazzjoni ta' inferjorità meta mqabbel mal-bejjiegħ jew mal-fornitur f'dak li jikkonċerna kemm is-setgħa ta' negozjar kif ukoll il-livell ta' informazzjoni, sitwazzjoni li twasslu jaderixxi mal-kundizzjonijiet stabbiliti minn qabel mill-bejjiegħ jew mill-fornitur, mingħajr ma jkun jista' jeżerċita influwenza fuq il-kontenut tagħhom. Din id-direttiva twettaq biss armonizzazzjoni parzjali u minima tal-liġijiet nazzjonali dwar il-klawżoli inġusti, filwaqt li tirrikonoxxi lill-Istati Membri l-possibbiltà li jiżguraw lill-konsumatur livell ta' protezzjoni ogħla minn dak prevista fiha.

Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-Istati Membri jistgħu jżommu fis-seħħ jew jadottaw, fil-qasam kollu rregolat minn din id-direttiva, regoli iktar stretti minn dawk li tistabbilixxi d-direttiva stess, bil-kundizzjoni li dawn ir-regoli jkunu intiżi li jiżguraw livell ta' protezzjoni ogħla għall-konsumaturi. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li d-Direttiva 93/13 ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tawtorizza stħarriġ ġudizzjarju tan-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali dwar id-definizzjoni tas-suġġett prinċipali tal-kuntratt jew dwar l-adegwatezza bejn, minn naħa, il-prezz u r-remunerazzjoni, u, min-naħa l-oħra, is-servizzi jew il-beni li jkollhom jiġu pprovduti bħala korrispettiv, u dan anki jekk dawn il-klawżoli jkunu mfassla b'mod ċar u li jinftiehem (punti 27, 28, 40 u 44, u d-dispożittiv 1).

***Sentenza tat-3 ta' Settembru 2020, Profi Credit Polska et (C-84/19, C-222/19 u C-252/19, EU:C:2020:631)***

*Dispożizzjoni nazzjonali li tipprevedi l-ammont massimu tal-ispejjeż tal-kreditu minbarra l-interessi – Artikolu 3(1) – Klawżola kuntrattwali li tgħaddi, fuq il-konsumatur, l-ispejjeż tal-attività ekonomika tal-persuna li ssellef – Żbilanċ sinjifikattiv bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet – Artikolu 4(2)*

F'din is-sentenza, li l-kuntest fattwali u ġuridiku tagħha ġie espost preċedentement [16], il-Qorti tal-Ġustizzja indikat ukoll li, sa fejn l-Artikolu 3851(1) tal-Kodiċi Ċivili Pollakk, li ttraspona l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13 fid-dritt Pollakk, jagħti portata iktar stretta lill-eċċezzjoni stabbilita permezz ta' din id-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, billi jagħti protezzjoni ogħla lill-konsumatur, punt dan madankollu li kellu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju, dan l-artikolu jippermetti stħarriġ usa' tan-natura eventwalment inġusta tal-klawżoli kuntrattwali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva (punt 83).

F'dan ir-rigward, l-Artikolu 8 tad-Direttiva 93/13 jipprevedi li l-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu fis-seħħ, fil-qasam kopert minn din id-direttiva, dispożizzjonijiet iktar stretti, li jkunu kompatibbli mat-Trattat FUE, sabiex jiżguraw livell ta' protezzjoni ogħla għall-konsumatur. Dan jirrifletti l-idea stipulata fit-tnax-il premessa tal-imsemmija direttiva, li tipprovdi li din id-direttiva twettaq biss armonizzazzjoni parzjali u minima tal-liġijiet nazzjonali dwar il-klawżoli inġusti (punt 84). Fil-fatt, fil-ġurisprudenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġà ddeċidiet li dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali, li tagħti portata iktar stretta lill-eċċezzjoni stabbilita fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13, tikkontribwixxi għall-għan ta' protezzjoni tal-konsumaturi mfittex minn din id-direttiva (punt 85).

[16] Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tat-tilwima, ara t-Taqsima I.3., "3.2 Esklużjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 - Klawżoli kuntrattwali li jiddefinixxu s-suġġett prinċipali tal-kuntratt jew li jikkonċernaw il-prezz jew ir-remunerazzjoni u s-servizzi jew il-beni li għandhom jiġu pprovduti bħala korrispettiv", p. 17.

# II. Klassifikazzjoni bħala "klawżola inġusta", fis-sens tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 93/13

## 1. Kunċett ta' "klawżola inġusta"

***Sentenza tas-27 ta' Ġunju 2000, Océano Grupo Editorial (C-240/98 sa C-244/98, EU:C:2000:346)*** [17]

*Klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni*

Kuntratti dwar il-bejgħ ta' enċiklopediji lil konsumaturi kienu jinkludu klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni lill-qrati ta' Barcelona (Spanja), belt li fiha ebda wieħed mill-konsumaturi ma kien iddomiċiljat iżda li fiha kien jinsab l-uffiċċju rreġistrat tal-kumpanniji rikorrenti fil-kawżi prinċipali.

Peress li numru ta' xerrejja tal-enċiklopediji ma kinux ħallsu s-somom dovuti fl-iskadenzi miftiehma, il-bejjiegħa, bejn il-25 ta' Lulju u d-19 ta' Diċembru 1997, adixxew lill-Juzgado de Primera Instancia n° 35 de Barcelona (il-Qorti tal-Ewwel Istanza Nru 35 ta' Barcelona, Spanja), fil-kuntest tal-proċedura ta' "juicio de cognición" (proċedura sommarja rriżervata għat-tilwim dwar somom ta' ammont limitat), sabiex il-konvenuti fil-kawżi prinċipali jiġu kkundannati jħallsu s-somom dovuti.

Peress li dawn it-talbiet ma kinux ġew innotifikati lil dawn tal-aħħar, il-qorti tar-rinviju kellha dubji dwar il-ġurisdizzjoni tagħha sabiex tieħu konjizzjoni tal-kawżi. Fil-fatt, f'diversi okkażjonijiet, it-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja) kienet iddikjarat inġusti klawżoli li jattribwixxu ġurisdizzjoni bħal dawk inkwistjoni fil-kawżi li kellha quddiemha.

Il-Juzgado de Primera Instancia n° 35 de Barcelona (il-Qorti tal-Ewwel Istanza Nru 35 ta' Barcelona), peress li qieset li interpretazzjoni tad-Direttiva 93/13 kienet neċessarja sabiex tkun tista' taqta' l-kawżi mressqa quddiemha, iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-protezzjoni li d-Direttiva 93/13 tiżgura lill-konsumaturi tippermettix lill-qorti nazzjonali tevalwa *ex officio* n-natura inġusta ta' klawżola tal-kuntratt suġġett għall-evalwazzjoni tagħha meta teżamina l-ammissibbiltà ta' talba mressqa quddiem il-qrati ordinarji.

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni, imdaħħla f'kuntratt konkluż bejn konsumatur u fornitur jew bejjiegħ mingħajr ma tkun ġiet innegozjata individwalment, u li tattribwixxi ġurisdizzjoni esklużiva lill-qorti li fid-distrett ġudizzjarju tagħha jinsab l-uffiċċju rreġistrat tal-fornitur jew bejjiegħ, kellha titqies li kienet inġusta fis-sens ta' din id-direttiva sa fejn kienet toħloq, kuntrarjament għar-rekwiżit ta' *bona fide*, żbilanċ sinjifikattiv, għad-detriment tal-konsumatur, bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet li joħorġu mill-kuntratt (punt 24).

[17] Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll fit-Taqsima IV.2., "2.1. Obbligu ta' eżami *ex officio* tan-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali – Portata tal-obbligu".

Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li tali klawżola kienet timponi fuq il-konsumatur l-obbligu li jissuġġetta ruħu għall-ġurisdizzjoni esklużiva ta' qorti li tista' tkun 'il bogħod mid-domiċilju tiegħu, li seta' jagħmilha iktar diffiċli għalih li jidher quddiem il-qorti. Fil-każ ta' kawżi li jirrigwardaw somom limitati, l-ispejjeż relatati mad-dehra tal-konsumatur jistgħu jirriżultaw dissważivi u jwasslu lil dan tal-aħħar jirrinunzja għal kull rimedju ġudizzjarju jew għal kull difiża. B'hekk, tali klawżola taqa' fil-kategorija ta' dawk li jkollhom bħala għan jew effett li jeliminaw jew li jostakolaw l-eżerċizzju ta' azzjoni legali min-naħa tal-konsumatur, kategorija li hija prevista fil-punt 1(q) tal-anness tad-Direttiva. Għall-kuntrarju, din il-klawżola kienet tippermetti lill-fornitur jew bejjiegħ jikkonċentra l-kawżi kollha marbuta mal-attività professjonali tiegħu quddiem il-qorti li fid-distrett ġudizzjarju tagħha jinsab l-uffiċċju rreġistrat tiegħu, u b'hekk jiffaċilita l-organizzazzjoni tad-dehra tiegħu u jagħmilha inqas oneruża (punti 22 u 23).

### ***Sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, Banco Santander (C-96/16 u C-94/17, EU:C:2018:643)*** [18]

*Trasferiment ta' kreditu – Kuntratt ta' self konkluż ma' konsumatur – Kriterji ta' evalwazzjoni tan-natura inġusta ta' klawżola ta' dan il-kuntratt li tiffissa r-rata ta' interessi moratorji*

Persuna li tissellef kienet ikkonkludiet ma' Caja de Ahorros del Mediterrráneo, li saret Banco de Sabadell, kuntratt ta' self iggarantit b'ipoteka li kellu jiġi rrimborsat permezz ta' pagamenti mensili. Il-kuntratt kien jistipula li r-rata ta' interessi moratorji kienet ta' 25 % fis-sena.

Din il-persuna li ssellfet, li kienet waqgħet lura fil-pagamenti tagħha, ippreżentat rikors quddiem il-Juzgado de Primera Instancia (il-Qorti tal-Ewwel Istanza, Spanja) kontra Banco de Sabadell intiż għall-annullament, b'mod partikolari, ta' din il-klawżola tal-aħħar, għar-raġuni li kienet ta' natura inġusta. Barra minn hekk, fil-fehma tagħha, ladarba l-klawżola tal-kuntratt ta' self inkwistjoni fil-kawżi prinċipali li tiffissa r-rata ta' interessi moratorji tiġi ddikjarata inġusta, dan il-kuntratt ma kellux jibqa' jipproduċi interessi, la interessi moratorji u lanqas interessi ordinarji.

Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja), huma inġusti l-klawżoli li jimponu fuq il-konsumatur inadempjenti l-obbligu li jħallas kumpens li l-ammont tiegħu jkun sproporzjonatament għoli. B'hekk, il-qrati inferjuri kellhom jiddikjaraw inġusti l-klawżoli mhux innegozjati f'kuntratti ta' self personali jew f'kuntratti ta' self iggarantit b'ipoteka konklużi mal-konsumaturi li jikkonċernaw l-interessi moratorji u li jissodisfaw il-kriterji li r-rata ta' dawn l-interessi taqbeż b'iktar minn żewġ punti perċentwali r-rata ta' interessi ordinarji miftiehma bejn il-partijiet fil-kuntratt.

It-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema), adita bit-tilwima fl-appell, staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk tali ġurisprudenza kinitx tmur kontra d-Direttiva 93/13.

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva 93/13 ma kinitx tipprekludi ġurisprudenza nazzjonali, bħal dik tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema), li minnha jirriżulta li klawżola mhux innegozjata ta' kuntratt ta' self konkluż ma' konsumatur li tiffissa r-rata ta' interessi moratorji applikabbli tkun inġusta għar-raġuni li timponi, fuq il-konsumatur li jkun waqa' lura fil-pagamenti tiegħu, l-obbligu li jħallas kumpens li l-ammont tiegħu jkun

[18] Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll fit-Taqsima V.3., "Effetti oħra".

sproporzjonatament għoli, meta din ir-rata taqbeż b'iktar minn żewġ punti perċentwali dik tal-interessi ordinarji prevista f'dan il-kuntratt (dispożittiv 2).

F'dan ir-rigward, ma setax jiġi eskluż li, fir-rwol tagħhom ta' armonizzazzjoni fl-interpretazzjoni tad-dritt u fl-interess taċ-ċertezza legali, il-qrati supremi ta' Stat Membru, bħalma hija t-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema), ikunu jistgħu, b'osservanza tad-Direttiva 93/13, jistabbilixxu ċerti kriterji li fid-dawl tagħhom il-qrati inferjuri għandhom jeżaminaw in-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali. Issa, għalkemm kien minnu li l-ġurisprudenza tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) ma kinitx tidher li kienet fost id-dispożizzjonijiet iktar stretti li jistgħu jiġu adottati mill-Istati Membri sabiex jiżguraw livell ta' protezzjoni ogħla għall-konsumatur, skont l-Artikolu 8 ta' din id-direttiva, b'mod partikolari peress li din il-ġurisprudenza ma kinitx tidher li kellha s-saħħa ta' liġi u lanqas ma kienet tikkostitwixxi sors ta' liġi fl-ordinament ġuridiku Spanjol, xorta kien jibqa' l-fatt li l-istabbiliment ta' kriterju ġurisprudenzjali, bħal dak stabbilit f'dan il-każ mit-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema), jifforma parti mill-għan ta' protezzjoni tal-konsumaturi mfittex minn din id-direttiva (punt 68).

Fil-fatt, mill-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13, kif ukoll mill-istruttura ġenerali tagħha, jirriżulta li din id-direttiva hija pjuttost intiża, iktar milli li tiggarantixxi bilanċ kuntrattwali globali bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet fil-kuntratt, li tevita li jinħoloq żbilanċ bejn dawn id-drittijiet u dawn l-obbligi għad-detriment tal-konsumaturi (punt 69).

***Sentenza tad-9 ta' Lulju 2020, Ibercaja Banco (C-452/18, EU:C:2020:536)*** [19]

*Kuntratt ta' self iggarantit b'ipoteka – Klawżola ta' limitazzjoni tal-varjabbiltà tar-rata ta' interessi (klawżola msejħa "klawżola ta' rata minima") – Kuntratt ta' novazzjoni – Rinunzja għall-azzjonijiet ġudizzjarji kontra l-klawżoli ta' kuntratt – Assenza ta' natura vinkolanti*

Persuna li tissellef kisbet beni mingħand żviluppatur u, b'hekk, daħlet minflok dan l-iżviluppatur bħala debitriċi fuq self iggarantit b'ipoteka relatat ma' dan il-beni mogħti mill-istabbiliment ta' kreditu Caja de Ahorros de la Inmaculada de Aragón, li saret Ibercaja Banco. B'hekk, il-persuna li ssellfet aċċettat il-ftehimiet u l-kundizzjonijiet kollha relatati ma' dan is-self iggarantit b'ipoteka kif kienu ġew iddefiniti bejn id-debitur inizjali u l-istabbiliment ta' kreditu.

Fid-9 ta' Mejju 2013, it-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja) iddikjarat in-nullità tal-klawżoli "ta' rata minima" li kienu jinsabu fil-kuntratti ipotekarji, għar-raġuni li ma kinux jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' ċarezza u ta' trasparenza. B'applikazzjoni ta' din il-ġurisprudenza, Ibercaja Banco bdiet proċess ta' negozjar mill-ġdid ta' dawn il-klawżoli fil-kuntratti ta' self iggarantit b'ipoteka li hija kienet ikkonkludiet.

Għalhekk, il-kuntratt ta' self iggarantit b'ipoteka bejn il-persuna li kienet issellfet u Ibercaja Banco kien is-suġġett ta' kuntratt ta' novazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tar-rata stipulata fil-klawżola "ta' rata minima", li tnaqqset. Barra minn hekk, il-kuntratt ta' novazzjoni kien jinkludi

[19] Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll fit-Taqsima II.2., "Kunċett ta' 'klawżola li ma kinitx innegozjata individwalment'", fit-Taqsima III.2., "Rekwiżiti ta' *bona fide*, ta' bilanċ u ta' trasparenza", u fit-Taqsima V.3., "Effetti oħra".

klawżola li permezz tagħha l-persuna li kienet issellfet irrinunzjat għall-effetti li setgħet twassal għalihom id-dikjarazzjoni tan-natura inġusta tal-klawżola "ta' rata minima".

Il-persuna li kienet issellfet ippreżentat quddiem il-qorti tar-rinviju, il-Juzgado de Primera Instancia e Instrucción nº 3 de Teruel (il-Qorti tal-Ewwel Istanza u Istruttorja Nru 3 ta' Teruel, Spanja), rikors intiż li jiġi kkonstatat li l-klawżola "ta' rata minima" li kienet tinsab fil-kuntratt ta' self iggarantit b'ipoteka kienet inġusta, kif ukoll li l-istabbiliment ta' kreditu jiġi kkundannat iħassar din il-klawżola u jirrimbosalha s-somom imħallsa indebitament abbażi tal-imsemmija klawżola sa mit-teħid ta' dan is-self.

Ibercaja Banco, filwaqt li invokat, fil-konfront tat-talbiet tal-persuna li kienet issellfet, il-klawżoli tal-kuntratt ta' novazzjoni, talbet lill-qorti tar-rinviju tippreċiża sa fejn l-atti ġuridiċi li jemendaw kuntratt, b'mod partikolari waħda mill-klawżoli tiegħu li tkun qiegħda tiġi invokata n-natura inġusta tagħha, ikunu wkoll "ikkontaminati" minn din il-klawżola u, għaldaqstant, imċaħħda min-natura vinkolanti tagħhom.

F'dan l-isfond, il-qorti tar-rinviju kellha dubji dwar jekk in-negozjar mill-ġdid ta' klawżola inġusta kienx kompatibbli mal-prinċipju stabbilit fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13, li jipprovdi li l-klawżoli inġusti ma jorbtux lill-konsumaturi.

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li kellha ssir distinzjoni bejn, minn naħa, ir-rinunzja għall-azzjonijiet ġudizzjarji meta din tkun stipulata fi ftehim, bħalma huwa ftehim bonarju li s-suġġett stess tiegħu jkun li tiġi riżolta tilwima bejn fornitur jew bejjiegħ u konsumatur, u min-naħa l-oħra, ir-rinunzja minn qabel għal kull azzjoni ġudizzjarja inkluża f'kuntratt konkluż bejn konsumatur u bejjiegħ jew fornitur (punt 67).

Minn naħa, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-klawżola stipulata f'kuntratt konkluż bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur sabiex tiġi riżolta tilwima eżistenti, li permezz tagħha dan il-konsumatur jirrinunzja milli jinvoka quddiem il-qorti nazzjonali t-talbiet li seta' jinvoka fl-assenza ta' din il-klawżola, setgħet tiġi kklassifikata bħala "inġusta", b'mod partikolari jekk l-imsemmi konsumatur ma setax ikollu informazzjoni rilevanti li kienet tippermettilu jifhem il-konsegwenzi legali li kienu jirriżultaw għalih minn din il-klawżola (l-ewwel inċiż tad-dispożittiv 4). Fil-fatt, il-fatt li bejjiegħ jew fornitur u konsumatur jirrinunzjaw reċiprokament għall-azzjonijiet ġuridiċi relatati ma' klawżola ta' kuntratt ma jwaqqafx lill-qorti nazzjonali milli teżamina n-natura inġusta ta' tali klawżola meta din il-klawżola tkun tista' tipproduċi effetti vinkolanti fil-konfront tal-konsumatur (punt 64).

Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li ma torbotx lill-konsumatur klawżola li permezz tagħha l-konsumatur jirrinunzja, f'dak li jikkonċerna tilwimiet futuri, għall-azzjonijiet ġudizzjarji bbażati fuq id-drittijiet li huwa għandu abbażi tad-Direttiva 93/13 (it-tieni inċiż tad-dispożittiv 4). Fil-fatt, il-konsumatur ma jistax jintrabat b'mod validu li jirrinunzja, fil-futur, għall-protezzjoni ġudizzjarja u għad-drittijiet li huwa għandu abbażi tad-Direttiva 93/13. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, min-natura stess tal-affarijiet, il-konsumatur ma jistax ikollu għarfien tal-konsegwenzi tal-fatt li jaqbel ma' tali klawżola fir-rigward ta' tilwim li jista' jqum fil-futur (punt 75).

***Sentenza tat-12 ta' Jannar 2023, D.V. (Onorarji tal-avukat – Prinċipju ta' tariffa fis-siegħa) (C-395/21, [EU:C:2023:14](EU:C:2023:14))***

*Kuntratt għall-provvista ta' servizzi legali konkluż bejn avukat u konsumatur – Artikolu 4(2) – Evalwazzjoni tan-natura inġusta ta' klawżoli kuntrattwali – Klawżola li tipprevedi l-ħlas ta' onorarji tal-avukat skont il-prinċipju ta' tariffa fis-siegħa*

F'din is-sentenza, li l-kuntest fattwali u ġuridiku tagħha ġie espost preċedentement [20], il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret ukoll li l-evalwazzjoni tan-natura inġusta ta' klawżola ta' kuntratt konkluż ma' konsumatur għandha tkun ibbażata, bħala prinċipju, fuq evalwazzjoni globali li ma tiħux inkunsiderazzjoni biss l-eventwali nuqqas ta' trasparenza ta' din il-klawżola. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jiżguraw livell ta' protezzjoni ogħla għall-konsumaturi (punt 49).

Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li klawżola ta' kuntratt għall-provvista ta' servizzi legali konkluż bejn avukat u konsumatur li tistabbilixxi, skont il-prinċipju ta' tariffa fis-siegħa, il-prezz ta' dawn is-servizzi u li tikkonċerna, għaldaqstant, is-suġġett prinċipali ta' dan il-kuntratt, ma kellhiex titqies li kienet inġusta minħabba s-sempliċi fatt li ma tissodisfax ir-rekwiżit ta' trasparenza, sakemm l-Istat Membru li d-dritt nazzjonali tiegħu japplika għall-kuntratt inkwistjoni ma jkunx ippreveda espressament, bħal f'dan il-każ, li l-klassifikazzjoni bħala "klawżola inġusta" tirriżulta minn dan is-sempliċi fatt (dispożittiv 3).

## 2. Kunċett ta' "klawżola li ma kinitx innegozjata individwalment"

***Sentenza tal-20 ta' Settembru 2018, OTP Bank u OTP Faktoring (C-51/17, [EU:C:2018:750](EU:C:2018:750))***

*Artikolu 3(1) – Kunċett ta' "klawżola kuntrattwali li ma kinitx innegozjata individwalment" – Klawżola inkluża fil-kuntratt wara l-konklużjoni tiegħu b'riżultat ta' intervent mil-leġiżlatur nazzjonali*

F'din is-sentenza, li l-kuntest fattwali u ġuridiku tagħha ġie espost preċedentement [21], il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat ukoll li l-kunċett ta' "klawżola li ma kinitx innegozjata individwalment", li jinsab fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13, ikopri b'mod partikolari klawżola kuntrattwali emendata permezz ta' dispożizzjoni leġiżlattiva nazzjonali imperattiva, adottata wara l-konklużjoni ta' kuntratt ma' konsumatur, bil-għan li tieħu post klawżola vvizzjata b'nullità li tinsab fl-imsemmi kuntratt (dispożittiv 1).

[20] Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tat-tilwima, ara t-Taqsima I.3., "3.2 Esklużjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 – Klawżoli kuntrattwali li jiddefinixxu s-suġġett prinċipali tal-kuntratt jew li jikkonċernaw il-prezz jew ir-remunerazzjoni u s-servizzi jew il-beni li għandhom jiġu pprovduti bħala korrispettiv", p. 16. Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll fit-Taqsima III.2., "Rekwiżiti ta' *bona fide*, ta' bilanċ u ta' trasparenza" u fit-Taqsima V.2., "Sostituzzjoni tal-klawżola inġusta".

[21] Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tat-tilwima, ara t-Taqsima I.3., "3.1. Esklużjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 – Klawżoli kuntrattwali li jirriflettu dispożizzjonijiet leġiżlattivi jew regolamentari imperattivi", p. 9. Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll fit-Taqsima III.2., "Rekwiżiti ta' *bona fide*, ta' bilanċ u ta' trasparenza".

***Sentenza tad-9 ta' Lulju 2020, Ibercaja Banco (C-452/18, [EU:C:2020:536](EU:C:2020:536))***

*Kuntratt ta' self iggarantit b'ipoteka – Klawżola ta' limitazzjoni tal-varjabbiltà tar-rata ta' interessi (klawżola msejħa "klawżola ta' rata minima") – Kuntratt ta' novazzjoni*

F'din is-sentenza, li l-kuntest fattwali u ġuridiku tagħha ġie espost preċedentement [22], il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li klawżola ta' kuntratt konkluż bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur bil-għan li tiġi emendata klawżola potenzjalment inġusta ta' kuntratt preċedenti konkluż bejniethom jew li tirregola l-konsegwenzi tan-natura inġusta ta' din il-klawżola l-oħra setgħet, hija stess, titqies li ma kinitx innegozjata individwalment u, jekk ikun il-każ, setgħet tiġi ddikjarata inġusta (dispożittiv 2).

Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-fatt li l-klawżola l-ġdida tkun intiża li temenda klawżola preċedenti li ma kinitx innegozjata individwalment ma jeħlisx, waħdu, lill-qorti nazzjonali mill-obbligu li tivverifika jekk il-konsumatur ma setax effettivament jinfluwenza, fis-sens tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 93/13, il-kontenut ta' din il-klawżola l-ġdida. B'hekk, il-qorti tar-rinviju kellha tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha li fihom tali klawżola ġiet ippreżentata lill-konsumatur sabiex tiddetermina jekk dan tal-aħħar setax jinfluwenza l-kontenut tagħha (punti 34 u 35).

## 3. Kunċett ta' "żbilanċ sinjifikattiv" għad-detriment tal-konsumatur

***Sentenza tal-14 ta' Marzu 2013, Aziz (C-415/11, [EU:C:2013:164](EU:C:2013:164))*** [23]

*Kuntratt ta' self iggarantit b'ipoteka – Proċedura ta' eżekuzzjoni ta' ipoteka – Kompetenzi tal-qorti nazzjonali li tiddeċiedi fuq il-mertu – Klawżoli inġusti – Kriterji ta' evalwazzjoni*

Il-kawża oriġinat minn rinviju għal deċiżjoni preliminari magħmul minn qorti Spanjola li kellha quddiemha kawża mressqa minn konsumatur sabiex tiġi kkonstatata n-natura inġusta ta' diversi klawżoli inklużi f'kuntratt ta' self iggarantit b'ipoteka u sabiex tiġi annullata l-proċedura ta' eżekuzzjoni tal-ipoteka li dan il-konsumatur kien is-suġġett tagħha.

Dawn il-klawżoli kienu dwar l-iffissar tal-interessi moratorji, applikabbli awtomatikament għall-ammonti mhux imħallsa fl-iskadenza, mingħajr ma kien meħtieġ ilment, dwar il-maturità antiċipata inkluża fil-kuntratti għal żmien twil, kif ukoll dwar l-iffissar unilaterali mill-persuna li ssellef ta' mekkaniżmi għal-likwidazzjoni tad-dejn kollu permezz ta' ċertifikat xieraq li jindika l-ammont mitlub. Peress li kellha dubji dwar il-kompatibbiltà tal-imsemmija klawżoli mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 93/13, il-qorti tar-rinviju ressqet talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (punt 30).

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kunċett ta' "żbilanċ sinjifikattiv" għad-detriment tal-konsumatur, fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13, kellu jiġi evalwat permezz ta' analiżi

22 Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tat-tilwima, ara t-Taqsima II.1., "Kunċett ta' 'klawżola inġusta'", p. 21. Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll fit-Taqsima III.2., "Rekwiżiti ta' *bona fide*, ta' bilanċ u ta' trasparenza" u fit-Taqsima V.3., "Effetti oħra".

23 Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll fit-Taqsima IV.3., "Għoti ta' miżuri provviżorji".

tar-regoli nazzjonali applikabbli fl-assenza ta' ftehim bejn il-partijiet, sabiex jiġi evalwat jekk, u, jekk dan ikun il-każ, sa fejn, il-kuntratt iqiegħed lill-konsumatur f'sitwazzjoni legali inqas favorevoli meta mqabbla ma' dik prevista fid-dritt nazzjonali fis-seħħ. Bl-istess mod, għal dan il-għan, kien jidher rilevanti li jitwettaq eżami tas-sitwazzjoni legali li fiha kien jinsab l-imsemmi konsumatur fid-dawl tal-mezzi li għandu għad-dispożizzjoni tiegħu, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, sabiex iwaqqaf l-użu tal-klawżoli inġusti (dispożittiv 2).

***Sentenza tas-16 ta' Jannar 2014, Constructora Principado (C-226/12, [EU:C:2014:10](EU:C:2014:10))***

*Kuntratt ta' bejgħ ta' proprjetà immobbli – Klawżoli inġusti – Kriterji ta' evalwazzjoni*

Fis-26 ta' Ġunju 2005, individwu kkonkluda ma' Constructora Principado kuntratt li jirrigwarda l-bejgħ ta' abitazzjoni. Waħda mill-klawżoli tal-kuntratt kienet timponi fuq il-konsumatur it-taxxa muniċipali fuq iż-żieda tal-valur tal-beni ta' natura urbana kif ukoll il-ħlas għall-konnessjoni tal-abitazzjoni man-network tal-ilma u tad-drenaġġ, oneri li legalment kienu jaqgħu fuq il-bejjiegħ jew fornitur.

Dan l-individwu ppreżenta rikors quddiem il-Juzgado de Primera Instancia nº 2 de Oviedo (il-Qorti tal-Ewwel Istanza Nru 2 ta' Oviedo, Spanja) kontra Constructora Principado bl-għan li jikseb ir-rimbors tal-imsemmija ammonti. Din it-talba kienet ibbażata fuq il-fatt li l-klawżola kontenzjuża, li kienet tipprovdi li x-xerrej kellu jħallas dawn l-ammonti, kellha titqies li kienet inġusta sa fejn ma kinitx ġiet innegozjata u sa fejn wasslet għal żbilanċ sinjifikattiv bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet fil-kuntratt.

Constructora Principado sostniet li ma kienx hemm żbilanċ sinjifikattiv bejn il-partijiet sa fejn l-evalwazzjoni ta' tali żbilanċ ma setgħetx tkun limitata għat-teħid inkunsiderazzjoni ta' klawżola speċifika, iżda kellha tinvolvi t-teħid inkunsiderazzjoni tal-kuntratt fl-intier tiegħu u eżami tal-klawżoli kollha.

Adita bit-tilwima fl-appell, l-Audiencia Provincial de Oviedo (il-Qorti Provinċjali ta' Oviedo, Spanja) staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-iżbilanċ imsemmi fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13 kellux jiġi interpretat fis-sens li dan l-iżbilanċ jirriżulta mis-sempliċi fatt li obbligu ta' ħlas li legalment jaqa' fuq il-bejjiegħ jew il-fornitur jiġi ttrasferit fuq il-konsumatur, jew jekk, inkella, il-fatt li d-Direttiva tirrikjedi li l-iżbilanċ ikun sinjifikattiv jimplikax li l-impatt ekonomiku għall-konsumatur għandu jkun sinjifikattiv fir-rigward tal-ammont totali tat-tranżazzjoni.

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-eżistenza ta' żbilanċ sinjifikattiv ma teħtieġx neċessarjament li l-ispejjeż imposti fuq il-konsumatur permezz ta' klawżola kuntrattwali jkollhom fil-konfront tiegħu effett ekonomiku sinjifikattiv fid-dawl tal-ammont tat-tranżazzjoni inkwistjoni, iżda tista' tirriżulta mis-sempliċi fatt li jkun hemm preġudizzju suffiċjentement gravi għas-sitwazzjoni legali li fiha dan il-konsumatur, bħala parti fil-kuntratt, ikun jinsab skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli, kemm jekk fil-forma ta' restrizzjoni għall-kontenut tad-drittijiet li, skont dawn id-dispożizzjonijiet, huwa għandu skont dan il-kuntratt jew fil-forma ta' ostakolu għall-eżerċizzju tagħhom jew inkella fil-forma tal-impożizzjoni fuqu ta' obbligu supplimentari, li ma huwiex previst fir-regoli nazzjonali (dispożittiv).

Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-qorti tar-rinviju, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-eventwali eżistenza ta' żbilanċ sinjifikattiv, kellha tieħu inkunsiderazzjoni n-natura tal-beni jew tas-servizz li kienu s-suġġett tal-kuntratt, filwaqt li tirreferi għaċ-ċirkustanzi kollha preżenti waqt il-konklużjoni ta' dan il-kuntratt, kif ukoll għall-klawżoli l-oħra kollha tiegħu (dispożittiv).

# III. Evalwazzjoni tan-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali

## 1. Kriterji ta' evalwazzjoni

***Sentenza tad-9 ta' Novembru 2010 (Awla Manja), VB Pénzügyi Lízing (C-137/08, EU:C:2010:659)*** [24]

*Kriterji ta' evalwazzjoni – Eżami ex officio, mill-qorti nazzjonali, tan-natura inġusta ta' klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni*

Il-partijiet fil-kawża prinċipali kienu kkonkludew kuntratt ta' self intiż għall-finanzjament ta' xiri ta' karozza.

Meta l-parti l-oħra fil-kuntratt ma baqgħetx tosserva l-obbligi kuntrattwali tagħha, VB Pénzügyi Lízing, ir-rikorrenti, xoljiet dan il-kuntratt ta' self u ppreżentat rikors quddiem il-qorti tar-rinviju sabiex tikseb ir-rimbors ta' kreditu li kien jammonta għal 317 404 forint Ungeriżi (HUF) kif ukoll il-ħlas tal-interessi li ddekorrew fuq l-ammont mhux imħallas u l-ħlas tal-ispejjeż.

Il-kumpannija rikorrenti ma ressqitx it-talba tagħha għal ordni ta' ħlas quddiem il-qorti kompetenti fid-distrett ġudizzjarju li fih il-parti l-oħra fil-kuntratt, il-konvenut, kellha r-residenza tagħha, iżda bbażat ruħha fuq il-klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni li kienet tinsab fl-imsemmi kuntratt ta' self u li kienet tissuġġetta eventwali tilwima bejn il-partijiet għall-ġurisdizzjoni tal-Budapesti II. és III. kerületi bíróság (il-Qorti tat-Tieni u tat-Tielet Distrett ta' Budapest, l-Ungerija), il-qorti tar-rinviju f'din il-kawża.

Din tal-aħħar ikkonstatat li l-konvenut ma kellux ir-residenza tiegħu fid-distrett ġudizzjarju tagħha, filwaqt li r-regoli ta' proċedura ċivili kienu jipprevedu li l-qorti li territorjalment kellha ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni ta' tilwima bħal dik imressqa quddiemha kienet dik li fid-distrett ġudizzjarju tagħha kienet tinsab ir-residenza tal-konvenut.

Madankollu, il-qorti tar-rinviju xtaqet tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja liema kienu l-kriterji li l-qorti nazzjonali setgħet tieħu inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-eżami tan-natura inġusta ta' klawżola, b'mod partikolari meta klawżola kuntrattwali ma tipprevedix il-ġurisdizzjoni territorjali tal-qrati li fid-distrett ġudizzjarju tagħhom ikun jinsab l-uffiċċju rreġistrat tal-bejjiegħ jew tal-fornitur, iżda dik ta' qrati ta' distrett ġudizzjarju differenti, li iżda jkunu jinsabu fil-qrib ta' dan l-uffiċċju rreġistrat.

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet tiżviluppa l-ġurisprudenza tagħha li toħroġ mis-sentenza Pannon GSM (C-243/08) [25]. F'dan is-sens, hija ddeċidiet li l-Artikolu 267 TFUE kellu jiġi interpretat fis-sens li l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tkopri l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "klawżola inġusta", previst fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13 u fl-

[24] Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll fit-Taqsima IV.2., "2.1 Obbligu ta' eżami *ex officio* tan-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali – Portata tal-obbligu".

[25] Sentenza tal-4 ta' Ġunju 2009, Pannon GSM (C-243/08, EU:C:2009:350), ippreżentata fit-Taqsima IV.2., "2.1. Obbligu ta' eżami *ex officio* tan-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali – Portata tal-obbligu".

Anness tagħha, kif ukoll il-kriterji li l-qorti nazzjonali tista' jew għandha tapplika meta teżamina klawżola kuntrattwali fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva, filwaqt li hija l-qorti nazzjonali li għandha tieħu deċiżjoni, billi tieħu inkunsiderazzjoni l-imsemmija kriterji, dwar il-klassifikazzjoni konkreta ta' klawżola kuntrattwali partikolari skont iċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ ineżami (dispożittiv 2).

In-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali għandha tiġi evalwata billi titqies in-natura tal-beni jew tas-servizzi li kienu s-suġġett tal-kuntratt u billi jsir riferiment, fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt, għaċ-ċirkustanzi kollha li kienu preżenti waqt il-konklużjoni tiegħu, fosthom il-fatt li klawżola f'kuntratt konkluż bejn konsumatur u bejjiegħ jew fornitur li tattribwixxi ġurisdizzjoni esklużiva lill-qorti li fid-distrett ġudizzjarju tagħha jkun jinsab l-uffiċċju rreġistrat tal-bejjiegħ jew tal-fornitur kienet ġiet inkluża mingħajr ma kienet innegozjata individwalment (punti 42 u 43).

***Sentenza tas-26 ta' April 2012, Invitel (C-472/10, EU:C:2012:242)*** [26]

*Emenda unilaterali tat-termini tal-kuntratt mill-bejjiegħ jew fornitur – Talba għal mandat ta' inibizzjoni mressqa fl-interess pubbliku, f'isem il-konsumaturi, minn organu nnominat mil-leġiżlazzjoni nazzjonali – Konstatazzjoni tan-natura inġusta tal-klawżola*

In-Nemzeti Fogyasztóvédelmi Hatóság (l-Uffiċċju Nazzjonali għall-Protezzjoni tal-Konsumaturi, l-Ungerija, iktar 'il quddiem in-"NFH") għandu s-setgħa jitlob lill-qrati Ungeriżi jiddikjaraw in-nullità ta' klawżola inġusta li tinsab f'kuntratt ta' konsum jekk l-użu ta' tali klawżola minn bejjiegħ jew fornitur jikkonċerna numru kbir ta' konsumaturi jew jikkawża dannu sinjifikattiv. Skont il-leġiżlazzjoni Ungeriża, id-dikjarazzjoni ta' nullità ta' klawżola inġusta mogħtija minn qorti, b'riżultat ta' tali rikors ibbażat fuq l-interess pubbliku (*actio popularis*), tapplika għal kull konsumatur li jkun ikkonkluda kuntratt ma' bejjiegħ jew fornitur li fih tkun tinsab din il-klawżola.

In-NFH kien irċieva numru kbir ta' lmenti minn konsumaturi fil-konfront ta' operatur ta' telefonija fissa li kien introduċa unilateralment, fil-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratti ta' abbonament, klawżola li kienet tagħtih id-dritt jiffattura *a posteriori* lill-klijenti spejjeż li jiġu applikati fil-każ li l-fatturi jitħallsu b'ordni ta' ħlas postali. Barra minn hekk, il-metodu ta' kalkolu ta' dawn l-ispejjeż tal-ordni ma kienx ippreċiżat f'dawn il-kuntratti.

Peress li qies li l-klawżola inkwistjoni kienet klawżola kuntrattwali inġusta u peress li l-operatur irrifjuta li jemenda din il-klawżola, in-NFH ressaq azzjoni quddiem il-Pest Megyei Bíróság (il-Qorti tal-Kontea ta' Pest, l-Ungerija) sabiex jikseb dikjarazzjoni tan-nullità tal-klawżola kkontestata bħala klawżola inġusta kif ukoll ir-rimbors awtomatiku u retroattiv tal-abbonati fir-rigward tas-somom miġbura indebitament u ffatturati bħala "spejjeż tal-ordni". Madankollu, dik il-qorti qieset li s-soluzzjoni tal-kawża kienet tiddependi mill-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 93/13.

Fir-rigward tal-evalwazzjoni tan-natura inġusta tal-klawżola suġġetta għall-evalwazzjoni tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li din kienet taqa' fil-ġurisdizzjoni tal-qorti nazzjonali li tiddeċiedi fil-proċedura mibdija fl-interess pubbliku, f'isem il-konsumaturi, minn organu nnominat mil-

[26] Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll fit-Taqsima VI.1., "Azzjonijiet kollettivi jew ta' interess pubbliku".

leġiżlazzjoni nazzjonali. Kienet l-imsemmija qorti nazzjonali li kellha tevalwa, fid-dawl tal-Artikolu 3(1) u (3) tad-Direttiva 93/13, in-natura inġusta ta' klawżola bħal dik li kienet inkwistjoni f'dan il-każ. Fil-kuntest ta' din l-evalwazzjoni, il-qorti nazzjonali kellha tivverifika b'mod partikolari jekk, fid-dawl tal-klawżoli kollha li jinsabu fil-kundizzjonijiet ġenerali ta' kuntratti ta' konsum u tal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, ir-raġunijiet jew il-metodu tal-varjazzjoni tal-ispejjeż marbuta mas-servizz li kellu jiġi pprovdut kinux speċifikati b'mod ċar u li jinftiehem u jekk il-konsumaturi kellhomx id-dritt li, jekk ikun meħtieġ, itemmu l-kuntratt (dispożittiv 1).

## 2. Rekwiżiti ta' *bona fide*, ta' bilanċ u ta' trasparenza

***Sentenza tal-21 ta' Marzu 2013, RWE Vertrieb (C-92/11, EU:C:2013:180)***

*Direttiva 2003/55/KE – Suq intern tal-gass naturali – Direttiva 93/13/KEE – Kuntratti konklużi bejn bejjiegħa jew fornituri u konsumaturi – Emenda unilaterali mill-bejjiegħ jew fornitur tal-prezz tas-servizz – Riferiment għal leġiżlazzjoni imperattiva maħsuba għal kategorija oħra ta' konsumaturi – Applikabbiltà tad-Direttiva 93/13 – Obbligu ta' tfassil b'mod ċar u li jinftiehem u ta' trasparenza*

F'din is-sentenza, li l-kuntest fattwali u ġuridiku tagħha ġie espost preċedentement [27], il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, fir-rigward tan-natura eventwalment inġusta tal-klawżola kkontestata, li l-leġiżlatur tal-Unjoni rrikonoxxa li, fil-kuntest ta' kuntratti għal żmien indeterminat, bħalma huma l-kuntratti għall-provvista ta' gass, l-impriża ta' provvista kellha interess leġittimu li temenda l-ispejjeż tas-servizz tagħha. Klawżola standardizzata li tippermetti tali adattament unilaterali għandha madankollu tissodisfa r-rekwiżiti ta' *bona fide*, ta' bilanċ u ta' trasparenza. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li fl-aħħar mill-aħħar ma huwiex il-kompitu tagħha, iżda tal-qorti nazzjonali, li tiddetermina, f'kull każ konkret, jekk dan ikunx il-każ. Waqt dan l-eżami, il-qorti nazzjonali għandha tagħti importanza essenzjali lil ċerti kriterji ppreċiżati mill-Qorti tal-Ġustizzja (punti 45 sa 48).

Il-kuntratt għandu jesponi b'mod trasparenti r-raġuni u l-metodu tal-varjazzjoni tal-ispejjeż, b'tali mod li l-konsumatur ikun jista' jipprevedi, abbażi ta' kriterji ċari u li jinftehmu, l-eventwali emendi ta' dawn l-ispejjeż (punt 49).

Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat, f'dan ir-rigward, li l-assenza ta' informazzjoni fuq dan is-suġġett qabel il-konklużjoni tal-kuntratt ma tistax, bħala prinċipju, tiġi kkumpensata bis-sempliċi fatt li l-konsumaturi, matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt, ikunu ser jiġu informati dwar l-emenda tal-ispejjeż permezz ta' preavviż raġonevoli u dwar id-dritt tagħhom li jxolju l-kuntratt jekk ma jkunux jixtiequ jaċċettaw din l-emenda (punt 51).

Fir-rigward tal-possibbiltà ta' xoljiment mogħtija lill-konsumatur, din għandha tkun tista', fil-kundizzjonijiet konkreti, tiġi realment eżerċitata. Dan ma jkunx il-każ meta, minħabba raġunijiet marbuta mal-modalitajiet tax-xoljiment jew mal-kundizzjonijiet tas-suq ikkonċernat, il-

[27] Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tat-tilwima, ara t-Taqsima I.3., "3.1. Esklużjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 – Klawżoli kuntrattwali li jirriflettu dispożizzjonijiet leġiżlattivi jew regolamentari imperattivi", p. 8.

konsumatur ma jkollux possibbiltà reali li jibdel il-fornitur jew meta ma jkunx ġie informat b'mod xieraq u fil-ħin dwar l-emenda (punt 54).

***Sentenza tat-30 ta' April 2014, Kásler u Káslerné Rábai (C-26/13, EU:C:2014:282)***

*Esklużjoni tal-klawżoli li jirrigwardaw is-suġġett prinċipali tal-kuntratt jew l-adegwatezza tal-prezz jew tar-remunerazzjoni kemm-il darba jkunu mfassla b'mod ċar u li jinftiehem – Kuntratti ta' kreditu għall-konsum iddenominati f'munita barranija – Klawżoli dwar ir-rati tal-kambju*

F'din is-sentenza, li l-kuntest fattwali u ġuridiku tagħha ġie espost preċedentement [28], il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li klawżola li tiddefinixxi s-suġġett prinċipali tal-kuntratt ma tkunx suġġetta għal evalwazzjoni tan-natura inġusta tagħha fil-każ biss li tkun imfassla b'mod ċar u li jinftiehem. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li tali rekwiżit ma jirrikjedix biss li din il-klawżola tkun tinftiehem fuq livell formali u fuq livell grammatikali. Għall-kuntrarju, il-kuntratt ta' self għandu jesponi b'mod trasparenti r-raġuni u l-karatteristiċi partikolari tal-mekkaniżmu ta' konverżjoni tal-munita barranija. B'hekk, il-qorti nazzjonali għandha tiddetermina jekk konsumatur normalment informat u raġonevolment attent ikunx seta', abbażi tal-materjal promozzjonali u tal-informazzjoni pprovduta mill-persuna li ssellef fil-kuntest tan-negozjar tal-kuntratt ta' self, mhux biss ikun jaf bl-eżistenza ta' differenza bejn ir-rata tal-kambju tax-xiri u r-rata tal-kambju tal-bejgħ ta' munita barranija, iżda jekk ikunx seta' wkoll jevalwa l-effetti tal-applikazzjoni ta' din l-aħħar rata għall-kalkolu tar-rimborsi u għall-ispiża totali tas-self tiegħu (punti 73 u 76).

***Sentenza tal-20 ta' Settembru 2017, Andriciuc et (C-186/16, EU:C:2017:703)***

*Kuntratt ta' kreditu konkluż f'munita barranija – Riskju tal-kambju li jaqa' kollu kemm hu fuq il-konsumatur – Żbilanċ sinjifikattiv bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet li joħorġu mill-kuntratt – Mument li fih għandu jiġi evalwat l-iżbilanċ – Portata tal-kunċett ta' klawżoli "mfassla b'mod ċar u li jinftiehem" – Livell ta' informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-bank*

F'din is-sentenza, li l-kuntest fattwali u ġuridiku tagħha ġie espost preċedentement [29], il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li r-rekwiżit li klawżola kuntrattwali tkun imfassla b'mod ċar u li jinftiehem jirrikjedi wkoll li l-kuntratt jispjega b'mod trasparenti l-funzjonament konkret tal-mekkaniżmu li għalih tirreferi l-klawżola kkonċernata. Jekk ikun il-każ, il-kuntratt għandu jispjega wkoll ir-relazzjoni bejn dan il-mekkaniżmu u dak stipulat permezz ta' klawżoli oħra, b'tali mod li l-konsumatur jitqiegħed f'pożizzjoni li jevalwa, abbażi ta' kriterji preċiżi u li jinftiehmu, il-konsegwenzi ekonomiċi li jirriżultaw għalih. Din hija kwistjoni li għandha tiġi eżaminata mill-qorti nazzjonali fid-dawl tal-punti ta' fatt rilevanti kollha, li jinkludu l-materjal promozzjonali u l-informazzjoni mogħtija mill-persuna li ssellef fil-kuntest tan-negozjar ta' kuntratt ta' self (punti 45 u 46).

[28] Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tat-tilwima, ara t-Taqsima I.3., "3.2 Esklużjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 - Klawżoli kuntrattwali li jiddefinixxu s-suġġett prinċipali tal-kuntratt jew li jikkonċernaw il-prezz jew ir-remunerazzjoni u s-servizzi jew il-beni li għandhom jiġu pprovduti bħala korrispettiv" p. 13. Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll fit-Taqsima V.2., "Sostituzzjoni tal-klawżola inġusta".

[29] Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tat-tilwima, ara t-Taqsima I.3., "3.2 Esklużjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 - Klawżoli kuntrattwali li jiddefinixxu s-suġġett prinċipali tal-kuntratt jew li jikkonċernaw il-prezz jew ir-remunerazzjoni u s-servizzi jew il-beni li għandhom jiġu pprovduti bħala korrispettiv" p. 14.

B'mod iktar partikolari, il-qorti nazzjonali għandha tivverifika jekk il-konsumatur ikunx ġie informat bl-elementi kollha li jista' jkollhom effett fuq il-portata tal-impenn tiegħu u li jippermettulu jevalwa l-ispiża totali tas-self tiegħu (punt 47).

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-istabbilimenti finanzjarji għandhom jipprovdu lill-persuni li jissellfu informazzjoni suffiċjenti sabiex dawn tal-aħħar ikunu jistgħu jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom bi prudenza u b'għarfien sħiħ tal-fatti. B'hekk, din l-informazzjoni ma għandhiex tirrigwarda biss il-possibbiltà ta' żieda jew tnaqqis fil-valur tal-munita tas-self, iżda għandha tirrigwarda wkoll l-impatt fuq ir-rimborsi taċ-ċaqliq fir-rati tal-kambju u ta' żieda fir-rata ta' interessi tal-munita tas-self (punt 49).

Fil-fatt, minn naħa, il-persuna li tissellef għandha tiġi informata b'mod ċar bil-fatt li, meta tiffirma kuntratt ta' self iddenominat f'munita barranija, hija tkun qiegħda tesponi ruħha għal riskju ta' kambju li jaf ikun ekonomikament diffiċli għaliha li tassumi fil-każ ta' telf tal-valur tal-munita li fiha tirċievi d-dħul tagħha. Min-naħa l-oħra, l-istabbiliment bankarju għandu jesponi l-varjazzjonijiet possibbli tar-rati tal-kambju u r-riskji inerenti għat-teħid ta' self f'munita barranija, b'mod partikolari fil-każ li l-persuna li tissellef ma tkunx tirċievi d-dħul tagħha f'din il-munita (punt 50).

Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li, fil-każ fejn stabbiliment bankarju ma jkunx issodisfa dawn l-obbligi ta' informazzjoni, ta' twissija u ta' parir u lanqas ma jkun issodisfa d-dmir tiegħu li jfassal il-klawżoli kuntrattwali b'mod ċar u li jinftiehem u, konsegwentement, in-natura inġusta tal-klawżola kontenzjuża tkun tista' tiġi eżaminata, il-qorti nazzjonali għandha tevalwa, minn naħa, il-possibbiltà ta' nuqqas ta' osservanza mill-bank tar-rekwiżit ta' *bona fide* u, min-naħa l-oħra, l-eżistenza ta' eventwali żbilanċ sinjifikattiv bejn il-partijiet fil-kuntratt. Din l-evalwazzjoni għandha titwettaq b'riferiment għall-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt ikkonċernat u billi jittieħdu inkunsiderazzjoni t-tagħrif espert u l-konoxxenzi tal-bank fir-rigward tal-varjazzjonijiet possibbli tar-rati tal-kambju u r-riskji inerenti għat-teħid ta' self f'munita barranija. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li klawżola kuntrattwali tista' twassal għal żbilanċ bejn il-partijiet li joħroġ biss matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt (punti 54 sa 57).

***Sentenza tal-20 ta' Settembru 2018, OTP Bank u OTP Faktoring (C-51/17, EU:C:2018:750)***

*Klawżola inkluża fil-kuntratt wara l-konklużjoni tiegħu b'riżultat ta' intervent mil-leġiżlatur nazzjonali – Artikolu 4(2) – Klawżola mfassla b'mod ċar u li jinftiehem*

F'din is-sentenza, li l-kuntest fattwali u ġuridiku tagħha ġie espost preċedentement [30], il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-portata tar-rekwiżit li klawżola kuntrattwali għandha titfassal b'mod ċar u li jinftiehem (punt 73).

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-istabbilimenti finanzjarji huma obbligati jipprovdu lill-persuni li jissellfu informazzjoni suffiċjenti sabiex dawn tal-aħħar ikunu jistgħu jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom bi prudenza u b'għarfien sħiħ tal-fatti. Dan jimplika li klawżola dwar ir-riskju tal-kambju għandha tkun tista' tinftiehem mill-konsumatur mhux biss fuq livell formali u

[30] Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tat-tilwima, ara t-Taqsima I.3., "3.1 Esklużjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 – Klawżoli kuntrattwali li jirriflettu dispożizzjonijiet leġiżlattivi jew regolamentari imperattivi", p. 9. Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll fit-Taqsima II.2., "Kunċett ta' 'klawżola li ma kinitx innegozjata individwalment'".

grammatikali iżda wkoll fir-rigward tal-portata konkreta tagħha. Minn dan isegwi li konsumatur medju, normalment informat u raġonevolment attent u avżat, għandu jkun jista' mhux biss ikun konxju tal-possibbiltà ta' telf fil-valur tal-munita nazzjonali meta mqabbel mal-munita barranija li fiha jkun ġie ddenominat is-self, iżda għandu jkun jista' jevalwa wkoll il-konsegwenzi ekonomiċi potenzjalment sinjifikattivi li tali klawżola jista' jkollha fuq l-obbligi finanzjarji tiegħu (punt 78).

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li n-natura ċara u li tinftiehem tal-klawżoli kuntrattwali għandha tiġi evalwata b'riferiment, fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt, għaċ-ċirkustanzi kollha ta' din il-konklużjoni, kif ukoll għall-klawżoli l-oħra kollha tal-kuntratt, minkejja l-fatt li wħud minn dawn il-klawżoli jkunu ġew iddikjarati jew preżunti inġusti u, għalhekk, annullati, f'mument ulterjuri, mil-leġiżlatur nazzjonali (punt 83 u d-dispożittiv 4).

***Sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019, Kiss u CIB Bank (C-621/17, [EU:C:2019:820](EU:C:2019:820))***

*Obbligu li l-klawżoli kuntrattwali jitfasslu b'mod ċar u li jinftiehem – Klawżoli li jimponu l-ħlas ta' spejjeż għal servizzi mhux speċifikati*

Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali kien ikkonkluda, mal-kumpannija li CIB kienet is-suċċessura tagħha, kuntratt ta' self ta' ammont ta' EUR 16 451 b'rata ta' interessi annwali ta' 5.4 % u bi spejjeż ta' ġestjoni bir-rata annwali ta' 2.4 % fuq tul ta' 20 sena. Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali kellu jħallas ukoll, abbażi tal-klawżoli tal-kuntratt, is-somma ta' 40 000 forint Ungeriżi (HUF) (madwar EUR 125) bħala kummissjoni għar-rilaxx tal-flus.

Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali ppreżenta rikors quddiem il-Győri Törvényszék (il-Qorti ta' Győr, l-Ungerija) intiż li tiġi kkonstatata n-natura inġusta tal-klawżoli relatati mal-ispejjeż ta' ġestjoni u mal-kummissjoni għar-rilaxx tal-flus, minħabba li l-kuntratt ma kienx jelenka fid-dettall is-servizzi preċiżi li kellhom jiġu pprovduti bħala korrispettiv.

Fid-difiża tagħha, CIB sostniet li hija ma kellha ebda obbligu li telenka fid-dettall is-servizzi li għalihom l-ispejjeż ta' ġestjoni u l-kummissjoni għar-rilaxx tal-flus kienu jirrappreżentaw il-korrispettiv. Madankollu, hija ppreċiżat li l-kummissjoni għar-rilaxx tal-flus kienet relatata mal-passi mwettqa qabel il-konklużjoni tal-kuntratt, filwaqt li l-ispejjeż ta' ġestjoni kienu jirrappreżentaw il-korrispettiv għall-kontrolli mwettqa wara l-konklużjoni tal-imsemmi kuntratt.

Adita b'din it-tilwima fl-istadju tal-appell, il-Kúria (il-Qorti Suprema, l-Ungerija) staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-klawżoli inkwistjoni fil-kawża prinċipali kinux imfassla b'mod ċar u li jinftiehem u kif kellha tevalwa n-natura eventwalment inġusta tagħhom.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-rekwiżit li klawżola kuntrattwali għandha titfassal b'mod ċar u li jinftiehem ma jirrikjedix li klawżoli kuntrattwali li ma kinux innegozjati individwalment, li jinsabu f'kuntratt ta' self konkluż ma' konsumaturi, bħal dawk li kienu inkwistjoni fil-kawża prinċipali, u li jiddeterminaw speċifikament l-ammont tal-ispejjeż ta' ġestjoni u ta' kummissjoni għar-rilaxx tal-flus li għandu jitħallas mill-konsumatur, il-metodu tal-kalkolu tagħhom u d-data tal-eżiġibbiltà tagħhom, għandhom jelenkaw ukoll fid-dettall is-servizzi kollha pprovduti bħala korrispettiv għall-ammonti kkonċernati (dispożittiv 1).

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li huwa meħtieġ li n-natura tas-servizzi effettivament ipprovduti tkun tista' raġonevolment tinftiehem jew tiġi dedotta abbażi tal-kuntratt meta kkunsidrat fl-intier tiegħu. Barra minn hekk, il-konsumatur għandu jkun f'pożizzjoni li jivverifika jekk ma jkunx hemm irdoppjar tad-diversi spejjeż jew tas-servizzi rremunerati permezz ta' dawn l-ispejjeż. B'hekk, il-qorti tar-rinviju kellha teżamina jekk dan kienx il-każ fid-dawl tal-punti ta' fatt rilevanti kollha, li kienu jinkludu mhux biss il-klawżoli li jinsabu fil-kuntratt ikkonċernat iżda wkoll il-materjal promozzjonali u l-informazzjoni pprovduti mill-persuna li ssellef fil-kuntest tan-negozjar tal-kuntratt (punti 43 u 44).

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li klawżola kuntrattwali dwar spejjeż ta' ġestjoni ta' kuntratt ta' self, li ma tippermettix li jiġu identifikati mingħajr ambigwità s-servizzi konkreti pprovduti bħala korrispettiv, ma toħloqx, bħala prinċipju, żbilanċ sinjifikattiv bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet li jirriżultaw mill-kuntratt għad-detriment tal-konsumatur, minkejja r-rekwiżit ta' *bona fide* (dispożittiv 2). Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, sakemm is-servizzi pprovduti bħala korrispettiv ma jaqgħux raġonevolment taħt il-prestazzjonijiet imwettqa fil-kuntest tal-ġestjoni jew tar-rilaxx tal-flus tas-self, jew sakemm l-ammonti imposti fuq il-konsumatur abbażi tal-imsemmija spejjeż u tal-imsemmija kummissjoni ma jkunux sproporzjonati meta mqabbla mal-ammont tas-self, ma kienx jidher, bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju, li l-klawżoli dwar l-ispejjeż ta' ġestjoni tas-self u dwar il-kummissjoni għar-rilaxx tal-flus kienu jaffettwaw b'mod sfavorevoli l-pożizzjoni ġuridika tal-konsumatur kif prevista fid-dritt nazzjonali. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju kellha tieħu inkunsiderazzjoni l-effett tal-klawżoli kuntrattwali l-oħra sabiex tiddetermina jekk l-imsemmija klawżoli kinux joħolqu żbilanċ sinjifikattiv għad-detriment tal-persuna li ssellfet (punt 55).

***Sentenza tad-9 ta' Lulju 2020, Ibercaja Banco (C-452/18, EU:C:2020:536)***

*Kuntratt ta' self iggarantit b'ipoteka – Klawżola ta' limitazzjoni tal-varjabbiltà tar-rata ta' interessi (klawżola msejħa "klawżola ta' rata minima") – Kuntratt ta' novazzjoni*

F'din is-sentenza, li l-kuntest fattwali u ġuridiku tagħha ġie espost preċedentement [31], il-Qorti tal-Ġustizzja indikat ukoll li r-rekwiżit ta' trasparenza li għandu fornitur jew bejjiegħ abbażi tad-Direttiva 93/13 [32] jimplika li, meta jiġi konkluż kuntratt ta' self iggarantit b'ipoteka b'rata varjabbli, li jistabbilixxi klawżola "ta' rata minima", il-konsumatur għandu jitqiegħed f'pożizzjoni li jifhem il-konsegwenzi ekonomiċi li jirriżultaw għalih mill-mekkaniżmu stabbilit minn din il-klawżola "ta' rata' minima", b'mod partikolari permezz tat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' informazzjoni dwar l-evoluzzjoni fil-passat tal-indiċi li abbażi tiegħu tkun ikkalkolata r-rata ta' interessi (dispożittiv 3).

[31] Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tat-tilwima, ara t-Taqsima II.1, "Kunċett ta' 'klawżola inġusta'", p. 19. Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll fit-Taqsima II.2., "Kunċett ta' 'klawżola li ma kinitx innegozjata individwalment" u fit-Taqsima V.3., "Effetti oħra".

[32] Artikolu 3(1), Artikolu 4(2) u Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13.

***Sentenza tat-12 ta' Jannar 2023, D.V. (Onorarji tal-avukat – Prinċipju ta' tariffa fis-siegħa) (C-395/21, EU:C:2023:14)***

*Kuntratt għall-provvista ta' servizzi legali konkluż bejn avukat u konsumatur – Artikolu 4(2) – Evalwazzjoni tan-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali – Klawżola li tipprevedi l-ħlas ta' onorarji tal-avukat skont il-prinċipju ta' tariffa fis-siegħa*

F'din is-sentenza, li l-kuntest fattwali u ġuridiku tagħha ġie espost preċedentement [33], il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk klawżola ta' kuntratt għall-provvista ta' servizzi legali konkluż bejn avukat u konsumatur li tiffissa l-prezz tas-servizzi pprovduti skont il-prinċipju ta' tariffa fis-siegħa, li ma kinitx tinkludi informazzjoni oħra għajr ir-rata fis-siegħa użata, kinitx tissodisfa r-rekwiżit ta' tfassil b'mod ċar u li jinftiehem. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, fid-dawl tan-natura tas-servizzi li jkunu s-suġġett ta' kuntratt għall-provvista ta' servizzi legali, ħafna drabi jkun diffiċli, jekk mhux impossibbli, għall-bejjiegħ jew fornitur li jipprevedi, sa mill-konklużjoni tal-kuntratt, in-numru eżatt ta' sigħat neċessarji sabiex jipprovdi tali servizzi u, konsegwentement, l-ispiża totali effettiva tagħhom (punt 41). Madankollu, anki jekk bejjiegħ jew fornitur ma jistax ikun mistenni jinforma lill-konsumatur dwar il-konsegwenzi finanzjarji finali tal-impenn tiegħu, li jiddependu minn avvenimenti futuri, imprevedibbli u indipendenti mir-rieda ta' dan il-bejjiegħ jew fornitur, dan tal-aħħar għandu jikkomunika lill-konsumatur, qabel il-konklużjoni tal-kuntratt, l-informazzjoni li tippermettilu jieħu d-deċiżjoni tiegħu bi prudenza u b'għarfien sħiħ tal-possibbiltà li jseħħu tali avvenimenti u dwar il-konsegwenzi li jistgħu jwasslu għalihom fir-rigward tat-tul tal-provvista ta' servizzi legali (punt 43).

Din l-informazzjoni, li tista' tvarja skont, minn naħa, l-għan u n-natura tas-servizzi previsti u, min-naħa l-oħra, ir-regoli professjonali u deontoloġiċi applikabbli, għandha tinkludi indikazzjonijiet li jippermettu lill-konsumatur jevalwa l-ispiża totali approssimattiva ta' dawn is-servizzi. Stima tan-numru prevedibbli jew minimu ta' sigħat ta' xogħol meħtieġa jew impenn li jintbagħtu, f'intervalli raġonevoli, fatturi jew rapporti perjodiċi li jindikaw in-numru ta' sigħat ta' xogħol imwettqa jistgħu jikkostitwixxu tali indikazzjonijiet. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li kienet il-qorti nazzjonali li kellha tevalwa, billi tieħu inkunsiderazzjoni dawn il-kunsiderazzjonijiet u l-elementi rilevanti kollha preżenti fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt ikkonċernat, jekk il-bejjiegħ jew fornitur kienx ikkomunika lill-konsumatur l-informazzjoni prekuntrattwali xierqa (punt 44).

B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li klawżola li tiffissa l-prezz skont il-prinċipju ta' tariffa fis-siegħa mingħajr ma tkun ġiet ikkomunikata lill-konsumatur, qabel il-konklużjoni tal-kuntratt, informazzjoni li tippermettilu jieħu d-deċiżjoni tiegħu bi prudenza u b'għarfien sħiħ tal-konsegwenzi ekonomiċi li ġġib magħha l-konklużjoni ta' dan il-kuntratt, ma tissodisfax ir-rekwiżit ta' tfassil b'mod ċar u li jinftiehem (dispożittiv 2).

[33] Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tat-tilwima, ara t-Taqsima I.3., "3.2 Esklużjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 - Klawżoli kuntrattwali li jiddefinixxu s-suġġett prinċipali tal-kuntratt jew li jikkonċernaw il-prezz jew ir-remunerazzjoni u s-servizzi jew il-beni li għandhom jiġu pprovduti bħala korrispettiv" p. 16. Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll fit-Taqsima II.1. "Kunċett ta' 'klawżola inġusta'" u fit-Taqsima V.2. "Sostituzzjoni tal-klawżola inġusta".

# IV. Setgħat u obbligi tal-qorti nazzjonali

## 1. Ġurisdizzjoni tal-qorti nazzjonali

***Sentenza tal-1 ta' April 2004, Freiburger Kommunalbauten (C-237/02, EU:C:2004:209)***

*Kuntratt dwar il-kostruzzjoni u l-kunsinna ta' post ta' parkeġġ – Inverżjoni tal-ordni ta' eżekuzzjoni tal-obbligi kuntrattwali prevista fid-dispożizzjonijiet supplenti tad-dritt nazzjonali – Klawżola li tobbliga lill-konsumatur iħallas il-prezz qabel ma l-bejjiegħ jew fornitur ikun wettaq l-obbligi tiegħu – Obbligu tal-bejjiegħ jew fornitur li jipprovdi garanzija*

Permezz ta' kuntratt konkluż quddiem nutar fil-5 ta' Mejju 1998, Freiburger Kommunalbauten, impriża ta' kostruzzjoni komunali, fil-kuntest tal-attivitajiet kummerċjali tagħha, biegħet lil koppja ta' xerrejja, għal finijiet privati, post ta' parkeġġ f'bini għall-parkeġġ li hija kellha tibni.

Il-kuntratt kien jipprovdi li l-prezz kollu jkun dovut wara l-għoti ta' garanzija mill-imprenditur. Fil-każ ta' dewmien fil-ħlas, ix-xerrej kellu jħallas interessi moratorji.

Wara l-għoti tal-garanzija, l-akkwirenti rrifjutaw li jeżegwixxu l-ħlas. Huma sostnew li d-dispożizzjoni dwar l-eżiġibbiltà tat-totalità tal-prezz kienet tmur kontra l-Artikolu 9 tal-Bürgerliches Gesetzbuch (il-Kodiċi Ċivili Ġermaniż). Huma ħallsu l-prezz biss wara l-kunsinna tal-post ta' parkeġġ, mingħajr difetti, fil-21 ta' Diċembru 1999.

Għaldaqstant, Freiburger Kommunalbauten talbet interessi moratorji minħabba l-ħlas tardiv quddiem il-Landgericht Freiburg (il-Qorti Reġjonali ta' Freiburg, il-Ġermanja), li laqgħet it-talba.

Adita bit-tilwima permezz ta' rikors għal reviżjoni, il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk klawżola li tinsab fil-kundizzjonijiet ġenerali tal-bejgħ, li permezz tagħha x-xerrej ta' kostruzzjoni li tkun għad trid tinbena jkollu jħallas il-prezz kollu, indipendentement mill-istat ta' progress tal-kostruzzjoni, meta l-bejjiegħ ikun tah minn qabel garanzija bankarja ta' natura li tkopri s-somom li x-xerrej jista' jitlob minħabba n-nuqqas ta' eżekuzzjoni jew minħabba eżekuzzjoni żbaljata tal-kuntratt, kellhiex titqies li kienet inġusta fis-sens tad-Direttiva 93/13.

Permezz ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li kienet il-qorti nazzjonali li kellha tiddetermina jekk klawżola f'kuntratt ta' kostruzzjoni li tirrendi l-prezz kollu dovut qabel l-eżekuzzjoni mill-bejjiegħ jew fornitur tal-obbligi tiegħu u li timponi l-għoti ta' garanzija minn dan tal-aħħar kinitx tissodisfa l-kriterji meħtieġa sabiex tiġi kklassifikata bħala inġusta fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13 (dispożittiv).

Fil-fatt, għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tinterpreta l-kriterji ġenerali użati mil-leġiżlatur Komunitarju sabiex jiddefinixxi l-kunċett ta' "klawżola inġusta" kif jinsab fid-Direttiva 93/13, hija għall-kuntrarju ma tistax tagħti deċiżjoni dwar l-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji ġenerali għal klawżola partikolari li jkollha tiġi eżaminata fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ ineżami (punt 22).

# 2. Obbligu ta’ eżami *ex officio* tan-natura inġusta ta’ klawżola kuntrattwali

## 2.1. Portata tal-obbligu

***Sentenza tas-27 ta’ Ġunju 2000, Océano Grupo Editorial (C-240/98 sa C-244/98, EU:C:2000:346)***

*Klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni – Setgħa tal-qorti li teżamina ex officio n-natura inġusta ta’ tali klawżola*

F’din is-sentenza, li l-kuntest fattwali u ġuridiku tagħha ġie espost preċedentement [34], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-protezzjoni li d-Direttiva 93/13 tagħti lill-konsumaturi timplika li l-qorti nazzjonali għandha tkun tista’ tevalwa *ex officio* n-natura inġusta ta’ klawżola f’kuntratt li jitressaq quddiemha meta teżamina l-ammissibbiltà ta’ talba mressqa quddiem il-qrati nazzjonali. Meta tapplika dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali adottati qabel jew wara d-Direttiva 93/13, il-qorti nazzjonali hija obbligata tinterpretahom, sa fejn huwa possibbli, fid-dawl tat-test u tal-għan ta' din id-direttiva. Ir-rekwiżit ta’ interpretazzjoni konformi jirrikjedi b’mod partikolari li l-qorti nazzjonali tiffavorixxi dik l-interpretazzjoni li tippermettilha tirrifjuta *ex officio* li tassumi ġurisdizzjoni attribwita lilha bis-saħħa ta’ klawżola inġusta (dispożittiv 2).

***Sentenza tal-4 ta’ Ġunju 2009, Pannon GSM (C-243/08, EU:C:2009:350)***

*Setgħa u obbligu tal-qorti nazzjonali li teżamina ex officio n-natura inġusta ta’ klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni – Kriterji ta’ evalwazzjoni*

Konsumatur kien ikkonkluda, mal-kumpannija Pannon, kuntratt ta’ abbonament dwar il-provvista ta’ servizzi ta’ telefonija mobbli. Meta ffirma l-kuntratt, il-konsumatur aċċetta wkoll il-kundizzjonijiet ġenerali kuntrattwali tal-kumpannija li kienu jistipulaw, b’mod partikolari, il-ġurisdizzjoni tal-Budaörsi Városi Bíróság (il-Qorti Muniċipali ta’ Budaörs, l-Ungerija), il-qorti tad-distrett ġudizzjarju fejn kien jinsab l-uffiċċju rreġistrat ta’ Pannon, fir-rigward ta’ kull tilwima li tirriżulta mill-kuntratt ta’ abbonament jew fir-rigward tiegħu.

Peress li qieset li dan il-konsumatur ma kienx ikkonforma ruħu mal-obbligi kuntrattwali tiegħu, Pannon fetħet kawża quddiem il-Budaörsi Városi Bíróság (il-Qorti Muniċipali ta’ Budaörs), li kkonstatat li r-residenza permanenti tal-konsumatur, li kien jibbenefika minn pensjoni ta’ invalidità, kienet tinsab f’Dombegyház, jiġifieri 275 kilometru bogħod minn Budaörs, b’possibbiltajiet ta’ trasport limitati ħafna bejn iż-żewġ lokalitajiet.

Dik il-qorti rrilevat ukoll li, skont ir-regoli tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Ungeriż, fl-assenza tal-klawżola fil-kuntratt ta’ abbonament li kienet tistipula l-ġurisdizzjoni tagħha, il-qorti li territorjalment kien ikollha ġurisdizzjoni kienet tkun dik fejn kienet tinsab ir-residenza tal-konsumatur.

[34] Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tat-tilwima, ara t-Taqsima II.1, “Kunċett ta’ ‘klawżola inġusta’”, p. 19.

Madankollu, peress li kellha dubji dwar in-natura eventwalment inġusta tal-klawżola fil-kuntratt ta' abbonament li tistipula l-ġurisdizzjoni tagħha, il-Budaörsi Városi Bíróság (il-Qorti Muniċipali ta' Budaörs) għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja domandi preliminari dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 93/13. Hija xtaqet tkun taf, b'mod partikolari, jekk kinitx obbligata teżamina *ex officio*, fil-kuntest tal-verifika tal-ġurisdizzjoni territorjali tagħha stess, in-natura inġusta ta' din il-klawżola.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, qabel kollox, li l-protezzjoni li d-Direttiva 93/13 tagħti lill-konsumaturi tkopri l-każijiet li fihom il-konsumatur, li jkun ikkonkluda ma' bejjiegħ jew fornitur kuntratt li jkun fih klawżola inġusta, jastjeni milli jinvoka n-natura inġusta ta' din il-klawżola jew għaliex ma jkunx jaf id-drittijiet tiegħu, jew minħabba l-fatt li l-ispejjeż li tinvolvi azzjoni ġudizzjarja jiddisswaduh milli jinvoka d-drittijiet tiegħu (punt 30).

Għaldaqstant, ir-rwol tal-qorti nazzjonali fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumaturi ma huwiex limitat għas-sempliċi possibbiltà li tieħu deċiżjoni dwar in-natura eventwalment inġusta ta' klawżola kuntrattwali, iżda jinkludi wkoll l-obbligu li teżamina *ex officio* din il-kwistjoni, meta jkollha għad-dispożizzjoni tagħha l-punti ta' liġi u ta' fatt meħtieġa għal dan il-għan, inkluż meta jkollha dubju dwar il-ġurisdizzjoni territorjali tagħha stess. Meta l-qorti nazzjonali tqis li tali klawżola tkun inġusta, hija ma għandhiex tapplikaha, sakemm il-konsumatur, wara li jkun ġie avżat mill-qorti, ma jkollux l-intenzjoni li ma jinvokax in-natura inġusta u mhux vinkolanti tagħha (punti 32 u 33).

Bl-istess mod, ma hijiex kompatibbli mad-Direttiva 93/13 regola nazzjonali li tipprovdi li jkun biss fil-każ li l-konsumatur ikun ikkontesta b'suċċess quddiem il-qorti nazzjonali klawżola kuntrattwali inġusta li huwa ma jkunx marbut biha. Fil-fatt, tali regola teskludi l-possibbiltà għall-qorti nazzjonali li tevalwa *ex officio* n-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali (dispożittiv 1).

### ***Sentenza tad-9 ta' Novembru 2010 (Awla Manja), VB Pénzügyi Lízing (C-137/08, EU:C:2010:659)***

*Kriterji ta' evalwazzjoni – Eżami ex officio, mill-qorti nazzjonali, tan-natura inġusta ta' klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni*

F'din is-sentenza, li l-kuntest fattwali u ġuridiku tagħha ġie espost preċedentement [35], il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li l-qorti nazzjonali għandha tieħu *ex officio* miżuri istruttorji sabiex tistabbilixxi jekk klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni territorjali esklużiva u li tinsab fil-kuntratt li jkun is-suġġett tat-tilwima mressqa quddiemha u li jkun ġie konkluż bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur, taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13, u, fl-affermattiv, għandha tevalwa *ex officio* n-natura eventwalment inġusta ta' tali klawżola. Fil-fatt, sabiex tiġi ggarantita l-effettività tal-protezzjoni tal-konsumaturi mixtieqa mil-leġiżlatur tal-Unjoni f'sitwazzjoni kkaratterizzata min-nuqqas ta' parità bejn il-konsumatur u l-bejjiegħ jew fornitur, sitwazzjoni li tkun tista' tiġi kkumpensata biss b'intervent pożittiv li ma jiġix mill-partijiet fil-kuntratt biss, il-qorti nazzjonali għandha, fil-każijiet kollha u indipendentement mir-regoli tad-dritt intern, tiddetermina jekk il-klawżola kontenzjuża kinitx innegozjata individwalment jew le bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur (punt 48 u d-dispożittiv 3).

[35] Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tat-tilwima, ara t-Taqsima III.1., "Kriterji ta' evalwazzjoni", p. 27.

***Sentenza tas-17 ta' Mejju 2018, Karel de Grote – Hogeschool Katholieke Hogeschool Antwerpen (C-147/16, EU:C:2018:320)***

*Eżami ex officio, mill-qorti nazzjonali, tal-kwistjoni dwar jekk kuntratt jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13*

F'din is-sentenza, li l-kuntest fattwali u ġuridiku tagħha ġie espost preċedentement [36], il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li qorti nazzjonali li tagħti deċiżjoni fil-kontumaċja u li jkollha s-setgħa, skont ir-regoli proċedurali interni, teżamina *ex officio* l-kunflitt bejn il-klawżola li fuqha tkun ibbażata t-talba u r-regoli nazzjonali ta' ordni pubbliku hija obbligata teżamina *ex officio* jekk il-kuntratt li fih tkun tinsab din il-klawżola jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 u, jekk ikun il-każ, in-natura eventwalment inġusta tal-imsemmija klawżola fis-sens ta' din id-direttiva (dispożittiv 1).

***Sentenza tal-11 ta' Marzu 2020, Lintner (C-511/17, EU:C:2020:188)***

*Kuntratt ta' self iddenominat f'munita barranija – Teħid inkunsiderazzjoni tal-klawżoli l-oħra kollha tal-kuntratt għall-finijiet tal-evalwazzjoni tan-natura inġusta tal-klawżola kkontestata – Artikolu 6(1) – Eżami ex officio mill-qorti nazzjonali tan-natura inġusta tal-klawżoli inklużi fil-kuntratt – Portata*

Ir-rikorrenti kienet ippreżentat rikors quddiem il-Fővárosi Törvényszék (il-Qorti tal-Belt ta' Budapest, l-Ungerija) dwar in-natura allegatament inġusta ta' ċerti klawżoli inklużi f'kuntratt ta' self iggarantit b'ipoteka ddenominat f'munita barranija li hija kienet ikkonkludiet ma' stabbiliment bankarju. Skont dawn il-klawżoli, dan l-istabbiliment bankarju kellu d-dritt jemenda unilateralment dan il-kuntratt ta' self. Dik il-qorti ċaħdet dan ir-rikors iżda, wara appell ippreżentat mir-rikorrenti, il-qorti tal-appell kompetenti bagħtet il-kawża lura quddiemha u obbligatha teżamina *ex officio* l-klawżoli kuntrattwali li r-rikorrenti ma kinitx ikkritikat fir-rikors inizjali tagħha u li kienu jirrigwardaw, b'mod partikolari, iċ-ċertifikat nutarili, ir-raġunijiet għal xoljiment u ċerti spejjeż sostnuti minn din tal-aħħar.

Adita b'rinviju għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni, fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-portata tal-eżami *ex officio* tan-natura eventwalment inġusta ta' klawżola kuntrattwali li l-qorti nazzjonali għandha twettaq skont id-Direttiva 93/13, li dik il-qorti ma kinitx obbligata teżamina *ex officio* u individwalment il-klawżoli kuntrattwali l-oħra kollha, li ma kinux ġew ikkontestati minn dan il-konsumatur, sabiex tivverifika jekk dawn setgħux jitqiesu li kienu inġusti, iżda kellha teżamina biss dawk li kienu marbuta tas-suġġett tat-tilwima, kif kienet ġiet iddeterminata mill-partijiet. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li dan l-eżami għandu josserva l-limiti tas-suġġett tat-tilwima, mifhum bħala l-eżitu li parti trid tilħaq permezz tal-pretensjonijiet tagħha, moqrija fid-dawl tat-talbiet u tal-motivi ppreżentati għal dan il-għan mill-partijiet. Għaldaqstant, huwa f'dawn il-limiti li l-qorti nazzjonali għandha teżamina *ex officio* klawżola kuntrattwali u dan sabiex jiġi evitat li t-talbiet tal-konsumatur jiġu miċħuda permezz ta' deċiżjoni li tkun saret, jekk ikun il-każ, *res judicata*, meta setgħu jintlaqgħu li kieku dan il-konsumatur ma kienx, minħabba nuqqas ta' għarfien, naqas milli jinvoka n-natura inġusta ta' din il-klawżola. Il-Qorti tal-Ġustizzja barra minn hekk enfasizzat li, sabiex ma jiġix ippreġudikat l-effett

[36] Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tat-tilwima, ara t-Taqsima I.2, "Kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae*: kunċetti ta' "bejjiegħ jew fornitur" u ta' "konsumatur", p. 5.

utli tal-protezzjoni mogħtija lill-konsumaturi bis-saħħa tal-imsemmija direttiva, il-qorti nazzjonali ma għandhiex twettaq qari formali tat-talbiet li jitressqu quddiemha, iżda għandha, għall-kuntrarju, tifhem il-kontenut tagħhom fid-dawl tal-motivi invokati insostenn tagħhom (punti 28, 30, 32 u 33, u d-dispożittiv 1).

Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-implimentazzjoni tal-eżami *ex officio* tan-natura inġusta ta' klawżola, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li jekk il-punti ta' liġi u ta' fatt inklużi fil-proċess ippreżentat quddiem il-qorti nazzjonali jqajmu dubji serji fir-rigward tan-natura inġusta ta' ċerti klawżoli li ma jkunux issemmew mill-konsumatur, iżda li jkollhom rabta mas-suġġett tat-tilwima, dik il-qorti għandha tadotta *ex officio* miżuri istruttorji sabiex tikkompleta dan il-proċess, billi titlob lill-partijiet, b'osservanza tal-prinċipju ta' kontradittorju, jipprovdulha l-kjarifiki u d-dokumenti meħtieġa għal dan il-għan (punt 37).

## 2.2. Limiti tal-obbligu

***Sentenza tal-21 ta' Novembru 2002, Cofidis (C-473/00, EU:C:2002:705)***

*Azzjoni mressqa minn bejjiegħ jew fornitur – Dispożizzjoni interna li tipprojbixxi lill-qorti nazzjonali fl-iskadenza ta' terminu ta' dekadenza milli tirrileva, ex officio jew fuq eċċezzjoni mqajma mill-konsumatur, in-natura inġusta ta' klawżola*

Permezz ta' kuntratt tas-26 ta' Jannar 1998, Cofidis tat lil persuna li tissellef faċilità ta' kreditu. Peress li r-rimborsi baqgħu ma tħallsux mal-iskadenzi tagħhom, Cofidis ressqet, fl-24 ta' Awwissu 2000, lil din il-persuna li tissellef quddiem it-tribunal d'instance de Vienne (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Vienne, Franza) għall-ħlas tas-somom dovuti.

Minkejja li kkonstatat in-natura inġusta ta' ċerti klawżoli tal-kuntratt ta' kreditu, it-tribunal d'instance de Vienne (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Vienne) qieset li t-terminu ta' dekadenza ta' sentejn previst fl-Artikolu L. 311–37 tal-Kodiċi tal-Konsum Franċiż kien applikabbli u kien jipprekludiha milli tannulla l-klawżoli li hija kienet ikkonstatat in-natura inġusta tagħhom.

Hija ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk ir-rekwiżit ta' interpretazzjoni konformi tas-sistema ta' protezzjoni tal-konsumaturi prevista fid-Direttiva jimponix fuq il-qorti nazzjonali, adita b'azzjoni għal ħlas, mibdija mill-bejjiegħ jew fornitur kontra l-konsumatur li miegħu huwa jkun ikkonkluda kuntratt, l-obbligu li ma tapplikax regola proċedurali ta' eċċezzjoni, bħal dik prevista fl-Artikolu L. 311–37 tal-Kodiċi tal-Konsum. Fil-prattika, din ir-regola kienet tipprojbixxi lill-qorti nazzjonali milli tannulla, fuq talba tal-konsumatur jew *ex officio*, kull klawżola inġusta li tivvizzja l-kuntratt meta dan ikun ġie konkluż iktar minn sentejn qabel il-ftuħ tal-kawża u kienet għalhekk tippermetti lill-bejjiegħ jew lill-fornitur jinvoka l-imsemmija klawżoli quddiem qorti u jibbaża l-azzjoni tiegħu fuqhom.

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-protezzjoni li d-Direttiva 93/13 tagħti lill-konsumaturi tkopri l-każijiet li fihom il-konsumatur li jkun ikkonkluda ma' bejjiegħ jew fornitur kuntratt li jinkludi klawżola inġusta jastjeni milli jinvoka n-natura inġusta ta' din il-klawżola. Għaldaqstant, kien jidher li, fil-proċeduri li jkollhom bħala għan l-eżekuzzjoni ta' klawżoli

inġusti, introdotti minn bejjiegħa jew fornituri kontra konsumaturi, l-iffissar ta' limitu ta' żmien għas-setgħa tal-qorti li teskludi, *ex officio* jew fuq eċċezzjoni mqajma mill-konsumatur, tali klawżoli jkun ta' natura li jippreġudika l-effettività tal-protezzjoni mixtieqa mill-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva (punt 35).

Għalhekk, dispożizzjoni proċedurali li tipprojbixxi lill-qorti nazzjonali, fl-iskadenza ta' terminu ta' dekadenza, milli tirrileva, *ex officio* jew fuq eċċezzjoni mqajma minn konsumatur, in-natura inġusta ta' klawżola li l-eżekuzzjoni tagħha hija mitluba mill-bejjiegħ jew fornitur hija ta' natura li tagħmel eċċessivament diffiċli, fil-kawżi li fihom il-konsumaturi jkunu konvenuti, l-applikazzjoni tal-protezzjoni li d-Direttiva hija intiża li tagħtihom u, konsegwentement, ma għandhiex tiġi applikata mill-qorti nazzjonali (punt 36).

***Sentenza tat-18 ta' Frar 2016, Finanmadrid EFC (C-49/14, EU:C:2016:98)***

*Proċedura għal ordni ta' ħlas – Proċedura ta' eżekuzzjoni forzata – Kompetenza tal-qorti nazzjonali tal-eżekuzzjoni sabiex tqajjem ex officio n-nullità tal-klawżola inġusta – Prinċipju ta' awtorità ta' res judicata – Prinċipju ta' effettività – Protezzjoni ġudizzjarja*

Din il-kawża kienet tikkonċerna leġiżlazzjoni Spanjola li, minn naħa, ma kinitx tipprevedi, mingħajr ebda eċċezzjoni, l-intervent tal-qorti nazzjonali fil-proċedura għal ordni ta' ħlas u, min-naħa l-oħra, lanqas ma kienet tippermetti lill-qorti nazzjonali tistħarreġ *ex officio* l-eventwali eżistenza ta' klawżoli inġusti fil-kuntest tal-eżekuzzjoni tal-imsemmija ordni ta' ħlas.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-konsumatur seta' jsib ruħu suġġett għal titolu eżekuttiv mingħajr ma jkun ibbenefika, f'ebda mument tal-proċedura, mill-garanzija ta' evalwazzjoni tan-natura inġusta tal-klawżoli inkwistjoni, f'sitwazzjoni fejn l-iżvolġiment u l-karatteristiċi partikolari tal-proċedura għal ordni ta' ħlas ikunu tali li, fl-assenza ta' ċirkustanzi speċifiċi li jeħtieġu l-intervent tal-qorti, din il-proċedura tingħalaq mingħajr il-possibbiltà li tkun tista' tiġi mistħarrġa l-eżistenza ta' klawżoli inġusti f'kuntratt konkluż bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur, u f'sitwazzjoni fejn il-qorti adita bl-eżekuzzjoni tal-ordni ta' ħlas ma jkollhiex kompetenza sabiex tevalwa *ex officio* l-eżistenza ta' tali klawżoli. Tali qafas proċedurali jkun ta' natura li jippreġudika l-effettività tal-protezzjoni tad-drittijiet li jirriżultaw mid-Direttiva 93/13. Fil-fatt, protezzjoni effettiva ta' dawn id-drittijiet tista' tiġi ggarantita biss jekk l-imsemmija sistema proċedurali tippermetti, fil-kuntest ta' proċedura għal ordni ta' ħlas jew fil-kuntest ta' proċedura għall-eżekuzzjoni ta' tali ordni, stħarriġ *ex officio* tan-natura potenzjalment inġusta tal-klawżoli li jkunu jinsabu fil-kuntratt ikkonċernat (punti 45 u 46).

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, din il-kunsiderazzjoni ma tkunx tista' tiddaħħal inkwistjoni meta d-dritt proċedurali nazzjonali jagħti lil deċiżjoni mogħtija mill-awtorità li quddiemha titressaq it-talba għal ordni ta' ħlas l-awtorità ta' *res judicata* u jirrikonoxxi lil din id-deċiżjoni effetti analogi għal dawk ta' deċiżjoni ġudizzjarja. Fil-fatt, tali leġiżlazzjoni ma tidhirx li hija konformi mal-prinċipju ta' effettività sa fejn tagħmel impossibbli jew eċċessivament diffiċli, fil-proċeduri mressqa minn bejjiegħ jew fornitur li fihom il-konsumaturi jkunu konvenuti, l-applikazzjoni tal-protezzjoni li d-Direttiva 93/13 hija intiża li tagħti lil dawn tal-aħħar (punti 47 u 48).

***Sentenza tas-26 ta' Jannar 2017, Banco Primus (C-421/14, EU:C:2017:60)***

*Kuntratti ta' self iggarantit b'ipoteka – Proċedura ta' sekwestru ta' proprjetà ipotekata – Terminu ta' dekadenza – Funzjoni tal-qrati nazzjonali – Awtorità ta' res judicata*

Fl-2008, il-kumpannija Banco Primus tat lil persuna li tissellef self iggarantit b'ipoteka fuq l-abitazzjoni tiegħu. Wara n-nuqqas ta' ħlas ta' seba' pagamenti mensili konsekuttivi, l-iskadenza tat-terminu ġiet iddikjarata b'applikazzjoni ta' klawżola tal-kuntratt ta' self. Banco Primus talbet il-pagament tal-kapital kollu li kien għadu dovut, l-interessi ordinarji u l-interessi moratorji kif ukoll spejjeż oħra. Hija talbet ukoll il-bejgħ b'subbasta tal-beni ipotekati. Peress li ebda xerrej ma ppreżenta ruħu waqt il-bejgħ b'subbasta, il-Juzgado de Primera Instancia nº 2 de Santander (il-Qorti tal-Ewwel Istanza Nru 2 ta' Santander, Spanja, iktar 'il quddiem il-"qorti tal-ewwel istanza") assenjat il-beni lil Banco Primus, li talbet it-tgawdija ta' dan il-beni. Dan id-dħul fit-tgawdija tal-beni ġie ddifferit minħabba tliet rikorsi inċidentali suċċessivi, fosthom dak li wassal għall-adozzjoni ta' digriet li kklassifika bħala inġusta l-klawżola tal-kuntratt ta' self dwar l-interessi moratorji. L-adozzjoni ta' deċiżjoni fir-rigward tat-tielet rikors inċidentali temmet is-sospensjoni tal-proċedura ta' żgumbrament li kienet għaddejja.

Permezz ta' rikors inċidentali straordinarju, il-persuna li kienet issellfet ippreżentat oppożizzjoni, quddiem il-qorti tal-ewwel istanza, għall-proċedura ta' sekwestru tal-beni ipotekati tagħha, filwaqt li invokat in-natura inġusta tal-klawżola tal-kuntratt ta' self dwar l-interessi moratorji. Sussegwentement għal din l-oppożizzjoni, wara li ssospendiet il-proċedura ta' żgumbrament, il-qorti tal-ewwel istanza kkonstatat li kien għad hemm dubji dwar in-natura inġusta, fis-sens tad-Direttiva 93/13, ta' ċerti klawżoli tal-kuntratt ta' self minbarra dik relatata mal-interessi moratorji.

Madankollu, l-imsemmija qorti kkonstatat, b'mod partikolari, li l-leġiżlazzjoni Spanjola li kienet tirregola l-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata* kienet tipprekludi eżami ġdid tan-natura inġusta tal-klawżoli tal-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali peress li l-legalità tal-kuntratt, fid-dawl tad-Direttiva 93/13, kienet diġà ġiet ivverifikata fil-kuntest ta' deċiżjoni li kienet saret definittiva.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva 93/13 ma kinitx tipprekludi regola nazzjonali li tipprojbixxi lill-qorti nazzjonali milli teżamina mill-ġdid *ex officio* n-natura inġusta tal-klawżoli ta' kuntratt konkluż ma' bejjiegħ jew fornitur meta tkun diġà ngħatat deċiżjoni, li jkollha l-awtorità ta' *res judicata*, dwar il-legalità tal-klawżoli kollha tal-kuntratt fid-dawl ta' din id-direttiva (l-ewwel paragrafu tad-dispożittiv 2). Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, fil-fatt, il-qorti nazzjonali għandha tevalwa *ex officio* n-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 u, meta tagħmel dan, għandha tirrimedja l-iżbilanċ li jkun hemm bejn il-konsumatur u l-bejjiegħ jew il-fornitur kemm-il darba jkollha quddiemha l-punti ta' liġi u ta' fatt meħtieġa għal dan il-għan (punt 43).

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret l-importanza li għandu l-prinċipju ta' *res judicata*, kemm fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni kif ukoll fl-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali. Fil-fatt, sabiex jiġu ggarantiti kemm l-istabbiltà tad-dritt u tar-relazzjonijiet ġuridiċi kif ukoll l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, huwa essenzjali li ma jkunux jistgħu jibqgħu jiġu kkontestati d-deċiżjonijiet ġudizzjarji li jkunu saru definittivi wara li jkunu ntużaw ir-rimedji ġudizzjarji kollha disponibbli jew wara li jkunu skadew it-termini previsti għall-eżerċizzju ta' dawn ir-rimedji (punt 46).

Barra minn hekk, id-dritt tal-Unjoni ma jimponix fuq qorti nazzjonali l-obbligu li ma tapplikax ir-regoli proċedurali interni li jagħtu l-awtorità ta' *res judicata* lil deċiżjoni, anki jekk dan jippermetti li jiġi rrimedjat ksur ta' dispożizzjoni, tkun xi tkun in-natura tagħha, li tinsab fid-Direttiva 93/13, sakemm id-dritt nazzjonali ma jagħtix lil tali qorti din is-setgħa fil-każ ta' ksur tar-regoli nazzjonali ta' ordni pubbliku. Barra minn hekk, skont id-dritt tal-Unjoni, il-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva tal-konsumaturi ma jimplikax dritt ta' aċċess għal żewġ istanzi ġudizzjarji iżda biss għal istanza ġudizzjarja waħda (punti 47 u 48).

Madankollu, il-kundizzjonijiet stabbiliti fid-drittijiet nazzjonali sabiex il-klawżoli inġusti li jinsabu f'kuntratt konkluż ma' konsumatur minn bejjiegħ jew fornitur ma jkunux jorbtu lill-konsumaturi, li għalihom jirreferi l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13, ma jistgħux jippreġudikaw is-sustanza tad-dritt li l-konsumaturi jisiltu minn din id-direttiva li ma jkunux marbuta bi klawżola meqjusa inġusta (punt 51).

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, meta jkun hemm klawżola kuntrattwali waħda jew iktar li n-natura eventwalment inġusta tagħha jew tagħhom ma tkunx ġiet eżaminata fil-kuntest ta' stħarriġ ġudizzjarju preċedenti tal-kuntratt kontenzjuż konkluż permezz ta' deċiżjoni li jkollha l-awtorità ta' *res judicata*, il-qorti nazzjonali, adita b'mod regolari mill-konsumatur permezz ta' oppożizzjoni inċidentali, għandha tevalwa, fuq talba tal-partijiet jew *ex officio* meta jkollha l-punti ta' liġi u ta' fatt meħtieġa għal dan il-għan, in-natura eventwalment inġusta ta' dawn il-klawżoli (it-tieni paragrafu tad-dispożittiv 2). Fil-fatt, fl-assenza ta' tali stħarriġ, il-protezzjoni tal-konsumatur tkun inkompleta u insuffiċjenti u tikkostitwixxi rimedju li la huwa adegwat u lanqas effettiv sabiex jitwaqqaf l-użu ta' dan it-tip ta' klawżoli, kuntrarjament għal dak li jipprevedi l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13 (punt 52).

***Sentenza tas-17 ta' Mejju 2022 (Awla Manja), Ibercaja Banco (C-600/19, EU:C:2022:394)***

*Proċedura ta' eżekuzzjoni ta' ipoteka – Natura inġusta tal-klawżola li tiffissa r-rata nominali tal-interessi moratorji u tal-klawżola ta' eżiġibbiltà antiċipata li jinsabu fil-kuntratt ta' self – Awtorità ta' res judicata u dekadenza – Telf tal-possibbiltà li tiġi invokata n-natura inġusta ta' klawżola tal-kuntratt quddiem qorti – Setgħa ta' stħarriġ ex officio tal-qorti nazzjonali*

It-tilwima fil-kawża prinċipali, bejn MA u Ibercaja Banco SA, kienet dwar talba għall-ħlas tal-interessi dovuti lill-istabbiliment bankarju minħabba n-nuqqas ta' MA u PO li jonoraw il-kuntratt ta' self iggarantit b'ipoteka konkluż bejn dawn il-partijiet. Il-qorti kompetenti ordnat l-eżekuzzjoni tat-titolu ipotekarju miżmum minn Ibercaja Banco u awtorizzat is-sekwestru kontra l-konsumaturi. Kien biss matul il-proċedura ta' eżekuzzjoni, preċiżament wara l-bejgħ b'subbasta tal-proprjetà immobbli ipotekata, li MA invoka n-natura inġusta tal-klawżola dwar l-interessi moratorji u tal-klawżola ta' rata minima, jiġifieri meta l-effett ta' *res judicata* u ta' dekadenza la kienu jippermettu lill-qorti teżamina *ex officio* n-natura inġusta tal-klawżoli u lanqas ma kienu jippermettu lill-konsumatur jinvoka n-natura inġusta tal-imsemmija klawżoli. Il-kuntratt kien is-suġġett ta' eżami *ex officio* meta nfetħet il-proċedura ta' eżekuzzjoni ta' ipoteka, iżda l-eżami tal-klawżoli kontenzjużi la ssemma espliċitament u lanqas ma kien motivat.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja indirizzat l-interazzjoni bejn il-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata*, id-dekadenza u s-setgħa tal-qorti nazzjonali li teżamina *ex officio* n-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali fil-kuntest ta' proċedura ta' eżekuzzjoni ta' ipoteka.

Minn naħa, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13 jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li, minħabba l-awtorità ta' *res judicata* u d-dekadenza, la tippermetti lill-qorti teżamina *ex officio* n-natura inġusta ta' klawżoli kuntrattwali fil-kuntest ta' proċedura ta' eżekuzzjoni ta' ipoteka, u lanqas ma tippermetti lill-konsumatur, wara l-iskadenza tat-terminu jressaq oppożizzjoni, jinvoka n-natura inġusta tal-imsemmija klawżoli kuntrattwali f'din il-proċedura jew fi proċedura dikjaratorja sussegwenti. Din l-interpretazzjoni tad-Direttiva tapplika meta l-imsemmija klawżoli jkunu diġà ġew suġġetti, fil-mument tal-ftuħ tal-proċedura ta' eżekuzzjoni ta' ipoteka, għal eżami *ex officio* mingħajr ma dan l-eżami jissemma jew jiġi motivat espliċitament fid-deċiżjoni li tawtorizza l-eżekuzzjoni tal-ipoteka, u mingħajr ma din id-deċiżjoni tal-aħħar tindika li tali eżami ma jkunx ser ikun jista' jiġi kkontestat iktar jekk ma ssirx oppożizzjoni. Fil-fatt, sa fejn ma jkunx ġie informat bl-eżistenza ta' eżami *ex officio* tan-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali fid-deċiżjoni li tawtorizza l-eżekuzzjoni ta' ipoteka, il-konsumatur ma jkunx jista' jevalwa b'għarfien sħiħ il-ħtieġa li jippreżenta rikors kontra din id-deċiżjoni. Issa, stħarriġ effikaċi tan-natura eventwalment inġusta tal-klawżoli kuntrattwali ma jistax jiġi ggarantit jekk l-awtorità ta' *res judicata* tkun marbuta wkoll mad-deċiżjonijiet ġudizzjarji li ma jsemmux tali stħarriġ (punti 40 u 50, u d-dispożittiv 1).

Minn naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, għall-kuntrarju, li hija kompatibbli mal-Artikolu 6(1) u mal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13 leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tawtorizzax lil qorti nazzjonali, li taġixxi *ex officio* jew fuq talba tal-konsumatur, teżamina n-natura eventwalment inġusta ta' klawżoli kuntrattwali ladarba l-garanzija ipotekarja tkun ġiet eżegwita, il-proprjetà ipotekata tkun inbiegħet u d-drittijiet ta' proprjetà fir-rigward ta' din il-proprjetà jkunu ttrasferiti lil terz. Madankollu, din il-konklużjoni hija suġġetta għall-kundizzjoni li l-konsumatur li l-proprjetà ipotekata tiegħu tkun inbiegħet ikun jista' jinvoka d-drittijiet tiegħu matul proċedura sussegwenti bil-għan li jikseb kumpens għad-dannu finanzjarju kkawżat mill-applikazzjoni tal-klawżoli inġusti (dispożittiv 2).

***Sentenza tas-17 ta' Mejju 2022 (Awla Manja), SPV Project 1503 et (C-693/19 u C-831/19, EU:C:2022:395)***

*Proċeduri għal ordni ta' ħlas u għal mandat ta' qbid fil-konfront ta' terzi – Awtorità ta' res judicata li tkopri impliċitament il-validità tal-klawżoli tat-titolu eżekuttiv – Setgħa tal-qorti ta' eżekuzzjoni li teżamina ex officio n-natura eventwalment inġusta ta' klawżola*

It-tilwimiet kienu bejn, f'waħda mill-kawżi prinċipali, minn naħa, SPV Project 1503 Srl u Dobank SpA bħala l-mandatarja ta' Unicredit SpA, u, min-naħa l-oħra, YB, u, fil-kawża prinċipali l-oħra, bejn, minn naħa, Banco di Desio e della Brianza SpA u istituzzjonijiet ta' kreditu oħrajn u, min-naħa l-oħra, YX u ZW. It-tilwimiet kienu jikkonċernaw proċeduri ta' eżekuzzjoni forzata bbażati fuq titoli eżekuttivi li kienu kisbu l-awtorità ta' *res judicata*. Il-qrati Taljani ta' eżekuzzjoni kellhom dubju dwar in-natura inġusta tal-klawżola ta' penali u tal-klawżola li kienet tipprevedi interessi moratorji tal-kuntratti ta' finanzjament, kif ukoll dwar in-natura inġusta ta' ċerti klawżoli li kienu jinsabu fil-kuntratti ta' garanzija. Kien abbażi ta' dawn il-kuntratti li l-kredituri kisbu ordnijiet għal ħlas li saru definittivi. Madankollu, il-qrati osservaw li, skont il-prinċipji tad-dritt proċedurali intern, fl-assenza ta' oppożizzjoni mill-konsumatur, l-awtorità ta' *res judicata* ta' ordni ta' ħlas tkopri n-natura mhux inġusta tal-klawżoli tal-kuntratt ta' garanzija, u dan anki fl-assenza ta' kwalunkwe eżami espliċitu, mill-qorti li tkun tat din l-ordni, tan-natura inġusta ta' dawn il-klawżoli.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ir-relazzjoni bejn il-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata* u s-setgħa tal-qorti ta' eżekuzzjoni li teżamina *ex officio*, fil-kuntest ta' proċedura għal ordni ta' ħlas, in-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali li tikkostitwixxi l-bażi ta' din l-ordni.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13 jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li, meta ordni ta' ħlas ma tkunx is-suġġett ta' oppożizzjoni mressqa mid-debitur, il-qorti ta' eżekuzzjoni ma tistax tistħarreġ l-eventwali natura inġusta tal-klawżoli li jikkostitwixxu l-bażi ta' din l-ordni, għar-raġuni li l-awtorità ta' *res judicata* tagħha tkopri impliċitament il-validità ta' dawn il-klawżoli. B'mod iktar partikolari, leġiżlazzjoni li tipprovdi li eżami *ex officio* tan-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali għandu jitqies li jkun seħħ u li jkollu l-awtorità ta' *res judicata*, anki fl-assenza ta' kull motivazzjoni f'dan is-sens fid-deċiżjoni li tordna l-ordni ta' ħlas, tista' xxejjen mis-sustanza tiegħu l-obbligu tal-qorti nazzjonali li twettaq eżami *ex officio* tan-natura eventwalment inġusta ta' dawn il-klawżoli. Fit-tali każ, ir-rekwiżit ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva jirrikjedi li l-qorti ta' eżekuzzjoni tkun tista' tevalwa, inkluż għall-ewwel darba, in-natura eventwalment inġusta tal-klawżoli kuntrattwali li jkunu servew ta' bażi għall-ordni. Il-fatt li, fid-data li fiha l-ordni saret definittiva, id-debitur ma kienx jaf li huwa seta' jiġi kklassifikat bħala "konsumatur" fis-sens ta' din id-direttiva huwa irrilevanti f'dan ir-rigward (punti 65 sa 68 u d-dispożittiv).

***Sentenza tas-17 ta' Mejju 2022 (Awla Manja), Impuls Leasing România (C-725/19, EU:C:2022:396)***

*Proċedura ta' eżekuzzjoni forzata ta' kuntratt ta' leasing li għandu l-kwalità ta' titolu eżekuttiv – Oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni – Leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tippermettix lill-qorti adita b'din l-oppożizzjoni tivverifika n-natura inġusta tal-klawżoli ta' titolu eżekuttiv – Setgħa tal-qorti ta' eżekuzzjoni li teżamina ex officio n-natura eventwalment inġusta ta' klawżola – Eżistenza ta' rikors taħt id-dritt ordinarju li jippermetti l-istħarriġ tan-natura inġusta tal-imsemmija klawżoli – Rekwiżit ta' garanzija għas-sospensjoni tal-proċedura ta' eżekuzzjoni*

It-tilwima fil-kawża prinċipali, bejn IO u Impuls Leasing Romania IFN SA, kienet tikkonċerna oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni kontra atti ta' eżekuzzjoni forzata marbuta ma' kuntratt ta' leasing. Il-qorti Rumena indikat li l-kuntratt ta' leasing, li abbażi tiegħu kienet inbdiet il-proċedura ta' eżekuzzjoni forzata, kien jinkludi ċerti klawżoli li setgħu jitqiesu li kienu inġusti. Madankollu, il-leġiżlazzjoni Rumena ma kinitx tippermetti lill-qorti ta' eżekuzzjoni tal-kreditu, adita b'oppożizzjoni għal din l-eżekuzzjoni, tevalwa, *ex officio* jew fuq talba tal-konsumatur, in-natura inġusta tal-klawżoli ta' kuntratt konkluż bejn konsumatur u bejjiegħ jew fornitur li jikkostitwixxi titolu eżekuttiv, minħabba li kien jeżisti rikors tad-dritt ordinarju li fil-kuntest tiegħu n-natura inġusta tal-klawżoli ta' tali kuntratt setgħet tiġi mistħarrġa mill-qorti adita b'dan ir-rikors. Kien minnu li, meta tkun adita b'rikors distint minn dak li jirrigwarda l-proċedura ta' eżekuzzjoni, il-qorti li tiddeċiedi fuq il-mertu kellha l-possibbiltà tissospendi l-imsemmija proċedura. Madankollu, il-konsumatur li jitlob is-sospensjoni tal-proċedura ta' eżekuzzjoni kien obbligat iħallas garanzija, ikkalkolata abbażi tal-valur tas-suġġett tar-rikors.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja indirizzat is-setgħa tal-qorti nazzjonali li teżamina *ex officio* n-natura inġusta tal-klawżoli ta' titolu eżekuttiv meta jkollha quddiemha oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni ta' dan it-titolu.

F'dan il-kuntest, hija ddeċidiet li l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13, kif ukoll il-prinċipju ta' effettività, jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tippermettix lill-qorti ta' eżekuzzjoni tal-kreditu, adita b'oppożizzjoni kontra din l-eżekuzzjoni, tevalwa, *ex officio* jew fuq talba tal-konsumatur, in-natura inġusta tal-klawżoli ta' kuntratt li jikkostitwixxi titolu eżekuttiv, f'sitwazzjoni fejn il-qorti li tiddeċiedi fuq il-mertu, li tkun tista' tiġi adita b'azzjoni distinta tad-dritt ordinarju sabiex tiġi eżaminata n-natura eventwalment inġusta tal-klawżoli ta' tali kuntratt, tkun tista' tissospendi l-proċedura ta' eżekuzzjoni sakemm tiddeċiedi fuq il-mertu fil-każ biss li titħallas garanzija, pereżempju garanzija kkalkolata abbażi tal-valur tas-suġġett ta' rikors, ta' livell li jkun jista' jiskoraġġixxi lill-konsumatur milli jintroduċi u jżomm tali rikors. Fir-rigward ta' din il-garanzija, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-ispejjeż li twassal għalihom azzjoni legali, meta mqabbla mal-ammont tad-dejn ikkontestat, ma għandhomx ikunu ta' natura li jiskoraġġixxu lill-konsumatur milli jadixxi lill-qorti. Issa, huwa probabbli li debitur inadempjenti ma jkollux ir-riżorsi finanzjarji meħtieġa sabiex jikkostitwixxi l-garanzija meħtieġa. Dan japplika iktar u iktar jekk il-valur tas-suġġett tar-rikors ippreżentat jaqbeż sew il-valur totali tal-kuntratt, kif kien jidher li kien il-każ fir-rikors fil-kawża prinċipali (punti 58 u 59, u d-dispożittiv).

## 3. Għoti ta' miżuri provviżorji

***Sentenza tal-14 ta' Marzu 2013, Aziz (C-415/11, EU:C:2013:164)***

*Kuntratt ta' self iggarantit b'ipoteka – Proċedura ta' eżekuzzjoni ta' ipoteka – Kompetenzi tal-qorti nazzjonali li tiddeċiedi fuq il-mertu*

F'dan is-sentenza, li l-kuntest fattwali u ġuridiku tagħha ġie espost preċedentement [37], il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li, meta r-regoli proċedurali nazzjonali jagħmluha impossibbli għall-qorti li tiddeċiedi fuq il-mertu, li quddiemha l-konsumatur ikun ressaq talba li tinvoka n-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali li tkun il-bażi tat-titolu eżekuttiv, li tordna miżuri provviżorji li jistgħu jissospendu l-proċedura ta' eżekuzzjoni tal-ipoteka, f'sitwazzjoni fejn l-għoti ta' tali miżuri jirriżulta neċessarju sabiex tiġi ggarantita l-effettività sħiħa tad-deċiżjoni finali tagħha, dawn ir-regoli jkunu ta' natura li jippreġudikaw l-effettività tal-protezzjoni mixtieqa mid-Direttiva 93/13 (punt 59).

Mingħajr din il-possibbiltà, fil-każijiet kollha fejn l-eżekuzzjoni tal-ipoteka fuq il-proprjetà immobbli ipotekata tkun twettqet qabel l-għoti tad-deċiżjoni tal-qorti li tiddeċiedi fuq il-mertu li tiddikjara n-natura inġusta tal-klawżola kuntrattwali li fuqha kienet ibbażata l-ipoteka u għalhekk in-nullità tal-proċedura ta' eżekuzzjoni, din id-deċiżjoni tippermetti li lil dan il-konsumatur tiġi żgurata biss protezzjoni ta' natura purament kumpensatorja, li tirriżulta inkompleta u insuffiċjenti u tikkostitwixxi rimedju li la jkun adegwat u lanqas effikaċi sabiex jitwaqqaf l-użu ta' din l-istess klawżola, kuntrarjament għal dak li jipprevedi l-Artikolu 7(1) ta' din id-direttiva (punt 60).

[37] Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tat-tilwima, ara t-Taqsima II.3., "Kunċett ta' 'żbilanċ sinjifikattiv' għad-detriment tal-konsumatur", p. 24.

## 4. Evalwazzjoni tan-natura inġusta ta’ klawżola ta’ arbitraġġ

***Sentenza tas-26 ta’ Ottubru 2006, Mostaza Claro (C-168/05, EU:C:2006:675)***

*Assenza ta’ kontestazzjoni tan-natura inġusta ta’ klawżola waqt il-proċedura ta’ arbitraġġ – Possibbiltà li din l-eċċezzjoni titqajjem fil-kuntest tal-proċedura ta’ rikors kontra d-deċiżjoni ta’ arbitraġġ*

Fit-2 ta' Mejju 2002, ġie konkluż kuntratt ta' abbonament tat-telefonija mobbli bejn Móvil u konsumatriċi. Dan il-kuntratt kellu klawżola ta’ arbitraġġ li kienet tissuġġetta kull tilwima dwar l-imsemmi kuntratt għall-arbitraġġ tal-Asociación Europea de Arbitraje de Derecho y Equidad (l-Assoċjazzjoni Ewropea ta’ Arbitraġġ u ta’ Soluzzjonijiet Bonarji, iktar ’il quddiem l-“AEADE”).

Din il-konsumatriċi kienet qiegħda tikkontesta deċiżjoni ta' arbitraġġ mogħtija mill-AEADE quddiem il-qorti tar-rinviju, filwaqt li sostniet li n-natura inġusta tal-klawżola ta’ arbitraġġ kienet timplika n-nullità tal-ftehim ta' arbitraġġ.

Adita bit-tilwima, l-Audiencia Provincial de Madrid (il-Qorti Provinċjali ta’ Madrid, Spanja) ikkonstatat li ma kien hemm ebda dubju li l-imsemmi ftehim ta' arbitraġġ kienu jinkludi klawżola kuntrattwali inġusta u li għaldaqstant kien null.

Madankollu, fid-dawl tal-fatt li l-konsumatriċi ma kinitx invokat din in-nullità fil-kuntest tal-proċedura ta' arbitraġġ u sabiex tkun tista’ tinterpreta d-dritt nazzjonali konformement mad-Direttiva 93/13, dik il-qorti ddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja. B’mod iktar preċiż, hija kellha dubju dwar jekk, meta tkun adita b’talba għall-annullament ta’ deċiżjoni ta’ arbitraġġ sfavorevoli għall-konsumatur, mogħtija fi tmiem proċedura ta’ arbitraġġ imposta minn klawżola ta’ kuntratt ta’ abbonament tat-telefonija mobbli li għandha tiġi kklassifikata bħala inġusta, il-qorti nazzjonali tkunx tista’ teżamina din it-talba meta l-konsumatur ma jkunx invoka din in-natura quddiem l-arbitru.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li d-Direttiva 93/13 timplika li qorti nazzjonali għandha tevalwa n-nullità tal-ftehim ta’ arbitraġġ u għandha tannulla din id-deċiżjoni għar-raġuni li l-imsemmi ftehim ikun fih klawżola inġusta, anki jekk il-konsumatur ikun invoka din in-nullità biss fil-kuntest tar-rikors għal annullament. Fil-fatt, l-għan imfittex mill-Artikolu 6 ta’ din id-direttiva, li jimponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jipprevedu li l-klawżoli inġusti ma għandhomx jorbtu lill-konsumaturi, ma jkunx jista' jintlaħaq jekk il-qorti li quddiemha jiġi ppreżentat rikors għall-annullament ta' deċiżjoni ta' arbitraġġ tkun prekluża milli tevalwa n-nullità ta' din id-deċiżjoni għas-sempliċi raġuni li l-konsumatur ma jkunx invoka n-nullità tal-ftehim ta' arbitraġġ fil-kuntest tal-proċedura ta’ arbitraġġ. Tali ommissjoni min-naħa tal-konsumatur fl-ebda każ ma tkun tista’ tiġi kkumpensata mill-azzjoni ta’ individwi li jkunu persuni terzi fir-rigward tal-kuntratt u, b’hekk, fl-aħħar mill-aħħar tiġi kompromessa s-sistema ta’ protezzjoni speċjali stabbilita permezz tad-Direttiva (punti 30 u 31, u d-dispożittiv).

***Sentenza tas-6 ta' Ottubru 2009, Asturcom Telecomunicaciones (C-40/08, EU:C:2009:615)***

*Klawżola ta' arbitraġġ inġusta – Nullità – Deċiżjoni ta' arbitraġġ li tkun kisbet l-awtorità ta' res judicata – Eżekuzzjoni forzata – Kompetenza tal-qorti nazzjonali ta' eżekuzzjoni li tqajjem ex officio n-nullità tal-klawżola ta' arbitraġġ inġusta*

Fl-24 ta' Mejju 2004, konsumatriċi kkonkludiet ma' Asturcom kuntratt ta' abbonament tat-telefonija mobbli. Dan il-kuntratt kellu klawżola ta' arbitraġġ li kienet tissuġġetta kull tilwima dwar l-eżekuzzjoni ta' dan il-kuntratt għall-arbitraġġ tal-Asociación Europea de Arbitraje de Derecho y Equidad (l-Assoċjazzjoni Ewropea ta' Arbitraġġ u ta' Soluzzjonijiet Bonarji, iktar 'il quddiem l-"AEADE"). Il-post fejn kienet stabbilita din l-awtorità ta' arbitraġġ, li ma kienx indikat fil-kuntratt, jinsab f'Bilbao (Spanja)

Peress li din il-konsumatriċi ma kinitx ħallset ċertu numru ta' kontijiet u kienet xoljiet il-kuntratt qabel l-iskadenza tal-perijodu minimu ta' abbonament miftiehem, Asturcom bdiet proċedura ta' arbitraġġ kontriha quddiem l-AEADE.

Id-deċiżjoni ta' arbitraġġ, mogħtija fl-14 ta' April 2005, ikkundannat lill-imsemmija konsumatriċi tħallas is-somma ta' EUR 669.60. Fid-29 ta' Ottubru 2007, Asturcom ippreżentat quddiem il-Juzgado de Primera Instancia n° 4 de Bilbao (il-Qorti tal-Ewwel Istanza Nru 4 ta' Bilbao, Spanja) rikors għall-eżekuzzjoni forzata tal-imsemmija deċiżjoni ta' arbitraġġ.

Fid-deċiżjoni tar-rinviju tagħha, dik il-qorti kkonstatat li l-klawżola ta' arbitraġġ li kienet tinsab fil-kuntratt ta' abbonament kienet ta' natura inġusta. Madankollu, peress li kellha dubji dwar il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tar-regoli proċedurali interni, l-imsemmija qorti ddeċidiet li tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Adita bil-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li qorti nazzjonali adita b'rikors għall-eżekuzzjoni forzata ta' deċiżjoni ta' arbitraġġ li tkun saret *res judicata* u li tkun ingħatat fil-kontumaċja tal-konsumatur, għandha, meta jkollha għad-dispożizzjoni tagħha l-punti ta' liġi u ta' fatt meħtieġa għal dan l-għan, tevalwa *ex officio* n-natura inġusta tal-klawżola ta' arbitraġġ li tinsab f'kuntratt konkluż bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur, sa fejn, skont ir-regoli proċedurali nazzjonali, hija tkun tista' twettaq tali evalwazzjoni fil-kuntest ta' rikorsi simili ta' natura interna. Jekk dan ikun il-każ, dik il-qorti għandha tislet il-konsegwenzi kollha li jirriżultaw minn din l-evalwazzjoni skont id-dritt nazzjonali sabiex tiżgura li dan il-konsumatur ma jkunx marbut mill-imsemmija klawżola (dispożittiv 1).

Fid-dawl ta' din l-evalwazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, minn naħa, li l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 huwa dispożizzjoni ta' natura imperattiva u, min-naħa l-oħra, li, fid-dawl tan-natura u tal-importanza tal-interess pubbliku li fuqu hija bbażata l-protezzjoni li din id-direttiva tagħti lill-konsumatur, l-Artikolu 6 tagħha għandu jitqies li huwa regola ekwivalenti għar-regoli nazzjonali li għandhom, fis-sistema legali nazzjonali, il-grad ta' regoli ta' ordni pubbliku (punti 51 u 52).

# V. Effetti tal-konstatazzjoni tan-natura inġusta ta' klawżola

## 1. Tip tal-kuntratt li jkun fih klawżola inġusta

***Sentenza tal-15 ta' Marzu 2012, Pereničová u Perenič (C-453/10, EU:C:2012:144)***

*Indikazzjoni żbaljata tar-rata perċentwali annwali ta' imposta – Effett tal-prattiki kummerċjali żleali u tal-klawżoli inġusti fuq il-validità globali tal-kuntratt*

Żewġ persuni li jissellfu kisbu kreditu ta' 150 000 koruna Slovakka (SKK) (EUR 4 979) mingħand SOS, stabbiliment mhux bankarju, li jagħti krediti għall-konsum abbażi ta' kuntratti standardizzati. Skont il-kuntratt ta' kreditu, is-self kellu jiġi rrimborsat fi 32 pagament mensili ta' SKK 6 000 (EUR 199), b'pagament addizzjonali ugwali għall-ammont tal-kreditu mogħti. B'hekk, il-persuni li ssellfu kienu obbligati jirrimborsaw ammont ta' SKK 342 000 (EUR 11 352).

Ir-rata perċentwali annwali ta' imposta (RPAI) tal-kreditu – jiġifieri l-ispejjeż totali marbuta miegħu li għandhom jitħallsu mill-konsumatur – kienet ġiet stabbilita f'dan il-kuntratt bħala 48.63 %.

Iż-żewġ persuni li ssellfu ppreżentaw rikors quddiem l-Okresný súd Prešov (il-Qorti Distrettwali ta' Prešov, is-Slovakkja) sabiex jiġi kkonstatat li l-kuntratt ta' kreditu tagħhom kien jinkludi diversi klawżoli inġusti, fosthom l-indikazzjoni ineżatta tar-RPAI, u talbu wkoll lil dik il-qorti tikkonstata n-nullità tal-kuntratt kollu kemm hu.

Dik il-qorti staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 93/13 kinux jawtorizzawha tikkonstata n-nullità ta' kuntratt għall-konsum li jinkludi klawżoli inġusti meta tali soluzzjoni tkun iktar vantaġġuża għall-konsumatur.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja bdiet billi fakkret li l-għan tad-Direttiva 93/13 huwa li jiġu eliminati l-klawżoli inġusti inklużi f'kuntratti konklużi mal-konsumatur, filwaqt li tinżamm, jekk ikun possibbli, il-validità tal-kuntratt b'mod ġenerali, u mhux li jiġu annullati l-kuntratti kollha li jkun fihom tali klawżoli. Fir-rigward tal-kriterji li permezz tagħhom jista' jiġi evalwat jekk kuntratt jistax effettivament jibqa' fis-seħħ mingħajr il-klawżoli inġusti, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li għandu jiġi applikat approċċ oġġettiv fis-sens li s-sitwazzjoni ta' waħda mill-partijiet fil-kuntratt, f'dan il-każ dik tal-konsumatur, ma tistax titqies li hija l-kriterju determinanti sabiex jiġi deċiż x'ser jiġri mill-kuntratt. Għaldaqstant, din id-direttiva tipprekludi li, fl-evalwazzjoni tal-kwistjoni ta' jekk kuntratt li jinkludi klawżola inġusta waħda jew iktar jkunx jista' jibqa' fis-seħħ mingħajr l-imsemmija klawżoli, jittieħdu inkunsiderazzjoni biss l-effetti vantaġġużi għall-konsumatur li jirriżultaw mil-annullament tal-kuntratt kollu kemm hu (punt 36 u d-dispożittiv 1).

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li d-Direttiva 93/13 twettaq biss armonizzazzjoni parzjali u minima tal-liġijiet nazzjonali dwar il-klawżoli inġusti, filwaqt li tirrikonoxxi lill-Istati Membri l-possibbiltà li jiżguraw lill-konsumatur livell ta' protezzjoni ogħla minn dak li hija tipprevedi. Għaldaqstant, din l-istess direttiva ma tipprekludix li Stat Membru jistabbilixxi, b'mod li josserva d-dritt tal-Unjoni, leġiżlazzjoni li tippermetti li jiġi ddikjarat null, kollu kemm hu, kuntratt konkluż bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur li jkun jinkludi klawżola inġusta waħda jew iktar meta jirriżulta li din id-dikjarazzjoni tiżgura protezzjoni aħjar għall-konsumatur (dispożittiv 1).

***Sentenza tal-14 ta' Ġunju 2012, Banco Español de Crédito (C-618/10, [EU:C:2012:349](EU:C:2012:349))***

*Klawżoli ta' interessi moratorji inġusti – Proċedura għal ordni ta' ħlas – Kompetenzi tal-qorti nazzjonali*

Din il-kawża oriġinat minn Spanja, fejn il-qrati setgħu jiġu aditi b'talbiet intiżi li jiġi ordnat il-ħlas ta' dejn pekunjarju, dovut, eżiġibbli u li ma jaqbiżx EUR 30 000 meta l-ammont ta' dan id-dejn ikun debitament iċċertifikat. Jekk tali talba titressaq konformement ma' dawn ir-rekwiżiti, id-debitur ikollu jħallas id-dejn tiegħu jew ikun jista' jopponi dan il-ħlas f'terminu ta' 20 jum, f'liema każ il-kawża tinqata' fil-kuntest ta' proċedura ċivili ordinarja.

Madankollu, il-leġiżlazzjoni Spanjola ma kinitx tagħti lill-qrati li quddiemhom titressaq talba għal ordni ta' ħlas l-awtorità li jiddikjaraw, *ex officio*, in-nullità tal-klawżoli inġusti li jkunu jinsabu f'kuntratt konkluż bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur. B'hekk, l-analiżi tan-natura inġusta tal-klawżoli ta' tali kuntratt setgħet titwettaq biss fil-każ li l-konsumatur jopponi l-ħlas.

Barra minn hekk, fil-każijiet fejn qorti Spanjola kellha s-setgħa tikkonstata n-nullità ta' klawżola inġusta inkluża f'kuntratt għall-konsum, il-leġiżlazzjoni nazzjonali kienet tippermettilha tikkompleta l-kuntratt billi tirrevedi l-kontenut ta' din il-klawżola b'tali mod li telimina n-natura inġusta tagħha.

Fil-kawża ineżami, individwu kien ikkonkluda kuntratt ta' self għal ammont ta' EUR 30 000 ma' bank Spanjol sabiex jiffinanzja x-xiri ta' vettura. Għalkemm id-data tal-iskadenza tal-kuntratt kienet iffissata fl-2014, il-bank kreditur qies li dan il-kuntratt kien skada qabel dik id-data minħabba li, sa Settembru 2008, kienu għadhom ma sarux il-ħlasijiet dovuti fir-rigward ta' seba' pagamenti mensili. Għalhekk, il-bank ressaq, quddiem il-Juzgado de Primera Instancia nº 2 de Sabadell (il-Qorti tal-Ewwel Istanza Nru 2 ta' Sabadell, Spanja), talba għal ordni ta' ħlas li tikkorrispondi għall-pagamenti mensili mhux imħallsa, flimkien mal-interessi miftiehma mill-partijiet u mal-ispejjeż. Il-qorti ddikjarat *ex officio* n-nullità tal-klawżola dwar l-interessi moratorji minħabba li din kienet inġusta sa fejn kienet tiffissa r-rata bħala 29 % u ffissat ir-rata l-ġdida ta' dawn l-interessi bħala 19 %, filwaqt li għamlet riferiment għar-rata ta' interessi legali u għar-rata ta' interessi moratorji. Barra minn hekk, hija ordnat lill-bank iwettaq kalkolu ġdid tal-ammont tal-interessi.

Fil-kuntest tal-proċedura ta' appell minn din id-deċiżjoni, il-qorti tar-rinviju Spanjola xtaqet tkun taf, b'mod partikolari, jekk il-leġiżlazzjoni Spanjola li mhux biss kienet tippermetti lill-qrati jeskludu iżda wkoll jirrevedu l-kontenut tal-klawżoli inġusti kinitx kompatibbli mad-Direttiva 93/13.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, skont id-Direttiva 93/13, klawżola inġusta inkluża f'kuntratt konkluż bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur ma torbotx lil dan tal-aħħar u li l-kuntratt li jinkludi tali klawżola jibqa' vinkolanti għall-partijiet skont l-istess termini jekk ikun jista' jibqa' fis-seħħ mingħajr din il-klawżola inġusta. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li din id-direttiva tipprekludi l-leġiżlazzjoni Spanjola sa fejn din tal-aħħar kienet tagħti lill-qorti nazzjonali, meta tikkonstata n-nullità ta' klawżola inġusta, il-possibbiltà li tirrevedi l-kontenut ta' din il-klawżola (dispożittiv 2).

Tali possibbiltà, jekk tiġi rrikonoxxuta lill-qorti nazzjonali, tkun ta' natura tali li telimina l-effett dissważiv eżerċitat fuq il-bejjiegħa jew fornituri mis-sempliċi nuqqas ta' applikazzjoni tal-klawżoli

inġusti fil-konfront tal-konsumaturi. B'dan il-mod, din il-possibbiltà tkun qiegħda tiggarantixxi protezzjoni inqas effikaċi għall-konsumaturi minn dik li tirriżulta min-nuqqas ta' applikazzjoni ta' dawn il-klawżoli. Fil-fatt, jekk il-qorti nazzjonali tkun tista' tirrevedi l-kontenut tal-klawżoli inġusti, il-bejjiegħa jew fornituri jibqgħalhom l-inċentiv li jużaw dawn il-klawżoli fl-għarfien li, anki jekk jiġu ddikjarati invalidi, il-kuntratt ser jiġi xorta waħda kkompletat mill-qorti b'tali mod li jiġu ggarantiti l-interessi tagħhom (punt 69).

Għaldaqstant, meta jikkonstataw l-eżistenza ta' klawżola inġusta, il-qrati nazzjonali huma obbligati biss li ma japplikawx tali klawżola sabiex din ma tipproduċix effetti vinkolanti fil-konfront tal-konsumatur u ma għandhomx ikunu jistgħu jirrevedu l-kontenut tagħha. Fil-fatt, il-kuntratt li fih tkun tinsab il-klawżola għandu, bħala prinċipju, ikun jista' jibqa' fis-seħħ mingħajr ebda bidla oħra għajr dik li tirriżulta mit-tħassir tal-klawżoli inġusti u dan sa fejn, skont ir-regoli tad-dritt nazzjonali, iż-żamma fis-seħħ tal-kuntratt tkun legalment possibbli (punt 65).

## 2. Sostituzzjoni tal-klawżola inġusta

***Sentenza tat-30 ta' April 2014, Kásler u Káslerné Rábai (C-26/13, EU:C:2014:282)***

*Kuntratti ta' kreditu għall-konsum iddenominati f'munita barranija – Klawżoli dwar ir-rati tal-kambju – Differenza bejn ir-rata tax-xiri, applikabbli fil-mument tar-rilaxx tas-self, u r-rata tal-bejgħ, applikabbli fil-mument tar-rimbors tiegħu – Setgħat tal-qorti nazzjonali fil-preżenza ta' klawżola kklassifikata bħala "inġusta" – Sostituzzjoni tal-klawżola inġusta b'dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali ta' natura supplenti – Ammissibbiltà*

F'din is-sentenza, li l-kuntest fattwali u ġuridiku tagħha ġie espost preċedentement [38], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li, fil-każ li t-tneħħija ta' klawżola inġusta tirrendi, bħal f'dan il-każ, il-kuntratt ineżegwibbli, id-Direttiva 93/13 ma tipprekludix li qorti nazzjonali tissostitwixxi l-klawżola inkwistjoni b'dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali ta' natura supplenti. Fil-fatt, tali approċċ jippermetti li jintlaħaq l-għan tad-Direttiva, li jikkonsisti b'mod partikolari fl-istabbiliment mill-ġdid ta' bilanċ bejn il-partijiet filwaqt li tinżamm, sa fejn ikun possibbli, il-validità tal-kuntratt kollu (dispożittiv 3).

Jekk tali sostituzzjoni ma tkunx permessa u jekk il-qorti tkun obbligata tannulla l-kuntratt, ikun hemm riskju li jiġu kompromessi n-natura dissważiva tas-sanzjoni ta' nullità kif ukoll l-għan ta' protezzjoni tal-konsumatur. F'dan il-każ, tali nullità jkollha l-effett li l-bilanċ kollu dovut isir eżiġibbli. Issa, dan ikun ta' natura li jmur lil hinn mill-kapaċitajiet finanzjarji tal-konsumatur, u b'hekk, jippenalizza iktar lill-konsumatur milli lill-persuna li ssellef li, fid-dawl ta' din il-konsegwenza, ma jkollha ebda inċentiv tevita l-inklużjoni ta' tali klawżoli fil-kuntratti tagħha (punti 83 u 84).

[38] Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tat-tilwima, ara t-Taqsima I.3., "3.2 Esklużjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 – Klawżoli kuntrattwali li jiddefinixxu s-suġġett prinċipali tal-kuntratt jew li jikkonċernaw il-prezz jew ir-remunerazzjoni u s-servizzi jew il-beni li għandhom jiġu pprovduti bħala korrispettiv", p. 13. Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll fit-Taqsima III.2., "Rekwiżiti ta' *bona fide*, ta' bilanċ u ta' trasparenza".

***Sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019, Dziubak (C-260/18, [EU:C:2019:819](EU:C:2019:819))***

*Self iggarantit b'ipoteka li juża munita barranija bħala indiċi – Klawżola dwar id-determinazzjoni tar-rata tal-kambju bejn il-muniti – Effetti tal-konstatazzjoni tan-natura inġusta ta' klawżola – Possibbiltà għall-qorti li tirrimedja l-klawżoli inġusti billi tirrikorri għal klawżoli ġenerali tad-dritt ċivili – Evalwazzjoni tal-interess tal-konsumatur – Tkomplija tal-kuntratt mingħajr klawżoli inġusti*

Fl-2008, żewġ persuni li jissellfu kkonkludew, mal-bank Raiffeisen, kuntratt ta' self iggarantit b'ipoteka ddenominat fi zloty Pollakk (PLN), iżda bil-frank Svizzeru (CHF) bħala indiċi. B'hekk, filwaqt li l-fondi ġew irrilaxxati f'PLN, is-somma dovuta u l-pagamenti mensili ta' rimbors kienu espressi f'CHF, b'tali mod li dawn tal-aħħar kellhom madankollu jittieħdu f'PLN mill-kont bankarju tal-persuni li ssellfu. Mar-rilaxx tas-self, l-ammont dovut espress f'CHF ġie ddeterminat abbażi tar-rata tax-xiri PLN-CHF applikabbli minn Raiffeisen fil-jum tar-rilaxx, filwaqt li l-pagamenti mensili tar-rimbors kienu jiġu kkalkolati abbażi tar-rata tal-bejgħ PLN-CHF applikabbli minn dan il-bank fil-mument tal-eżiġibbiltà ta' dawn il-pagamenti. Bil-konklużjoni ta' kuntratt ta' self li juża ċ-CHF bħala indiċi, il-persuni li ssellfu bbenefikaw minn rata ta' interessi bbażata fuq ir-rata ta' din il-munita, li kienet iktar baxxa mir-rata applikabbli għall-PLN, iżda kienu esposti għar-riskju tal-kambju li jirriżulta minn bidliet fir-rata tal-kambju PLN-CHF.

Il-persuni li ssellfu fetħu kawża quddiem is-Sąd Okręgowy w Warszawie (il-Qorti Reġjonali ta' Varsavja, il-Polonja) sabiex tiġi kkonstatata n-nullità tal-kuntratt ta' self inkwistjoni minħabba li l-klawżoli ta' dan il-kuntratt li kienu jipprevedu l-applikazzjoni ta' differenza fil-kambju bejn ir-rata tax-xiri għar-rilaxx tal-fondi u r-rata tal-bejgħ għar-rimborsi tagħhom kienu jikkostitwixxu klawżoli inġusti illegali li ma kinux jorbtuhom skont id-Direttiva 93/13.

Skont il-persuni li ssellfu, ladarba dawn il-klawżoli jitneħħew, kien ser ikun impossibbli li tiġi ddeterminata rata ta' kambju korretta, b'tali mod li l-kuntratt ma setax jibqa' fis-seħħ. Barra minn hekk, huma sostnew li, anki jekk jirriżulta li l-kuntratt ta' self seta' jiġi eżegwit mingħajr dawn il-klawżoli bħala kuntratt ta' self iddenominat f'PLN li ma jkunx għadu marbut maċ-CHF bħala indiċi, is-self kellu jibqa' jkun suġġett għall-interessi iktar vantaġġużi marbuta maċ-CHF.

Filwaqt li rreferiet għas-sentenza Kásler [39], il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk, wara t-tneħħija tagħhom, il-klawżoli inġusti setgħux jiġu ssostitwiti b'dispożizzjonijiet ġenerali tad-dritt intern li jipprovdu li l-effetti espressi f'kuntratt ikollhom jiġu kkompletati b'effetti li jirriżultaw mill-prinċipji ta' ekwità jew minn użanzi.

Il-qorti nazzjonali xtaqet tkun taf ukoll jekk id-Direttiva 93/13 kinitx tippermettilha tinvalida kuntratt meta ż-żamma tal-kuntratt mingħajr il-klawżoli inġusti jkollha l-konsegwenza li tbiddel in-natura tas-suġġett prinċipali tiegħu sa fejn, minkejja li s-self inkwistjoni ma jkunx għadu marbut maċ-CHF bħala indiċi, l-interessi jibqgħu jiġu kkalkolati abbażi tar-rata applikabbli għal din il-munita.

[39] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-30 ta' April 2014, [Kásler u Káslerné Rábai]() (C-26/13, EU:C:2014:282), ippreżentata fit-Taqsima I.3, "3.2 Esklużjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 – Klawżoli kuntrattwali li jiddefinixxu s-suġġett prinċipali tal-kuntratt jew li jikkonċernaw il-prezz jew ir-remunerazzjoni u s-servizzi jew il-beni li għandhom jiġu pprovduti bħala korrispettiv".

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, qabel kollox, li l-possibbiltà ta' sostituzzjoni prevista fis-sentenza Kásler hija limitata għad-dispożizzjonijiet tad-dritt intern ta' natura supplenti jew applikabbli fil-każ ta' ftehim bejn il-partijiet u hija bbażata, b'mod partikolari, fuq ir-raġuni li tali dispożizzjonijiet jitqiesu li ma jinkludux klawżoli inġusti (punt 59).

Fil-fatt, dawn id-dispożizzjonijiet huma preżunti li jirriflettu l-bilanċ li l-leġiżlatur nazzjonali ried jistabbilixxi bejn id-drittijiet u l-obbligi kollha tal-partijiet f'ċerti kuntratti fir-rigward tal-każijiet fejn il-partijiet ma jkunux tbiegħdu minn regola standard prevista mil-leġiżlatur nazzjonali għall-kuntratti kkonċernati jew inkella jkunu espressament għażlu l-applikabbiltà ta' regola stabbilita mil-leġiżlatur nazzjonali għal dan il-għan. Issa, id-dispożizzjonijiet ġenerali ċċitati iktar 'il fuq tad-dritt Pollakk ma kinux jidhru li kienu s-suġġett ta' evalwazzjoni speċifika tal-leġiżlatur sabiex jistabbilixxi dan il-bilanċ, b'tali mod li ma kinux jibbenefikaw mill-preżunzjoni ta' assenza ta' natura inġusta (punti 60 u 61).

Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li dawn id-dispożizzjonijiet ma setgħux jirrimedjaw il-lakuni ta' kuntratt ikkawżati mit-tneħħija tal-klawżoli inġusti li jinsabu fih (punt 62).

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, peress li l-possibbiltà ta' sostituzzjoni hija intiża li tiżgura l-implimentazzjoni tal-protezzjoni tal-konsumatur billi tipproteġi l-interessi reali u attwali tiegħu kontra l-konsegwenzi eventwalment dannużi li jistgħu jirriżultaw mill-invalidazzjoni tal-kuntratt inkwistjoni fl-intier tiegħu, dawn il-konsegwenzi għandhom jiġu evalwati fid-dawl taċ-ċirkustanzi eżistenti jew prevedibbli fil-mument tat-tilwima dwar l-eliminazzjoni tal-klawżoli inġusti kkonċernati u mhux fid-dawl ta' dawk eżistenti fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt (dispożittiv 2).

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, sussegwentement, li, skont id-Direttiva 93/13, kuntratt mingħajr il-klawżoli inġusti tiegħu għandu jibqa' vinkolanti għall-partijiet f'dak li jirrigwarda l-klawżoli l-oħra tiegħu, sakemm dan il-kuntratt ikun jista' jibqa' fis-seħħ mingħajr il-klawżoli inġusti mħassra u sakemm tali tkomplija tal-kuntratt tkun legalment possibbli fid-dritt intern. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, skont il-qorti nazzjonali, wara s-sempliċi tneħħija tal-klawżoli dwar id-differenza fir-rati tal-kambju, in-natura tas-suġġett prinċipali tal-kuntratt tidher li kienet ser tinbidel permezz tal-effett kumulattiv tal-abbandun tal-użu taċ-CHF bħala indiċi u tat-tkomplija tal-applikazzjoni ta' rata ta' interessi bbażata fuq ir-rata ta' CHF. Issa, peress li tali bidla kienet tidher legalment impossibbli fid-dritt Pollakk, id-Direttiva ma kinitx tipprekludi li l-kuntratt kontenzjuż jiġi invalidat mill-qorti Pollakka (punti 39, 42 u 43).

Fuq dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-annullament tal-klawżoli kontenzjużi ma kienx ser iwassal biss għat-tneħħija tal-mekkaniżmu ta' indiċjar kif ukoll tad-differenza fil-kambju, iżda, indirettament, kien ser iwassal ukoll għat-tneħħija tar-riskju tal-kambju, li huwa direttament marbut mal-indiċjar tas-self fuq munita. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-klawżoli dwar ir-riskju tal-kambju jiddefinixxu s-suġġett prinċipali ta' kuntratt ta' self li juża munita barranija bħala indiċi, b'tali mod li l-possibbiltà oġġettiva taż-żamma tal-kuntratt ta' self inkwistjoni kienet, fi kwalunkwe każ, tidher inċerta (punt 44).

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, fil-każ li l-konsumatur jippreferi ma jinvokax is-sistema ta' protezzjoni stabbilita mid-Direttiva kontra l-klawżoli inġusti, din is-sistema ma tkunx applikabbli. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-konsumatur għandu jkollu wkoll il-possibbiltà li jirrifjuta, b'applikazzjoni ta' din l-istess sistema, li jkun protett mill-konsegwenzi

dannużi kkawżati mill-invalidazzjoni tal-kuntratt kollu kemm hu, meta huwa ma jkunx jixtieq jibbenefika minn din il-protezzjoni (punt 55).

***Sentenza tas-7 ta' Novembru 2019, Kanyeba et (Kawżi magħquda C-349/18 sa C-351/18, EU:C:2019:936)*** [40]

*Kundizzjonijiet ġenerali ta' trasport ta' impriża ferrovjarja – Dispożizzjonijiet leġiżlattivi jew regolamentari imperattivi – Klawżola ta' penali – Setgħat tal-qorti nazzjonali*

Din is-sentenza ngħatat fil-kuntest ta' tliet kawżi bejn Société nationale des chemins de fer belge (SNCB) u tliet passiġġieri li kienu jikkonċernaw it-tariffi addizzjonali li dawn tal-aħħar intalbu jħallsu minħabba li kienu vvjaġġaw bil-ferrovija mingħajr biljett tat-trasport. Fil-fatt, wara r-rifjut tal-imsemmija vjaġġaturi li jirregolarizzaw is-sitwazzjoni tagħhom, billi jħallsu jew immedjatament il-prezz tal-vjaġġ miżjud b'supplimenti, jew sussegwentement ammont fiss, SNCB ressqithom quddiem qorti sabiex jiġu kkundannati jħallsuha s-somom dovuti minħabba l-imsemmi ksur tal-kundizzjonijiet tat-trasport tagħha. F'dan il-kuntest, SNCB allegat li r-relazzjoni bejnha u l-imsemmija passiġġieri ma kinitx ta' natura kuntrattwali, iżda ta' natura amministrattiva, peress li dawn tal-aħħar ma kinux xtraw biljett tat-trasport. Adita b'dawn il-kawżi, il-qorti tar-rinviju b'mod partikolari staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-portata tal-protezzjoni mogħtija mid-Direttiva 93/13 lil tali passiġġieri li jkunu użaw is-servizzi ta' kumpannija tat-trasport mingħajr biljett tat-trasport.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, preliminarjament, li, konformement mal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 93/13, il-klawżoli kuntrattwali li jirriflettu, b'mod partikolari, dispożizzjonijiet leġiżlattivi jew regolamentari imperattivi ma humiex suġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva u li kienet il-qorti nazzjonali li kellha tivverifika jekk il-klawżola inkwistjoni kinitx taqa' taħt din l-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva. Madankollu, filwaqt li bbażat ruħha fuq l-ipoteżi li din il-klawżola taqa' taħt dan il-kamp ta' applikazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat is-setgħat tal-qorti nazzjonali skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 meta tikkonstata n-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali, fis-sens ta' din id-direttiva (punt 61).

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din id-dispożizzjoni tipprekludi wkoll li qorti nazzjonali tissostitwixxi tali klawżola, b'applikazzjoni tal-prinċipji tad-dritt tal-kuntratti tagħha, b'dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali ta' natura supplenti, ħlief jekk il-kuntratt inkwistjoni ma jkunx jista' jibqa' fis-seħħ fil-każ tat-tneħħija tal-klawżola inġusta u jekk l-annullament tal-kuntratt kollu kemm hu jesponi lill-konsumatur għal konsegwenzi partikolarment dannużi (dispożittiv 2).

[40] Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll fit-Taqsima V.3, "Effetti oħra".

***Sentenza tat-3 ta' Marzu 2020 (Awla Manja), Gómez del Moral Guasch (C-125/18, EU:C:2020:138)***

*Kuntratt ta' self iggarantit b'ipoteka – Rata ta' interessi varjabbli – Indiċi ta' riferiment ibbażat fuq is-self iggarantit b'ipoteka tal-banek tat-tfaddil – Indiċi li jirriżulta minn dispożizzjoni regolamentari jew amministrattiva – Introduzzjoni unilaterali ta' tali klawżola mill-bejjiegħ jew fornitur – Stħarriġ tar-rekwiżit ta' trasparenza mill-qorti nazzjonali – Konsegwenzi tal-konstatazzjoni tan-natura inġusta tal-klawżola*

F'din is-sentenza, li l-kuntest fattwali u ġuridiku tagħha ġie espost preċedentement [41], il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 ma jipprekludix li l-qorti nazzjonali, b'applikazzjoni tal-prinċipji tad-dritt tal-kuntratti, tħassar klawżola inġusta ta' kuntratt konkluż bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur, filwaqt li tissostitwixxiha b'dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali ta' natura supplenti f'sitwazzjonijiet li fihom l-invalidazzjoni ta' tali klawżola tobbliga lill-qorti tannulla l-kuntratt kollu kemm hu, b'tali mod li b'hekk tesponi lill-konsumatur għal konsegwenzi partikolarment dannużi (punt 61).

Fil-fatt, tali annullament tal-kuntratt jista', bħala prinċipju, ikollu bħala konsegwenza li jsir immedjatament eżiġibbli l-ammont tas-self li jkun għadu dovut fi proporzjonijiet li jistgħu jaqbżu l-kapaċitajiet finanzjarji tal-konsumatur u, b'hekk, ikun ta' natura li jippenalizza iktar lill-persuna li tkun issellfet milli lill-persuna li tkun sellfet, li, konsegwentement, ma jkollha l-ebda inċentiv sabiex ma tinkludix tali klawżoli fil-kuntratti proposti minnha. F'dan il-każ, il-leġiżlatur Spanjol, wara l-konklużjoni tal-kuntratt ta' self kontenzjuż, kien introduċa indiċi "ta' sostituzzjoni", li, bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju, kienu ta' natura supplenti. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13 ma jipprekludux li, fil-każ ta' nullità ta' klawżola kuntrattwali inġusta li tistabbilixxi indiċi ta' riferiment għall-kalkolu tal-interessi varjabbli ta' self, il-qorti nazzjonali tissostitwixxi dan l-indiċi b'indiċi ta' sostituzzjoni, applikabbli fl-assenza ta' ftehim kuntrarju bejn il-partijiet fil-kuntratt, sakemm il-kuntratt ta' self iggarantit b'ipoteka kkonċernat ma jkunx jista' jkompli jeżisti fil-każ tat-tneħħija tal-imsemmija klawżola inġusta, u sakemm l-annullament ta' dan il-kuntratt kollu kemm hu jesponi lill-konsumatur għal konsegwenzi partikolarment dannużi (punti 63 sa 67 u d-dispożittiv 4).

***Sentenza tat-12 ta' Jannar 2023, D.V. (Onorarji tal-avukat – Prinċipju ta' tariffa fis-siegħa) (C-395/21, EU:C:2023:14) u Stqarrija għall-Istampa Nru 10/23 (bl-Ingliż)***

*Kuntratt għall-provvista ta' servizzi legali konkluż bejn avukat u konsumatur – Klawżola li tipprevedi l-ħlas ta' onorarji tal-avukat skont il-prinċipju ta' tariffa fis-siegħa – Artikolu 6(1) – Setgħat tal-qorti nazzjonali fil-preżenza ta' klawżola kklassifikata bħala "inġusta"*

F'din is-sentenza, li l-kuntest fattwali u ġuridiku tagħha ġie espost preċedentement [42], il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar l-effetti tal-konstatazzjoni tan-natura inġusta ta' klawżola ta' kuntratt

[41] Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tat-tilwima, ara t-Taqsima I.3., "3.1 Esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 – Klawżoli kuntrattwali li jirriflettu dispożizzjonijiet leġiżlattivi jew regolamentari imperattivi", p. 10.

[42] Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tal-kawża, ara t-Taqsima I.3., "3.2 Esklużjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 – Klawżoli kuntrattwali li jiddefinixxu s-suġġett prinċipali tal-kuntratt jew li jikkonċernaw il-prezz jew ir-remunerazzjoni u s-servizzi jew il-beni li għandhom jiġu pprovduti bħala korrispettiv", p. 16. Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll fit-Taqsima II.1, "Kunċett ta' 'klawżola inġusta'", u fit-Taqsima III.2., "Rekwiżiti ta' *bona fide*, ta' bilanċ u ta' trasparenza".

għall-provvista ta' servizzi legali konkluż bejn avukat u konsumatur li kien jiffissa l-prezz tas-servizzi pprovduti skont il-prinċipju ta' tariffa fis-siegħa. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-qorti nazzjonali kienet obbligata ma tapplikax din il-klawżola, sakemm il-konsumatur ma jopponix dan (punt 55)

Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, meta, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt intern, kuntratt għall-provvista ta' servizzi legali ma jkunx jista' jibqa' fis-seħħ wara t-tneħħija tal-klawżola inġusta relatata mal-prezz u meta dawn is-servizzi jkunu ġew ipprovduti, id-Direttiva 93/13 ma tipprekludix l-invalidazzjoni ta' dan il-kuntratt u lanqas ma tipprekludi li l-qorti nazzjonali tistabbilixxi mill-ġdid is-sitwazzjoni li fiha kien jinsab il-konsumatur fl-assenza ta' din il-klawżola, anki jekk dan iwassal sabiex il-bejjiegħ jew il-fornitur ma jirċievi ebda remunerazzjoni għas-servizzi tiegħu (punt 59).

Fir-rigward tal-konsegwenzi fuq il-konsumatur li għalihom seta' jwassal l-annullament tal-kuntratti inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret il-ġurisprudenza tagħha li minnha joħroġ li, fir-rigward ta' kuntratt ta' self, l-annullament ta' tali kuntratt kollu kemm hu jirrendi bħala prinċipju immedjatament eżegwibbli l-ammont tas-self dovut fi proporzjonijiet li jistgħu jaqbżu l-kapaċitajiet finanzjarji tal-konsumatur u jista' jwassal għal konsegwenzi partikolarment dannużi għalih. Madankollu, in-natura partikolarment dannuża tal-annullament ta' kuntratt ma tistax tiġi ridotta biss għall-konsegwenzi ta' natura purament pekunjarja (punt 61).

Fil-fatt, ma huwiex eskluż li l-annullament ta' kuntratt li jirrigwarda l-provvista ta' servizzi legali li diġà ġew ipprovduti jista' jqiegħed lill-konsumatur f'sitwazzjoni ta' inċertezza legali, b'mod partikolari fil-każ fejn id-dritt nazzjonali jippermetti lill-bejjiegħ jew lill-fornitur jitlob remunerazzjoni għal dawn is-servizzi fuq bażi differenti minn dik tal-kuntratt annullat. Barra minn hekk, l-invalidità tal-kuntratt jista' eventwalment ikollha effett fuq il-validità u l-effikaċja tal-atti mwettqa bis-saħħa tiegħu (punt 62).

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, fil-każ li l-invalidazzjoni tal-kuntratt kollu kemm hu tesponi lill-konsumatur għal konsegwenzi partikolarment dannużi, punt li kellu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju, id-Direttiva 93/13 ma tipprekludix li l-qorti nazzjonali tirrimedja n-nullità tal-klawżola inġusta billi tissostitwixxiha b'dispożizzjoni ta' dritt nazzjonali ta' natura supplenti jew applikabbli fil-każ ta' ftehim bejn il-partijiet fl-imsemmi kuntratt. Għall-kuntrarju, din id-direttiva tipprekludi li l-qorti nazzjonali tissostitwixxi l-klawżola inġusta annullata bi stima ġudizzjarja tal-livell tar-remunerazzjoni dovuta għall-imsemmija servizzi (dispożittiv 4).

## 3. Effetti oħra

***Sentenza tal-21 ta' Jannar 2015, Unicaja Banco u Caixabank (C-482/13, C-484/13, C-485/13 u C-487/13, EU:C:2015:21)***

*Kuntratti ipotekarji – Klawżoli ta' interessi moratorji – Klawżoli inġusti – Proċedura ta' eżekuzzjoni ta' ipoteka – Moderazzjoni tal-ammont tal-interessi – Kompetenzi tal-qorti nazzjonali)*

Il-kawżi prinċipali kienu jikkonċernaw proċeduri ta' eżekuzzjoni ta' ipoteka, imressqa minn Unicaja Banco u Caixabank, intiżi li tinkiseb l-eżekuzzjoni forzata ta' diversi ipoteki. Barra minn hekk, il-kuntratti ta' self kollha kkonċernati fil-kawżi prinċipali kienu jinkludu klawżola li abbażi tagħha, fil-każ li l-persuna li tissellef tonqos milli twettaq l-obbligi ta' ħlas tagħha, il-persuna li tislef setgħet tressaq 'il quddiem id-data ta' maturità inizjalment miftiehma u teżiġi l-ħlas tal-kapital dovut kollu, flimkien mal-interessi, mal-interessi moratorji, mal-kummissjonijiet u mal-ispejjeż miftiehma. Unicaja Banco u Caixabank ressqu quddiem il-qorti tar-rinviju talbiet għal eżekuzzjoni fir-rigward tal-ammonti dovuti wara applikazzjoni tar-rati tal-interessi moratorji previsti fil-kuntratti ipotekarji inkwistjoni.

Fil-kuntest ta' dawn ir-rikorsi, il-qorti tar-rinviju indirizzat il-kwistjoni tan-natura "inġusta", fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13, tal-klawżoli relatati mar-rati tal-interessi moratorji kif ukoll tal-applikazzjoni ta' dawn ir-rati fir-rigward tal-kapital li l-maturità antiċipata tiegħu kienet ikkawżata mid-dewmien ta' ħlas. F'dan ir-rigward, iżda, il-qorti tar-rinviju kellha dubji dwar il-konsegwenzi li hija kellha tislet min-natura inġusta tal-imsemmija klawżoli fid-dawl ta' dispożizzjoni nazzjonali li kienet tipprovdi li l-qorti nazzjonali, meta tkun adita bi proċedura ta' eżekuzzjoni ta' ipoteka, ikollha tikkalkola mill-ġdid is-somom dovuti taħt il-klawżola ta' kuntratt ta' self iggarantit b'ipoteka meta l-kuntratti jipprevedu interessi moratorji li r-rata tagħhom tkun iktar minn tliet darbiet ir-rata legali, filwaqt li tapplika rata ta' interessi moratorji li ma taqbiżx dan il-limitu.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat qabel kollox li, skont il-qorti tar-rinviju, il-klawżoli relatati mal-interessi moratorji tal-kuntratti ta' self iggarantit b'ipoteka li għall-eżekuzzjoni tagħhom nfetħu proċeduri quddiemha kienu "inġusti" fis-sens tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 93/13 (punt 27). F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, fir-rigward tal-konsegwenzi li għandhom jinstiltu mill-konstatazzjoni tan-natura inġusta ta' dispożizzjoni ta' kuntratt li jorbot lil konsumatur ma' bejjiegħ jew fornitur, mill-formulazzjoni tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 jirriżulta li l-qrati nazzjonali huma obbligati biss li ma japplikawx klawżola kuntrattwali inġusta sabiex din ma jkollhiex effetti vinkolanti fil-konfront tal-konsumatur, mingħajr ma għandhom is-setgħa jirrevedu l-kontenut tagħha. Fil-fatt, dan il-kuntratt għandu jkun jista' jibqa' validu, bħala prinċipju, mingħajr ebda emenda oħra għajr dik li tirriżulta mit-tneħħija tal-klawżoli inġusti, sa fejn, skont ir-regoli tad-dritt intern, tali tkomplija tal-kuntratt tkun legalment possibbli (punt 28).

Mid-deċiżjonijiet tar-rinviju kien jirriżulta li d-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni kienet teżiġi moderazzjoni tal-interessi moratorji fir-rigward tas-self jew tal-krediti intiżi għax-xiri ta' abitazzjoni prinċipali u ggarantiti b'ipoteki kkostitwiti fuq l-abitazzjoni inkwistjoni (punt 35). Il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni kien jestendi għal kull kuntratt ta' self iggarantit b'ipoteka u għalhekk kien differenti minn dak tad-Direttiva 93/13, li tikkonċerna biss il-klawżoli inġusti inklużi fil-kuntratti konklużi bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur. Minn dan jirriżulta li l-obbligu li jiġi

osservat il-limitu li jikkorrispondi għar-rata ta' interessi moratorji ekwivalenti għal tliet darbiet ir-rata ta' interessi legali, kif kien ġie previst mil-leġiżlatur, bl-ebda mod ma kien jippreġudika l-evalwazzjoni, mill-qorti, tan-natura inġusta ta' klawżola li tiffissa l-interessi moratorji (punt 36).

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 93/13, in-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali għandha tiġi evalwata billi tittieħed inkunsiderazzjoni n-natura tal-beni jew tas-servizzi li jkunu s-suġġett tal-kuntratt u billi jsir riferiment, fid-data tal-konklużjoni tal-kuntratt, għaċ-ċirkustanzi kollha li fihom ikun ġie konkluż. Minn dan jirriżulta, f'dan il-kuntest, li għandhom jiġu evalwati wkoll il-konsegwenzi li jista' jkollha l-klawżola msemmija fil-kuntest tad-dritt applikabbli għall-kuntratt, li jimplika eżami tas-sistema legali nazzjonali (punt 37). F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, barra minn hekk, li qorti nazzjonali, adita b'tilwima esklużivament bejn individwi, hija marbuta, fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt intern, tieħu inkunsiderazzjoni r-regoli kollha tad-dritt nazzjonali u tinterpretahom, sa fejn ikun possibbli, fid-dawl tat-test kif ukoll fid-dawl tal-għan finali tad-direttiva applikabbli għall-qasam ineżami sabiex tasal għal soluzzjoni konformi mal-għan imfittex minnha (punt 38).

Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 ma jipprekludix dispożizzjoni nazzjonali, bħal dik li kienet inkwistjoni, kemm-il darba l-applikazzjoni tagħha ma tippreġudikax l-evalwazzjoni mill-imsemmija qorti nazzjonali tan-natura inġusta ta' tali klawżola u ma tipprekludix li din il-qorti twarrab l-imsemmija klawżola fil-każ li tikkonkludi li din il-klawżola tkun ta' natura "inġusta". Fil-fatt, meta l-qorti nazzjonali jkollha quddiemha klawżola ta' kuntratt dwar interessi moratorji li r-rata tagħhom tkun inqas minn dik prevista fid-dritt nazzjonali, l-iffissar ta' dan il-limitu massimu leġiżlattiv ma jipprekludix lill-imsemmija qorti milli tevalwa n-natura eventwalment inġusta ta' din il-klawżola (punt 40 u d-dispożittiv)

Għall-kuntrarju, meta r-rata ta' interessi moratorji prevista fi klawżola ta' kuntratt ta' self iggarantit b'ipoteka tkun ogħla minn dik prevista fid-dritt nazzjonali u jkollha, skont dan id-dritt, tkun is-suġġett ta' limitazzjoni, tali fatt ma għandux jipprekludi lill-qorti nazzjonali milli tkun tista', minbarra din il-miżura ta' moderazzjoni, tislet il-konsegwenzi kollha tal-eventwali natura inġusta fis-sens tad-Direttiva 93/13 tal-klawżola li tinkludi din ir-rata, billi, jekk ikun il-każ, tannullaha (punti 41 u 42).

***Sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, Banco Santander (C-96/16 u C-94/17, EU:C:2018:643)***

*Trasferiment ta' kreditu – Kuntratt ta' self konkluż ma' konsumatur – Kriterji ta' evalwazzjoni tan-natura inġusta ta' klawżola ta' dan il-kuntratt li tiffissa r-rata ta' interessi moratorji – Konsegwenzi ta' din in-natura*

F'din is-sentenza, li l-kuntest fattwali u ġuridiku tagħha ġie espost preċedentement [43], il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li d-Direttiva 93/13 ma tipprekludix ġurisprudenza nazzjonali, bħal dik tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja), li minnha jirriżulta li l-konsegwenza tan-natura inġusta ta' klawżola mhux innegozjata ta' kuntratt ta' self konkluż ma' konsumatur li tiffissa r-rata ta' interessi moratorji tikkonsisti fl-eliminazzjoni totali ta' dawn l-interessi, filwaqt li l-interessi ordinarji previsti f'dan il-kuntratt jibqgħu jiddekorru (dispożittiv 3).

[43] Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tal-kawża, ara t-Taqsima II.1, "Kunċett ta' 'klawżola inġusta'", p. 20.

B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li minn din id-direttiva ma jirriżultax li l-eliminazzjoni jew it-tħassir tal-klawżola ta' kuntratt ta' self li tiffissa r-rata ta' interessi moratorji, minħabba n-natura inġusta tagħha, għandha twassal ukoll għall-eliminazzjoni jew għat-tħassir tal-klawżola tal-kuntratt li tiffissa r-rata ta' interessi ordinarji u dan peress li dawn il-klawżoli għandhom jiġu distinti b'mod ċar. Fir-rigward ta' dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-interessi moratorji huma intiżi li jissanzjonaw in-nuqqas tad-debitur li jwettaq l-obbligu tiegħu li jħallas ir-rimborsi tas-self fl-iskadenzi miftiehma fil-kuntratt, li jiskoraġġixxu lil dan id-debitur milli jittardja fit-twettiq tal-obbligi tiegħu u, jekk ikun il-każ, li l-persuna li ssellef tiġi kkumpensata għad-danni mġarrba minħabba d-dewmien fil-ħlas. Għall-kuntrarju, l-interessi ordinarji għandhom funzjoni ta' remunerazzjoni għat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' somma flus mill-persuna li ssellef sad-data tar-rimbors tagħha. Dawn il-kunsiderazzjonijiet japplikaw irrispettivament minn kif ikunu mfassla l-klawżola kuntrattwali li tistabbilixxi r-rata ta' interessi moratorji u dik li tiffissa r-rata ta' interessi ordinarji. B'mod partikolari, dawn il-kunsiderazzjonijiet ma jkunux validi biss meta r-rata ta' interessi moratorji tiġi ddefinita indipendentement mir-rata ta' interessi ordinarji, fi klawżola distinta, iżda jkunu validi wkoll meta r-rata ta' interessi moratorji tiġi ddeterminata fil-forma ta' żieda fir-rata ta' interessi ordinarji b'ċertu numru ta' punti perċentwali. F'dan l-aħħar każ, peress li l-klawżola inġusta tkun tikkonsisti f'din iż-żieda, id-Direttiva 93/13 teżiġi biss li l-imsemmija żieda tiġi annullata (punti 76 u 77).

***Sentenza tas-26 ta' Marzu 2019 (Awla Manja), Abanca Corporación Bancaria (C-70/17 u C-179/17, EU:C:2019:250)***

*Klawżola ta' skadenza antiċipata ta' kuntratt ta' self iggarantit b'ipoteka – Dikjarazzjoni tan-natura parzjalment inġusta tal-klawżola – Setgħat tal-qorti nazzjonali fil-preżenza ta' klawżola kklassifikata bħala "inġusta" – Sostituzzjoni tal-klawżola inġusta b'dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali*

It-tilwimiet fil-kawżi prinċipali kienu jikkonċernaw kuntratti ta' self iggarantiti b'ipoteka konklużi fi Spanja li kienu jinkludu klawżola li tippermetti li tintalab l-iskadenza antiċipata tal-kuntratt b'mod partikolari fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas ta' pagament mensili wieħed.

Il-qrati tar-rinviju essenzjalment staqsew lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 93/13 kellhomx jiġu interpretati fis-sens li, meta klawżola ta' skadenza antiċipata ta' kuntratt ta' self iggarantit b'ipoteka tiġi ddikjarata inġusta, hija xorta waħda tkun tista' tinżamm fis-seħħ parzjalment, permezz tat-tħassir tal-elementi li jagħmluha inġusta. Huma staqsew ukoll lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk, fil-każ kuntrarju, dawn id-dispożizzjonijiet setgħux jiġu interpretati fis-sens li l-proċedura ta' eżekuzzjoni ta' ipoteka miftuħa b'applikazzjoni ta' din il-klawżola tkun tista' xorta waħda titkompla bl-applikazzjoni ta' regola tad-dritt nazzjonali supplenti, sa fejn l-impossibbiltà li tintuża din il-proċedura setgħet tmur kontra l-interessi tal-konsumaturi.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 93/13 għandhom jiġu interpretati fis-sens, l-ewwel nett, li jipprekludu li klawżola ta' skadenza antiċipata ta' kuntratt ta' self iggarantit b'ipoteka ddikjarata inġusta tinżamm fis-seħħ parzjalment, permezz tat-tneħħija tal-elementi li jagħmluha inġusta, meta tali tneħħija twassal għal reviżjoni tal-kontenut tal-imsemmija klawżola li taffettwa s-sustanza tagħha. Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dawn l-istess artikoli ma jipprekludux li l-qorti nazzjonali tirrimedja n-nullità ta' tali klawżola inġusta billi tissostitwixxiha bil-formulazzjoni l-ġdida tad-dispożizzjoni leġiżlattiva li

kienet ispirat din il-klawżola, applikabbli fil-każ ta' qbil bejn il-partijiet fil-kuntratt, kemm-il darba l-kuntratt ta' self iggarantit b'ipoteka inkwistjoni ma jkunx jista' jibqa' fis-seħħ fil-każ tat-tneħħija tal-imsemmija klawżola inġusta, u kemm-il darba jiġi stabbilit li l-annullament tal-kuntratt fl-intier tiegħu jkun ser jesponi lill-konsumatur għal konsegwenzi partikolarment dannużi (dispożittiv).

Huwa minnu li, meta l-qorti nazzjonali tikkonstata n-nullità ta' klawżola inġusta f'kuntratt konkluż bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur, l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 jipprekludi regola tad-dritt nazzjonali li tippermetti lill-qorti nazzjonali tikkompleta dan il-kuntratt billi tirrevedi l-kontenut ta' din il-klawżola. Għalhekk, li kieku l-qorti nazzjonali tkun tista' tirrevedi l-kontenut tal-klawżoli inġusti li jinsabu f'tali kuntratt, tali possibbiltà tkun tista' tippreġudika t-twettiq tal-għan fit-tul previst fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 93/13. Fil-fatt, din il-possibbiltà tkun qiegħda tikkontribwixxi sabiex jiġi eliminat l-effett dissważiv eżerċitat fuq il-bejjiegħa jew il-fornituri bis-sempliċi nuqqas ta' applikazzjoni fir-rigward tal-konsumatur ta' tali klawżoli inġusti, sa fejn dawn jibqgħalhom l-inċentiv li jużaw l-imsemmija klawżoli sa fejn jafu li, anki jekk dawn jiġu invalidati, il-kuntratt xorta waħda jkun jista' jiġi kkompletat, sa fejn neċessarju, mill-qorti nazzjonali b'tali mod li b'hekk jiġi żgurat l-interess tal-imsemmija bejjiegħa jew fornituri (punti 53 u 54).

Madankollu, f'sitwazzjoni fejn kuntratt konkluż bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur ma jkunx jista' jibqa' fis-seħħ wara t-tneħħija ta' klawżola inġusta, l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 ma jipprekludix li l-qorti nazzjonali, b'applikazzjoni tal-prinċipji tad-dritt tal-kuntratti, tannulla l-klawżola inġusta filwaqt li tissostitwixxiha b'dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali ta' natura supplenti f'sitwazzjonijiet fejn l-invalidazzjoni tal-klawżola inġusta tobbliga lill-qorti tannulla l-kuntratt kollu kemm hu, u b'hekk tesponi lill-konsumatur għal konsegwenzi partikolarment dannużi, b'tali mod li jiġi ppenalizzat dan tal-aħħar (punt 56).

Tali sostituzzjoni hija kompletament iġġustifikata fid-dawl tal-finalità tad-Direttiva 93/13. Fil-fatt, din is-sostituzzjoni tkun konformi mal-għan tal-Artikolu 6(1) ta' din id-direttiva peress li din id-dispożizzjoni hija intiża li tissostitwixxi l-bilanċ formali li l-kuntratt jistabbilixxi bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet fil-kuntratt b'bilanċ reali ta' natura li jistabbilixxi mill-ġdid l-ugwaljanza bejn dawn tal-aħħar u ma hijiex intiża li tannulla l-kuntratti kollha li jkun fihom klawżoli inġusti (punt 57).

Li kieku ma kienx permess li klawżola inġusta tiġi ssostitwita b'dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali ta' natura supplenti, u b'hekk il-qorti tkun obbligata tannulla l-kuntratt kollu kemm hu, il-konsumatur jista' jkun espost għal konsegwenzi partikolarment dannużi, b'tali mod li jkun hemm ir-riskju li tiġi kompromessa n-natura dissważiva li tirriżulta mill-annullament tal-kuntratt. Fil-fatt, fir-rigward ta' kuntratt ta' self, tali annullament ikollu bħala prinċipju l-konsegwenza li jagħmel immedjatament eżiġibbli l-ammont tas-self li jkun għadu dovut fi proporzjonijiet li jistgħu jaqbżu l-kapaċitajiet finanzjarji tal-konsumatur u, b'hekk, iktar jippenalizza lill-konsumatur milli lill-persuna li ssellef li, għalhekk, ma jkollha ebda inċentiv li ma tibqax tinkludi tali klawżoli fil-kuntratti proposti minnha (punt 58).

Għal raġunijiet simili, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, f'sitwazzjoni fejn kuntratt ta' self iggarantit b'ipoteka konkluż bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur ma jkunx jista' jibqa' fis-seħħ wara t-tħassir ta' klawżola inġusta li t-tfassil tagħha kien ispirat minn dispożizzjoni leġiżlattiva applikabbli fil-każ ta' qbil tal-partijiet fil-kuntratt, l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 lanqas ma jipprekludi li l-qorti nazzjonali, sabiex jiġi evitat li dan il-kuntratt jiġi annullat, tissostitwixxi din il-klawżola bil-formulazzjoni l-ġdida ta' din id-dispożizzjoni leġiżlattiva ta' riferiment introdotta wara l-

konklużjoni tal-kuntratt, sa fejn l-annullament tal-kuntratt ikun ser jesponi lill-konsumatur għal konsegwenzi partikolarment dannużi (punt 59).

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li kienu l-qrati tar-rinviju li kellhom jivverifikaw, skont ir-regoli tad-dritt intern u skont approċċ oġġettiv, jekk it-tħassir ta' dawn il-klawżoli kienx ser ikollu l-konsegwenza li l-kuntratti ta' self iggarantit b'ipoteka ma setgħux jibqgħu fis-seħħ.

Fit-tali ipoteżi, il-qrati tar-rinviju kellhom jeżaminaw jekk l-annullament tal-kuntratti ta' self iggarantit b'ipoteka inkwistjoni fil-kawżi prinċipali kienx ser jesponi lill-konsumaturi kkonċernati għal konsegwenzi partikolarment dannużi. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, mid-deċiżjonijiet tar-rinviju, kien jirriżulta li tali annullament seta' jkollu effetti, b'mod partikolari, fuq il-modalitajiet proċedurali tad-dritt nazzjonali li kienu jipprovdu li l-banek setgħu jiksbu, quddiem il-qrati, ir-rimbors tal-ammont kollu tas-self li jkun għadu dovut mill-konsumaturi (punt 61).

***Sentenza tas-7 ta' Novembru 2019, Kanyeba et (Kawżi magħquda C-349/18 sa C-351/18, EU:C:2019:936)***

*Kundizzjonijiet ġenerali ta' trasport ta' impriża ferrovjarja – Klawżola ta' penali – Setgħat tal-qorti nazzjonali*

F'din is-sentenza, li l-kuntest fattwali u ġuridiku tagħha ġie espost preċedentement [44], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fir-rigward ta' klawżola ta' penali prevista f'kuntratt konkluż bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur, li l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 jipprekludi li qorti nazzjonali li tikkonstata n-natura inġusta ta' tali klawżola ta' penali timmodera l-ammont tal-penali imposta minn din il-klawżola fuq dan il-konsumatur (dispożittiv 2).

***Sentenza tad-9 ta' Lulju 2020, Ibercaja Banco (C-452/18, EU:C:2020:536)***

*Kuntratt ta' self iggarantit b'ipoteka – Klawżola ta' limitazzjoni tal-varjabbiltà tar-rata ta' interessi (klawżola msejħa "klawżola ta' rata minima") – Kuntratt ta' novazzjoni – Rinunzja għall-azzjonijiet legali kontra l-klawżoli tal-kuntratt – Assenza ta' natura vinkolanti*

F'din is-sentenza, li l-kuntest fattwali u ġuridiku tagħha ġie espost preċedentement [45], il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 ma jipprekludix li klawżola ta' kuntratt konkluż bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur li n-natura inġusta tagħha tkun tista' tiġi kkonstatata minn qorti tista' tkun is-suġġett ta' kuntratt ta' novazzjoni bejn dan il-bejjiegħ jew fornitur u dan il-konsumatur, li permezz tiegħu l-konsumatur jirrinunzja għall-effetti li twassal għalihom id-dikjarazzjoni tan-natura inġusta ta' din il-klawżola, bil-kundizzjoni li din ir-rinunzja ssir b'kunsens liberu u informat tal-konsumatur, punt dan li jkollu jiġi vverifikat mill-qorti nazzjonali (dispożittiv 1).

[44] Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tal-kawża, ara t-Taqsima V.2, "Sostituzzjoni tal-klawżola inġusta", p. 55.

[45] Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tal-kawża, ara t-Taqsima II.1., "Kunċett ta' 'klawżola inġusta'", p. 21. Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll fit-Taqsima II.2, "Kunċett ta' 'klawżola li ma kinitx innegozjata individwalment', u fit-taqsima III.2, "Rekwiżiti ta' *bona fide*, ta' bilanċ u ta' trasparenza".

Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li r-rinunzja min-naħa tal-konsumatur li jinvoka n-nullità ta' klawżola inġusta tista' tittieħed inkunsiderazzjoni biss jekk, meta jkun għamel din ir-rinunzja, dan il-konsumatur kien konxju tan-natura mhux vinkolanti ta' din il-klawżola u tal-konsegwenzi li jirriżultaw minnha. Huwa biss f'din l-ipoteżi li jkun jista' jitqies li l-adeżjoni tiegħu għan-novazzjoni ta' tali klawżola tkun saret b'kunsens liberu u informat, b'osservanza tar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 93/13, punt dan li jkollu jiġi vverifikat mill-qorti nazzjonali (punt 29).

## 4. Limitazzjoni *ratione temporis* tal-effetti tal-konstatazzjoni ta' nullità

***Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016 (Awla Manja), Gutiérrez Naranjo et (C-154/15, C-307/15 u C-308/15, EU:C:2016:980)***

*Self iggarantit b'ipoteka – Klawżoli inġusti – Dikjarazzjoni ta' nullità – Limitazzjoni mill-qorti nazzjonali tal-effetti ratione temporis tad-dikjarazzjoni ta' nullità ta' klawżola inġusta*

Il-kawżi prinċipali kienu jikkonċernaw klawżoli inklużi f'kuntratti ta' self iggarantit b'ipoteka, li kienu jipprevedu rata minima li r-rata ta' interessi varjabbli ma setgħetx tinżel iktar baxxa minnha. Minkejja li dawn il-klawżoli "ta' rata minima" kienu ġew iddikjarati inġusti permezz ta' sentenza preċedenti tal-qorti suprema Spanjola fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 93/13, dik il-qorti kienet illimitat, b'mod ġenerali, l-effetti restitutorji tad-dikjarazzjoni ta' nullità ta' dawn il-klawżoli għas-somom imħallsa indebitament sussegwentement għall-għoti tas-sentenza tagħha li tistabbilixxi l-prinċipju. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qrati tar-rinviju, aditi minn konsumaturi milquta mill-applikazzjoni tal-imsemmija klawżoli "ta' rata minima", staqsew jekk tali limitazzjoni *ratione temporis* tal-effetti tad-dikjarazzjoni ta' nullità kinitx kompatibbli mad-Direttiva 93/13.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-konstatazzjoni tan-natura inġusta ta' klawżola fis-sens tad-Direttiva 93/13 għandu jkollha l-effett li tistabbilixxi mill-ġdid is-sitwazzjoni li fiha l-konsumatur kien jinsab fl-assenza ta' din il-klawżola. Għaldaqstant, f'dan il-każ, il-konstatazzjoni tan-natura inġusta tal-klawżoli "ta' rata minima" kellha tippermetti r-restituzzjoni tal-vantaġġi miksuba indebitament għad-detriment tal-konsumaturi (punti 66 u 67).

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li, għalkemm qorti nazzjonali tista' tiddeċiedi li s-sentenza tagħha ma għandhiex taffettwa, fl-interess taċ-ċertezza legali, is-sitwazzjonijiet li jkunu maqtugħa definittivament permezz ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji preċedenti, hija, għall-kuntrarju, esklużivament il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tagħti deċiżjoni dwar il-limitazzjonijiet *ratione temporis* li jkollhom japplikaw għall-interpretazzjoni li hija tagħti fir-rigward ta' regola tal-Unjoni. Barra minn hekk, sa fejn il-limitazzjoni *ratione temporis* tal-effetti tan-nullità tal-klawżoli "ta' rata minima", kif deċiża mill-qorti suprema Spanjola, kienet iċċaħħad lill-konsumaturi mid-dritt li jiksbu l-ħlas lura tas-somom kollha li kienu ħallsu indebitament, din il-limitazzjoni kienet tiżgura biss protezzjoni parzjali u insuffiċjenti tal-konsumaturi. F'dawn iċ-ċirkustanzi, tali limitazzjoni la kienet mezz adegwat u lanqas mezz effikaċi sabiex jitwaqqaf l-użu ta' dan it-tip ta' klawżola, kuntrarjament għal dak li tipprevedi d-Direttiva. Għalhekk, id-dritt tal-Unjoni jipprekludi din il-limitazzjoni *ratione temporis* tal-effetti restitutorji marbuta man-nullità ta' klawżola inġusta (punti 70, 72, 73 u 75, u d-dispożittiv).

***Sentenza tas-17 ta' Mejju 2022 (Awla Manja), Unicaja Banco (C-869/19, EU:C:2022:397)***

*Kuntratt ipotekarju – Natura inġusta tal-"klawżola ta' rata minima" prevista f'dan il-kuntratt – Regoli nazzjonali dwar il-proċedura ġudizzjarja ta' appell – Limitazzjoni tal-effetti ratione temporis tad-dikjarazzjoni ta' nullità ta' klawżola inġusta – Restituzzjoni – Setgħa ta' stħarriġ ex officio tal-qorti nazzjonali tal-appell*

It-tilwima fil-kawża prinċipali, bejn L u Banco de Caja España de Inversiones, Salamanca y Soria SAU, li fid-drittijiet tagħha daħlet Unicaja Banco SA, kienet tikkonċerna l-assenza ta' eżami *ex officio* mill-qorti nazzjonali tal-appell ta' motiv ibbażat fuq ksur tad-dritt tal-Unjoni. L-istabbiliment bankarju kien ta self iggarantit b'ipoteka lil L. Dan il-kuntratt kien jipprevedi "klawżola ta' rata minima", li permezz tagħha r-rata varjabbli ma setgħetx tkun ta' inqas minn 3 %. L ippreżenta rikors kontra dan l-istabbiliment sabiex jikseb in-nullità ta' din il-klawżola u l-ħlas lura tal-ammonti mħallsa indebitament, filwaqt li sostna li din il-klawżola kellha tiġi ddikjarata inġusta minħabba n-nuqqas ta' trasparenza tagħha. Il-qorti tal-ewwel istanza laqgħet ir-rikors, filwaqt li llimitat *ratione temporis* l-effetti restitutorji skont ġurisprudenza nazzjonali. Il-qorti tal-appell, adita mill-istabbiliment bankarju, ma ordnatx il-ħlas lura totali tal-ammonti mħallsa abbażi tal-"klawżola ta' rata minima" peress li L ma kienx appella mis-sentenza mogħtija fl-ewwel istanza. Skont id-dritt Spanjol, jekk parti mid-dispożittiv ta' sentenza ma tiġi kkontestata minn ebda waħda mill-partijiet, il-qorti tal-appell ma setgħetx tneħħilha kull effett jew temendaha. Din ir-regola kienet tixbah l-awtorità ta' *res judicata*. It-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja) għalhekk staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kompatibbiltà tad-dritt nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-fatt li qorti nazzjonali, adita b'appell minn sentenza li tillimita *ratione temporis* il-ħlas lura tas-somom imħallsa indebitament mill-konsumatur bis-saħħa ta' klawżola ddikjarata inġusta, ma setgħetx tqajjem *ex officio* motiv ibbażat fuq il-ksur tad-Direttiva 93/13 u lanqas ma setgħet tordna l-ħlas lura totali tal-imsemmija somom.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat ir-rabta bejn ċerti prinċipji proċedurali nazzjonali li jirregolaw il-proċedura tal-appell, bħalma huma l-prinċipju ta' delimitazzjoni tas-suġġett tal-kawża mill-partijiet, il-prinċipji ta' korrelazzjoni bejn it-talbiet imressqa fil-kuntest tar-rikors u d-deċiżjonijiet li jinsabu fid-dispożittiv u l-prinċipju ta' projbizzjoni tar-*reformatio in peius*, u s-setgħa tal-qorti nazzjonali li teżamina *ex officio* n-natura inġusta ta' klawżola.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 jipprekludi l-applikazzjoni ta' tali prinċipji proċedurali nazzjonali, li permezz tagħhom qorti nazzjonali, adita b'appell minn sentenza li tillimita *ratione temporis* il-ħlas lura tas-somom indebitament imħallsa mill-konsumatur bis-saħħa ta' klawżola ddikjarata inġusta, ma tkunx tista' tqajjem *ex officio* motiv ibbażat fuq ksur ta' dispożizzjoni ta' din id-direttiva u tordna l-ħlas lura totali tal-imsemmija somom, meta l-assenza ta' kontestazzjoni ta' din il-limitazzjoni *ratione temporis* mill-konsumatur ikkonċernat ma tkunx tista' tiġi imputata lill-passività totali tiegħu. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-assenza ta' appell ippreżentat mill-konsumatur ikkonċernat f'terminu xieraq setgħet kienet dovuta għall-fatt li t-terminu tiegħu sabiex jippreżenta appell kien diġà skada meta ngħatat is-sentenza Gutiérrez Naranjo *et* [46], li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja kienet qieset li kienet inkompatibbli mal-imsemmija direttiva l-ġurisprudenza nazzjonali li tillimita *ratione*

[46] Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Gutiérrez Naranjo *et* (C-154/15, C-307/15 u C-308/15, EU:C:2016:980), ippreżentata fit-Taqsima V.4., "Limitazzjoni *ratione temporis* tal-effetti tal-konstatazzjoni ta' nullità".

*temporis* l-effetti restitutorji marbuta mad-dikjarazzjoni tan-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali. Għaldaqstant, fil-kawża prinċipali, il-konsumatur ikkonċernat ma kienx wera passività totali minħabba li ma ppreżentax appell. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-applikazzjoni tal-prinċipji proċedurali nazzjonali li ċaħħduh mill-mezzi li jippermettulu jinvoka d-drittijiet tiegħu taħt id-Direttiva 93/13 kienet tmur kontra l-prinċipju ta' effettività, sa fejn kienet ta' natura li tagħmel impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-protezzjoni ta' dawn id-drittijiet (punti 38 u 39, u d-dispożittiv).

# VI. Mezzi intiżi li jwaqqfu l-użu ta' klawżola inġusta

## 1. Azzjonijiet kollettivi jew ta' interess pubbliku

***Sentenza tas-26 ta' April 2012, Invitel (C-472/10, EU:C:2012:242)***

*Emenda unilaterali tat-termini tal-kuntratt mill-bejjiegħ jew fornitur – Talba għal mandat ta' inibizzjoni mressqa fl-interess pubbliku, f'isem il-konsumaturi, minn organu nnominat mil-leġiżlazzjoni nazzjonali – Konstatazzjoni tan-natura inġusta tal-klawżola – Effetti ġuridiċi*

F'din is-sentenza, li l-kuntest fattwali u ġuridiku tagħha ġie espost preċedentement [47], il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, l-ewwel nett, li d-Direttiva 93/13 tobbliga lill-Istati Membri jippermettu lill-persuni jew lill-organizzazzjonijiet li jkollhom interess leġittimu li jipproteġu lill-konsumaturi jadixxu lill-qrati b'azzjoni għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex jiġi ddeterminat jekk klawżoli mfassla bil-għan li jintużaw b'mod ġenerali jkunux ta' natura inġusta u sabiex tinkiseb, jekk ikun il-każ, il-projbizzjoni tagħhom. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat madankollu li din id-direttiva ma hijiex intiża li tarmonizza s-sanzjonijiet applikabbli meta n-natura inġusta ta' klawżola tiġi kkonstatata fil-kuntest ta' proċeduri mibdija minn dawn il-persuni jew organizzazzjonijiet (punti 35 u 36).

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-implimentazzjoni effettiva tal-għan dissważiv tal-azzjonijiet ibbażati fuq l-interess pubbliku teżiġi li l-klawżoli ddikjarati inġusti fil-kuntest ta' tali azzjoni mibdija kontra l-bejjiegħ jew il-fornitur ikkonċernat la jorbtu lill-konsumaturi li jkunu, jekk ikun il-każ, partijiet fil-proċedura u lanqas lil dawk li ma jkunux parti iżda li jkunu kkonkludew ma' dan il-bejjiegħ jew fornitur kuntratt li għalih japplikaw l-istess kundizzjonijiet ġenerali. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li azzjonijiet ibbażati fuq l-interess pubbliku intiżi għall-eliminazzjoni tal-klawżoli inġusti jistgħu jitressqu wkoll qabel l-użu ta' dawn il-klawżoli f'kuntratti (punt 38).

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-leġiżlazzjoni kkontestata, li tipprovdi li d-dikjarazzjoni ta' nullità ta' klawżola inġusta magħmula minn qorti, wara rikors ibbażat fuq l-interess pubbliku, tapplika għal kull konsumatur li jkun ikkonkluda kuntratt ma' bejjiegħ jew fornitur li fih tinsab din il-klawżola, taqa' preċiżament fil-loġika tad-Direttiva 93/13, li tipprovdi li l-Istati Membri huma obbligati jiżguraw li jeżistu mezzi adegwati u effettivi sabiex jitwaqqaf l-użu tal-klawżoli inġusti. Konsegwentement, din il-leġiżlazzjoni kellha titqies li kienet kompatibbli ma' din id-direttiva.

Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li l-qrati nazzjonali huma obbligati jisiltu *ex officio*, anki fil-futur, il-konsegwenzi kollha tal-konstatazzjoni, fil-kuntest ta' azzjoni intiża għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, tan-nullità, b'tali mod li l-klawżola inġusta ma tkunx torbot lill-konsumaturi li jkunu kkonkludew kuntratt li jinkludi tali klawżola u li għalih japplikaw l-istess kundizzjonijiet ġenerali (punt 43 u d-dispożittiv 2).

[47] Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tal-kawża, ara t-Taqsima III.1, "Kriterji ta' evalwazzjoni", p. 28.

***Sentenza tas-27 ta' Frar 2014, Pohotovosť (C-470/12, [EU:C:2014:101](EU:C:2014:101))***

*Eżekuzzjoni forzata ta' deċiżjoni ta' arbitraġġ – Talba għal intervent fi proċedura ta' eżekuzzjoni – Assoċjazzjoni ta' protezzjoni tal-konsumaturi – Leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tippermettix tali intervent – Awtonomija proċedurali tal-Istati Membri*

Il-kumpannija Pohotovosť tat kreditu għall-konsum lil persuna li tissellef. Din tal-aħħar ġiet ikkundannata, permezz ta' deċiżjoni ta' arbitraġġ, għar-rimbors tal-ammonti marbuta mal-eżekuzzjoni ta' dan il-kuntratt. Wara talba għall-eżekuzzjoni ta' din id-deċiżjoni ta' arbitraġġ imressqa minn Pohotovosť, il-marixxall tal-qorti kompetenti adixxa lill-Okresný súd Svidník (il-Qorti Distrettwali ta' Svidník, is-Slovakkja) (iktar 'il quddiem il-"qorti nazzjonali") b'talba għal awtorizzazzjoni sabiex titwettaq l-eżekuzzjoni tal-imsemmija deċiżjoni.

Kien fil-kuntest ta' din il-proċedura ta' eżekuzzjoni li assoċjazzjoni għall-protezzjoni tal-konsumaturi talbet li tintervjeni. Fil-fatt, din l-assoċjazzjoni kienet qiegħda tinvoka nuqqas ta' imparzjalità min-naħa tal-marixxall tal-qorti minħabba li, fil-passat, kellu relazzjoni ta' xogħol ma' Pohotovosť. Wara li tat digriet li ddikjara t-talba għal intervent inammissibbli, il-qorti nazzjonali ġiet adita b'rikors kontra dan id-digriet. F'dan il-każ, l-imsemmija assoċjazzjoni allegat, essenzjalment, li l-qorti ma kinitx tat lill-persuna li ssellfet protezzjoni suffiċjenti fil-konfront ta' klawżola ta' arbitraġġ inġusta.

Skont il-leġiżlazzjoni Slovakka, assoċjazzjoni għall-protezzjoni tal-konsumaturi setgħet tintervjeni f'kawża li tirrigwarda l-mertu tad-dritt u li tikkonċerna konsumatur. Madankollu, skont il-ġurisprudenza tan-Najvyšší súd Slovenskej republiky (il-Qorti Suprema tar-Repubblika Slovakka), l-intervent ta' tali assoċjazzjoni ma kienx ammess fil-proċeduri ta' eżekuzzjoni li jikkonċernaw konsumatur, kemm jekk fir-rigward tal-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' qorti nazzjonali jew ta' deċiżjoni ta' arbitraġġ definittiva.

F'dan il-kuntest, il-qorti nazzjonali ddeċidiet li tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva 93/13 u l-Artikoli 38 u 47 tal-Karta, dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi u d-dritt għal rimedju effettiv rispettivament, ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li ma jiġix ammess l-intervent ta' assoċjazzjoni ta' protezzjoni tal-konsumaturi insostenn ta' konsumatur partikolari fi proċedura ta' eżekuzzjoni, diretta kontra dan tal-aħħar, ta' deċiżjoni ta' arbitraġġ definittiva (dispożittiv).

Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li qorti nazzjonali adita b'kawża ta' eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' arbitraġġ definittiva għandha, meta jkollha l-punti ta' liġi u ta' fatt neċessarji, twettaq eżami *ex officio* tan-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali li fuqhom ikun ibbażat il-kreditu stabbilit b'din id-deċiżjoni (punt 42).

Barra minn hekk, fir-rigward tar-rwol tal-assoċjazzjonijiet ta' protezzjoni tal-konsumaturi, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-Artikolu 7(1) u (2) tad-Direttiva 93/13 jipprevedi l-possibbiltà għal dawn l-assoċjazzjonijiet li jadixxu lill-qrati sabiex jiġi ddeterminat jekk klawżoli mfassla bil-għan li jintużaw b'mod ġenerali jkunux ta' natura inġusta u sabiex tinkiseb il-projbizzjoni tagħhom. F'dan is-sens, hija ppreċiżat li l-azzjonijiet għal inġunzjoni hekk imressqa jistgħu jiġu eżerċitati anki jekk il-klawżoli li tintalab il-projbizzjoni tagħhom ma jkunux intużaw f'kuntratti speċifiċi. Għall-kuntrarju, fl-assenza ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-possibbiltà għall-assoċjazzjonijiet ta' protezzjoni tal-konsumaturi li jintervjenu fil-kawżi individwali li jinvolvu konsumaturi, din il-kwistjoni għandha tiġi

rregolata minn kull Stat Membru, skont il-prinċipju ta’ awtonomija proċedurali u b’osservanza tal-prinċipji ta’ ekwivalenza u ta’ effettività (punti 43, 44 u 46).

Fir-rigward tal-prinċipju ta’ ekwivalenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, f’dan il-każ, ma kienx hemm ksur ta’ dan il-prinċipju. Fil-fatt, l-esklużjoni tal-intervent ta’ kull terz f’kull proċedura ta’ eżekuzzjoni ta’ deċiżjoni ta’ qorti nazzjonali jew ta’ deċiżjoni ta’ arbitraġġ definittiva tapplika indipendentement minn jekk ikunx qiegħed jiġi invokat ksur tad-dritt tal-Unjoni jew tad-dritt intern. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat ukoll li lanqas ma kien hemm ksur tal-prinċipju ta’ effettività. F’dan is-sens, hija ppreċiżat, qabel kollox, li d-Direttiva 93/13 ma tipprevedix dritt għall-assoċjazzjonijiet ta’ protezzjoni tal-konsumaturi li jintervjenu f’kawżi individwali li jinvolvu konsumaturi. Minħabba f’hekk, l-Artikolu 38 tal-Karta, dwar il-ħtieġa li jiġi żgurat livell għoli ta’ protezzjoni tal-konsumaturi, ma jimponix interpretazzjoni ta’ din id-direttiva fis-sens li jiġi rrikonoxxut dan id-dritt. Barra minn hekk, hija kkonkludiet li, sa fejn l-imsemmija direttiva tipprevedi l-obbligu tal-qorti nazzjonali li tistħarreġ *ex officio* n-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali, ir-rifjut li jiġi ammess l-intervent ta’ tali assoċjazzjoni insostenn ta’ konsumatur ma kienx jikkostitwixxi ksur tad-dritt tagħha għal azzjoni ġudizzjarja. Madankollu, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dan ir-rifjut ma kellux jaffettwa d-drittijiet ta’ tali assoċjazzjoni, b’mod partikolari li tippreżenta azzjoni kollettiva jew li tirrappreżenta direttament konsumatur f’kull proċedura (punti 49, 50, 52 u 54 sa 56).

***Sentenza tal-14 ta’ April 2016, Sales Sinués (C-381/14 u C-385/14, EU:C:2016:252)***

*Kuntratti ipotekarji – Klawżola ta’ rata minima – Eżami tal-klawżola fid-dawl tal-invalidazzjoni tagħha – Proċedura kollettiva – Kawża għal mandat ta’ inibizzjoni – Sospensjoni tal-proċedura individwali li jkollha l-istess suġġett*

Fl-2005, numru ta’ persuni li jissellfu kkonkludew kuntratt ta’ novazzjoni ta’ self iggarantit b’ipoteka u kuntratt ta’ self iggarantit b’ipoteka ma’ żewġ stabbilimenti bankarji Spanjoli. Il-kuntratti kienu jinkludu klawżola msejħa “ta’ rata minima” li kienet tipprevedi rata nominali annwali minima kif ukoll limitu massimu ta’ din ir-rata. Skont din il-klawżola u indipendentement mill-varjazzjoni tar-rati tas-suq, ir-rati tal-interessi ta’ dawn il-kuntratti ma setgħux ikunu inqas mill-perċentwali stipulata fl-imsemmija klawżola.

Peress li qiesu li dawn il-klawżoli “ta’ rata minima” kienu ġew imposti fuqhom mill-istabbilimenti bankarji u li kienu joħolqu żbilanċ għad-detriment tagħhom, kull waħda minn dawn il-persuni li ssellfu ppreżentaw, quddiem il-Juzgado de lo Mercantil no°9 de Barcelona (il-Qorti Kummerċjali Nru 9 ta’ Barcelona, Spanja, iktar ’il quddiem il-“qorti nazzjonali”), rikors għal dikjarazzjoni ta’ nullità ta’ dawn il-klawżoli. Qabel ma ġew ippreżentati dawn ir-rikorsi, assoċjazzjoni tal-konsumaturi kienet ressqet, kontra diversi stabbilimenti bankarji, azzjoni kollettiva intiża, b’mod partikolari, li jitwaqqaf l-użu tal-klawżoli msejħa “ta’ rata minima” fil-kuntratti ta’ self.

F’dan il-każ, l-istabbilimenti bankarji talbu s-sospensjoni tal-proċeduri inkwistjoni sakemm tingħata deċiżjoni definittiva li ttemm il-proċedura kollettiva. Il-persuni li ssellfu opponew din is-sospensjoni. Il-qorti nazzjonali qieset li, skont dispożizzjoni proċedurali Spanjola, hija kienet obbligata tissospendi l-azzjonijiet individwali mressqa quddiemha sakemm tingħata sentenza definittiva fl-azzjoni kollettiva. Issa, tali effett sospensiv kien ifisser li l-azzjoni individwali kienet

suġġetta għall-azzjoni kollettiva, f'dak li jirrigwarda kemm l-iżvolġiment tal-proċedura kif ukoll l-eżitu tagħha.

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni li kellha tingħata lill-Artikolu 7 tad-Direttiva 93/13. Hija qieset li din id-dispożizzjoni tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi fuq qorti, li quddiemha tkun tressqet azzjoni individwali ta' konsumatur intiża li tiġi kkonstatata n-natura inġusta ta' klawżola ta' kuntratt li jorbtu ma' bejjiegħ jew fornitur, l-obbligu li tissospendi awtomatikament tali azzjoni sakemm tingħata sentenza definittiva f'azzjoni kollettiva pendenti, imressqa minn assoċjazzjoni tal-konsumaturi sabiex jitwaqqaf l-użu, f'kuntratti tal-istess tip, ta' klawżoli simili għal dik li tkun is-suġġett tal-azzjoni individwali. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li din l-inkompatibbiltà tibqa' teżisti, b'mod partikolari jekk din is-sospensjoni sseħħ mingħajr ma r-rilevanza tagħha, mill-perspettiva tal-protezzjoni tal-konsumatur li jkun ressaq kawża quddiem il-qorti b'mod individwali, tkun tista' tittieħed inkunsiderazzjoni u mingħajr ma dan il-konsumatur ikun jista' jiddeċiedi li jiddissoċja ruħu mill-imsemmija azzjoni kollettiva (dispożittiv).

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, b'mod parallel mad-dritt suġġettiv ta' konsumatur li jressaq proċeduri quddiem qorti sabiex tiġi eżaminata n-natura inġusta ta' klawżola ta' kuntratt li fih ikun parti, id-Direttiva 93/13 tippermetti lill-Istati Membri jistabbilixxu stħarriġ tal-klawżoli inġusti inklużi f'kuntratti standard permezz ta' azzjonijiet għal mandati ta' inibizzjoni mressqa minn assoċjazzjonijiet ta' protezzjoni tal-konsumaturi, skont l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 93/13. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li n-natura preventiva u l-għan dissważiv ta' dawn l-azzjonijiet, kif ukoll l-indipendenza tagħhom fir-rigward ta' kull tilwima individwali konkreta, jimplikaw li tali azzjonijiet jistgħu jiġu eżerċitati anki meta l-klawżoli li tintalab il-projbizzjoni tagħhom ma jkunux intużaw f'kuntratti speċifiċi. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-azzjonijiet individwali u kollettivi għandhom għanijiet u effetti legali differenti. B'hekk, l-iżvolġiment tagħhom għandu jissodisfa biss rekwiżiti proċedurali li jikkonċernaw, b'mod partikolari, l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u n-neċessità li jiġu evitati deċiżjonijiet ġudizzjarji kontradittorji, mingħajr ma jwassal sabiex tiddgħajjef il-protezzjoni tal-konsumaturi (punti 21, 29 u 30).

Fl-assenza ta' armonizzazzjoni tar-regoli proċedurali applikabbli għar-relazzjonijiet bejn l-azzjonijiet kollettivi u individwali, huwa kull Stat Membru li għandu jistabbilixxi dawn ir-regoli, skont il-prinċipju ta' awtonomija proċedurali u b'osservanza tal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li d-dispożizzjoni proċedurali Spanjola, li permezz tagħha l-qorti nazzjonali kienet obbligata tissospendi awtomatikament l-azzjoni individwali ta' konsumatur intiża li tiġi kkonstatata n-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali fl-istennija ta' sentenza definittiva f'azzjoni kollettiva pendenti, ma kinitx tqajjem dubji dwar l-osservanza tal-prinċipju ta' ekwivalenza. Għall-kuntrarju, dan ma kienx il-każ fir-rigward tal-prinċipju ta' effettività, sa fejn din id-dispożizzjoni proċedurali kienet ta' natura li tipprekludi lill-konsumatur milli jinvoka b'mod individwali d-drittijiet irrikonoxxuti minn din id-direttiva. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-konsumatur kien obbligatorjament marbut mill-eżitu tal-azzjoni kollettiva, anki jekk ikun iddeċieda li ma jipparteċipax fiha, u kien jiddependi miż-żmien meħud għall-adozzjoni ta' deċiżjoni ġudizzjarja dwar l-azzjoni kollettiva (punti 32, 33, 36 u 39).

Barra minn hekk, fil-każ li l-konsumatur ikun jixtieq jipparteċipa fl-azzjoni kollettiva, huwa jkun suġġett għal restrizzjonijiet marbuta mad-determinazzjoni tal-qorti kompetenti u mal-motivi li jistgħu jiġu invokati. Barra minn hekk, huwa kien jitlef ukoll drittijiet oħra li jkollu f'azzjoni individwali, bħalma huma t-teħid inkunsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi li jikkaratterizzaw il-kawża

tiegħu u l-possibbiltà ta' rinunzja għan-nuqqas ta' applikazzjoni ta' klawżola inġusta. Min-naħa l-oħra, l-applikazzjoni tal-imsemmija regola proċedurali kienet tipprekludi lill-qorti nazzjonali milli tevalwa r-rilevanza tas-sospensjoni tal-azzjoni individwali sakemm tingħata sentenza definittiva fl-azzjoni kollettiva. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li tali nuqqas ta' effettività ma setax jiġi ġġustifikat min-neċessità li jiġi evitat ir-riskju ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji kontradittorji, peress li d-differenza fin-natura bejn l-istħarriġ ġudizzjarju eżerċitat fil-kuntest ta' azzjoni kollettiva u dak eżerċitat fil-kuntest ta' azzjoni individwali kellha, bħala prinċipju, tipprevjeni tali riskju. Tali nuqqas lanqas ma seta' jiġi ġġustifikat min-neċessità li tiġi evitata l-konġestjoni tal-qrati peress li l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet li l-konsumaturi jisiltu mid-Direttiva 93/13 ma jistax jiddaħħal inkwistjoni minħabba kunsiderazzjonijiet marbuta mal-organizzazzjoni ġudizzjarja ta' Stat Membru (punti 37, 38 u 40 sa 42).

## 2. Garanzija tad-dritt għal rimedju effettiv

***Sentenza tas-17 ta' Lulju 2014, Sánchez Morcillo u Abril García (C-169/14, EU:C:2014:2099)***

*Kuntratt ta' self iggarantit b'ipoteka – Klawżoli inġusti – Proċedura ta' eżekuzzjoni ta' ipoteka – Dritt għal azzjoni legali*

Fl-2013, ir-rikorrenti kienu ffirmaw ma' Banco Bilbao att nutarili ta' self b'garanzija ipotekarja fuq l-abitazzjoni tagħhom. Minħabba li d-debituri naqsu milli jwettqu l-obbligu tagħhom li jħallsu l-pagamenti mensili ta' rimbors, Banco Bilbao talbet il-ħlas tal-ammont totali tas-self flimkien mal-interessi normali u dawk moratorji, kif ukoll il-bejgħ b'subbasta tal-beni immobbli ipotekat favur tagħha.

Wara l-ftuħ tal-proċedura ta' eżekuzzjoni tal-ipoteka, id-debituri ressqu oppożizzjoni għaliha, li ġiet miċħuda fl-ewwel istanza. Huma appellaw minn din id-deċiżjoni quddiem l-Audiencia Provincial de Castellón (il-Qorti Provinċjali ta' Castellón, Spanja, iktar 'il quddiem il-"qorti nazzjonali").

Skont il-leġiżlazzjoni proċedurali ċivili Spanjola, kien possibbli għall-kreditur li jappella mid-deċiżjoni li, filwaqt li tilqa' l-oppożizzjoni magħmula minn debitur, ittemm il-proċedura ta' eżekuzzjoni tal-ipoteka. Għall-kuntrarju, hija ma kinitx tippermetti lid-debitur li l-oppożizzjoni tiegħu tkun ġiet miċħuda jappella mis-sentenza li tordna t-tkomplija tal-proċedura ta' eżekuzzjoni forzata. Barra minn hekk, il-qorti li tiddeċiedi fuq il-mertu ma setgħetx tissospendi l-proċedura ta' eżekuzzjoni tal-ipoteka iżda setgħet, l-iktar l-iktar, tagħti kumpens għad-dannu mġarrab mill-konsumatur.

F'dan il-każ, il-qorti nazzjonali kellha dubji dwar il-kompatibbiltà ta' din il-leġiżlazzjoni Spanjola mal-għan ta' protezzjoni tal-konsumaturi mfittex mid-Direttiva 93/13, kif ukoll mad-dritt għal rimedju effettiv stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta. Hija ppreċiżat li l-possibbiltà ta' appell għad-debituri setgħet tkun ħafna iktar determinanti għaliex ċerti klawżoli tal-kuntratt ta' self inkwistjoni fil-kawża prinċipali setgħu jitqiesu li kienu "inġusti", fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13.

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13, moqri flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta, kien jipprekludi sistema nazzjonali ta' rimedji ta' eżekuzzjoni li tipprevedi li proċedura ta' eżekuzzjoni ta' ipoteka ma tistax tiġi sospiża mill-qorti li tiddeċiedi fuq il-mertu, fejn fid-deċiżjoni finali tagħha din tal-aħħar tkun tista', l-iktar l-iktar, tagħti kumpens għad-dannu mġarrab mill-konsumatur. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-inkompatibbiltà kienet tinsab fil-fatt li l-konsumatur, bħala debitur li kontrih tintalab l-eżekuzzjoni, ma jkunx jappella mid-deċiżjoni li tiċħad l-oppożizzjoni tiegħu għal din l-eżekuzzjoni, filwaqt li l-bejjiegħ jew fornitur, il-kreditur li jitlob l-eżekuzzjoni, ikun jista' jeżerċita dan ir-rimedju ġudizzjarju kontra d-deċiżjoni li tordna t-tmiem tal-proċedura jew li tiddikjara inapplikabbli klawżola inġusta (punt 51 u d-dispożittiv).

Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat, l-ewwel nett, li l-leġiżlazzjoni proċedurali Spanjola kienet tillimita l-possibbiltà ta' appell mid-deċiżjoni li tiddeċiedi dwar il-leġittimità ta' klawżola kuntrattwali u kienet tintroduċi differenza fit-trattament bejn il-bejjiegħ jew fornitur u l-konsumatur bħala partijiet fil-proċedura. Fil-fatt, il-bejjiegħ jew fornitur kellu rimedju ġudizzjarju kontra d-deċiżjoni li tmur kontra l-interessi tiegħu filwaqt li, fil-każ li l-oppożizzjoni tkun ġiet miċħuda, il-konsumatur ma kellux din il-possibbiltà (punt 30).

Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, fl-assenza ta' armonizzazzjoni tal-mekkaniżmi nazzjonali dwar l-eżekuzzjoni forzata, il-modalitajiet tal-implimentazzjoni tar-rimedji ta' appell mid-deċiżjoni li tiddeċiedi dwar il-legalità ta' klawżola kuntrattwali, ammess fil-kuntest ta' proċedura ta' eżekuzzjoni ta' ipoteka, jaqgħu taħt l-ordinament ġuridiku intern tal-Istati Membri skont il-prinċipju ta' awtonomija proċedurali ta' dawn tal-aħħar, bil-kundizzjoni li jiġu osservati l-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività (punt 31).

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, skont id-dritt tal-Unjoni, il-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva jirrigwarda biss id-dritt ta' aċċess għal qorti. Konsegwentement, il-fatt li l-konsumatur debitur suġġett għall-eżekuzzjoni fil-kuntest ta' proċedura ta' eżekuzzjoni ta' ipoteka jkollu biss rikors quddiem istanza ġudizzjarja waħda sabiex jinvoka d-drittijiet li huwa għandu taħt id-Direttiva 93/13 ma jistax, bħala tali, imur kontra d-dritt tal-Unjoni (punt 36).

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li s-sistema Spanjola kienet tesponi lill-konsumatur kif ukoll, jekk ikun il-każ, lill-familja tiegħu, għar-riskju li jitlef l-abitazzjoni tiegħu minħabba l-bejgħ forzat tagħha, filwaqt li l-qorti ta' eżekuzzjoni tkun, l-iktar l-iktar, wettqet eżami rapidu tal-validità tal-klawżoli kuntrattwali li fuqhom il-bejjiegħ jew fornitur ikun ibbaża t-talba tiegħu. Il-protezzjoni li l-konsumatur, fil-kwalità tiegħu ta' debitur suġġett għall-eżekuzzjoni, jista' jekk ikun il-każ jislet minn stħarriġ ġudizzjarju distint imwettaq fil-kuntest ta' proċedura dwar il-mertu li tkun qed isseħħ b'mod parallel mal-proċedura ta' eżekuzzjoni ma tistax tikkumpensa għal dan ir-riskju peress li dan il-konsumatur ma jiksibx kumpens *in natura* għad-dannu tiegħu billi jitqiegħed lura fis-sitwazzjoni ta' qabel is-sekwestru tal-beni immobbli ipotekat, iżda fl-aħjar ipoteżi, jingħata kumpens. Issa, din in-natura kumpensatorja biss tal-kumpens eventwalment mogħti lill-konsumatur tagħtih biss protezzjoni inkompleta u insuffiċjenti, u konsegwentement tikkostitwixxix mezz li la huwa adegwat u lanqas effikaċi, fis-sens tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13, sabiex jitwaqqaf l-użu tal-klawżola meqjusa inġusta (punt 43).

Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li l-iżvolġiment tal-proċedura ta' oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni, prevista fil-leġiżlazzjoni Spanjola, kien iqiegħed lill-konsumatur, fil-kwalità tiegħu ta' debitur suġġett għall-eżekuzzjoni, f'sitwazzjoni ta' inferjorità meta mqabbel mal-bejjiegħ jew

fornitur, bħala l-kreditur li jitlob l-eżekuzzjoni, għal dak li jikkonċerna l-protezzjoni ġudizzjarja tad-drittijiet li huwa jista' jinvoka abbażi tad-Direttiva 93/13 kontra l-użu ta' klawżoli inġusti. Din is-sitwazzjoni kienet tipperikola t-twettiq tal-għan imfittex minn din id-direttiva, peress li l-iżbilanċ bejn il-mezzi proċedurali għad-dispożizzjoni tal-partijiet ma kien jagħmel xejn ħlief li jenfasizza dak li jeżisti bejn il-partijiet fil-kuntratt (punti 45 u 46).

***Sentenza tal-1 ta' Ottubru 2015, ERSTE Bank Hungary (C-32/14, EU:C:2015:637)***

*Kuntratt ta' self iggarantit b'ipoteka – Tmiem tal-użu ta' klawżoli inġusti – Mezzi adegwati u effikaċi – Rikonoxximent ta' dejn – Att nutarili – Inklużjoni minn nutar ta' formola li tippermetti l-eżekuzzjoni – Titolu eżekuttiv – Obbligi tan-nutar – Eżami ex officio tal-klawżoli inġusti – Stħarriġ ġudizzjarju – Prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività*

It-tilwima fil-kawża prinċipali kienet tikkonċerna talba intiża għall-annullament tar-rifjut ta' nutar li jneħħi formola li tippermetti l-eżekuzzjoni, inkluża permezz ta' att nutarili, fuq att ta' rikonoxximent ta' dejn sottoskritt minn konsumatur Ungeriż fuq il-bażi ta' kuntratt ta' self u ta' kuntratt ta' garanzija ipotekarja konklużi ma' bank.

Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li d-Direttiva 93/13 ma tirregolax il-kwistjoni ta' jekk, f'ċirkustanzi fejn leġiżlazzjoni tagħti lin-nutar il-kompetenza li jinkludi l-formola li tippermetti l-eżekuzzjoni f'att awtentiku li jikkonċerna kuntratt, u sussegwentement li jneħħiha, għandhiex tiġi estiża għan-nutar il-possibbiltà li jeżerċita kompetenzi li jaqgħu direttament taħt il-funzjoni ġudizzjarja. Issa, fl-assenza fid-dritt tal-Unjoni ta' armonizzazzjoni tal-mekkaniżmi nazzjonali ta' eżekuzzjoni forzata u tar-rwol tan-nutara f'dan il-kuntest, huwa l-ordinament ġuridiku ta' kull Stat Membru li għandu jistabbilixxi tali regoli, skont il-prinċipju ta' awtonomija proċedurali, bil-kundizzjoni madankollu li jiġu osservati l-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività. Fir-rigward tal-prinċipju ta' effettività, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva 93/13 tirrikjedi, fit-tilwimiet bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur, li jkun hemm intervent pożittiv, indipendenti mill-partijiet fil-kuntratt, min-naħa tal-qorti nazzjonali li quddiemha jkunu tressqu tali tilwimiet. Madankollu, l-osservanza tal-prinċipju ta' effettività ma tistax tiġi estiża b'tali mod li tirrimedja kompletament il-passività totali min-naħa tal-konsumatur ikkonċernat (punti 48, 49 u 62).

Għaldaqstant, il-fatt li l-konsumatur ikun jista' jinvoka l-protezzjoni prevista fid-Direttiva 93/13 fil-każ biss li jiftaħ proċedura ġudizzjarja, b'mod partikolari kontra l-att nutarili, ma jistax jitqies, fih innifsu, li huwa kuntrarju għall-prinċipju ta' effettività. Fil-fatt, il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva ggarantita mid-Direttiva hija bbażata fuq il-premessa li l-qrati nazzjonali jkunu ġew preċedentement aditi minn waħda mill-partijiet fil-kuntratt (punt 63).

***Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Biuro podrozy "Partner" (C-119/15, EU:C:2016:987)***

*Effett erga omnes ta' klawżoli inġusti li jinsabu f'reġistru pubbliku – Sanzjoni pekunjarja imposta fuq bejjiegħ jew fornitur li jkun uża klawżola meqjusa ekwivalenti għal dik li tinsab fl-imsemmi reġistru – Bejjiegħ jew fornitur li ma kienx ipparteċipa fil-proċedura li wasslet għall-konstatazzjoni tan-natura inġusta ta' klawżola*

Permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' Novembru 2011, il-President tal-Uffiċċju tal-Protezzjoni tal-Kompetizzjoni u tal-Konsumaturi Pollakk ikkonstata li Biuro Partner, kumpannija Pollakka attiva

fis-settur tas-servizzi turistiċi, kienet użat klawżoli meqjusa ekwivalenti għall-klawżoli meqjusa illegali fil-kuntest ta' proċeduri li kienu jikkonċernaw bejjiegħa jew fornituri oħra u li kienu ġew inklużi fir-reġistru nazzjonali tal-klawżoli ta' kundizzjonijiet ġenerali illegali. Skont il-President ta' dan l-uffiċċju, dawn il-klawżoli użati minn Biuro Partner kienu jippreġudikaw l-interessi kollettivi tal-konsumaturi u kienu jiġġustifikaw l-impożizzjoni ta' multa ta' 27 127 zloty Pollakki (madwar EUR 6 400).

HK Zakład Usługowo Handlowy "Partner", li tagħha Biuro Partner kienet is-suċċessura, ikkontestat l-ekwivalenza tal-klawżoli użati minn din il-kumpannija u ta' dawk inklużi fl-imsemmi reġistru.

Permezz ta' sentenza tad-19 ta' Novembru 2013, is-Sąd Okręgowy w Warszawie – Sąd Ochrony Konkurencji i Konsumentów (il-Qorti Reġjonali ta' Varsavja – Qorti tal-Protezzjoni tal-Kompetizzjoni u tal-Konsumaturi, il-Polonja) ċaħdet ir-rikors ta' Biuro Partner intiż kontra l-imsemmija deċiżjoni tal-President tal-Uffiċċju tal-Protezzjoni tal-Kompetizzjoni u tal-Konsumaturi, filwaqt li ddeċidiet, bħal dan tal-aħħar, li l-klawżoli mqabbla kienu ekwivalenti.

Adita fl-appell, is-Sąd Apelacyjny w Warszawie (il-Qorti tal-Appell ta' Varsavja, il-Polonja) esprimiet dubji dwar l-interpretazzjoni li kellha tingħata lid-Direttiva 93/13 u lid-Direttiva 2009/22 dwar inġunzjonijiet għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi [48].

B'hekk, il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7 tad-Direttiva 93/13, moqrija flimkien mal-Artikoli 1 u 2 tad-Direttiva 2009/22, kellhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li l-użu ta' klawżoli ta' kundizzjonijiet ġenerali, li l-kontenut tagħhom ikun ekwivalenti għal dak ta' klawżoli meqjusa illegali permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja definittiva u li jkunu inklużi f'reġistru nazzjonali ta' tali klawżoli, jitqies, fir-rigward ta' bejjiegħ jew fornitur li ma kienx parti fil-proċedura li wasslet għall-inklużjoni ta' dawn il-klawżoli fl-imsemmi reġistru, bħala aġir illegali, li jista' jiġi ssanzjonat bl-impożizzjoni ta' multa.

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7 tad-Direttiva 93/13, moqrija flimkien mal-Artikoli 1 u 2 tad-Direttiva 2009/22, kif ukoll fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux li l-użu tal-klawżoli ta' kundizzjonijiet ġenerali jitqies, fir-rigward ta' bejjiegħ jew fornitur li ma kienx parti fil-proċedura li wasslet għall-inklużjoni ta' dawn il-klawżoli fl-imsemmi reġistru, bħala aġir illegali.

Il-ħolqien ta' reġistru bħal dak inkwistjoni huwa kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 93/13, u b'mod partikolari mill-Artikolu 8 tagħha, jirriżulta li l-Istati Membru jistgħu jistabbilixxu listi ta' klawżoli kuntrattwali meqjusa li huma inġusti. Skont l-Artikolu 8a tad-Direttiva 93/13, kif emendata bid-Direttiva 2011/83 [49], l-Istati Membri huma obbligati jinformaw lill-Kummissjoni dwar il-ħolqien ta' tali listi. Minn dawn id-dispożizzjonijiet jirriżulta li dawn il-listi jew reġistri stabbiliti minn korpi nazzjonali jissodisfaw, bħala prinċipju, l-interess tal-protezzjoni tal-konsumaturi fil-kuntest tad-Direttiva 93/13. Madankollu, l-imsemmi

[48] Direttiva 2009/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar inġunzjonijiet għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi (ĠU 2009, L 110, p. 30).

[49] Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2011, L 304, p. 64).

reġistru għandu jiġi ġġestit b'mod trasparenti mhux biss fl-interess tal-konsumaturi iżda wkoll fl-interess tal-bejjiegħa jew tal-fornituri. Dan ir-rekwiżit jimplika, b'mod partikolari, li dan ir-reġistru jkollu struttura ċara, indipendentement min-numru ta' klawżoli li jkunu jinsabu fih. Barra minn hekk, il-klawżoli inklużi fl-imsemmi reġistru għandhom jissodisfaw il-kriterju ta' attwalità, li jimplika li dan ir-reġistru għandu jinżamm aġġornat bir-reqqa u li, b'osservanza tal-prinċipju ta' ċertezza legali, il-klawżoli li ma jkunx għad hemm lok li jibqgħu inklużi fih jitneħħew minnu mingħajr dewmien (punti 36, 38 u 39).

Barra minn hekk, skont il-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, il-bejjiegħ jew il-fornitur li jiġi suġġett għal multa minħabba l-użu ta' klawżola meqjusa ekwivalenti għal klawżola inkluża f'reġistru għandu, b'mod partikolari, ikollu possibbiltà ta' rimedju kontra din is-sanzjoni. Dan id-dritt għal rimedju għandu jkun jista' jkopri kemm l-evalwazzjoni tal-aġir meqjus illegali kif ukoll l-ammont tal-multa stabbilit mill-korp nazzjonali kompetenti. F'dan il-kuntest, l-eżami mwettaq mill-qorti kompetenti ma għandux ikun limitat għal sempliċi paragun formali tal-klawżoli eżaminati ma' dawk inklużi fir-reġistru. Għall-kuntrarju, dan l-eżami għandu jikkonsisti f'evalwazzjoni tal-kontenut tal-klawżoli kontenzjużi sabiex jiġi ddeterminat jekk, meta jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha rilevanti speċifiċi għal kull każ, dawn il-klawżoli jkunux materjalment identiċi, b'mod partikolari fir-rigward tal-effetti li jipproduċu għad-detriment tal-konsumaturi, għal dawk inklużi f'dan ir-reġistru (punti 40 u 42).

***Sentenza tad-9 ta' Lulju 2020, Raiffeisen Bank u BRD Groupe Sociéité Générale (C-698/18 u C-699/18, EU:C:2020:537)***

*Kuntratt ta' kreditu dwar self personali eżegwit kompletament – Konstatazzjoni tan-natura inġusta ta' klawżoli kuntrattwali – Azzjoni għall-ħlas lura tal-ammonti mħallsa indebitament abbażi ta' klawżola inġusta – Modalitajiet ġudizzjarji – Bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni – Mument oġġettiv tal-għarfien mill-konsumatur tal-eżistenza ta' klawżola inġusta*

Żewġ persuni li ssellfu kkonkludew kuntratti ta' kreditu li kellhom bħala suġġett l-għoti ta' self personali ma', rispettivament, Raiffeisen Bank u BRD Groupe Société Générale. Wara li kienu rrimborsaw kompletament dawn il-krediti, dawn il-persuni ppreżentaw, separatament, quddiem il-Judecătoria Târgu Mureş (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Târgu Mureş, ir-Rumanija) rikors intiż li tiġi kkonstatata n-natura inġusta ta' ċerti klawżoli ta' dawn il-kuntratti li kienu jipprevedu l-ħlas ta' kummissjonijiet għall-ipproċessar u għall-ġestjoni mensili kif ukoll il-possibbiltà, għall-bank, li jemenda l-ammonti tal-interessi.

Raiffeisen Bank u BRD Groupe Société Générale indikaw li, fid-data tal-preżentata tar-rikorsi, iż-żewġ persuni li ssellfu ma kienx għad għandhom il-kwalità ta' konsumaturi peress li l-kuntratti ta' kreditu kienu ntemmu minħabba l-eżekuzzjoni sħiħa tagħhom, u lanqas ma kellhom id-dritt li jressqu azzjoni ġudizzjarja.

Il-Judecătoria Târgu Mureş (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Târgu Mureş) qieset li l-eżekuzzjoni sħiħa ta' kuntratt ma kinitx tipprekludi l-verifika tan-natura inġusta tal-klawżoli tiegħu u ddeċidiet li dawn il-klawżoli kienu inġusti. Dik il-qorti għalhekk ordnat liż-żewġ istituzzjonijiet bankarji jħallsu lura l-ammonti mħallsa miż-żewġ persuni li ssellfu skont dawn il-klawżoli, flimkien mal-interessi legali. Raiffeisen Bank u BRD Groupe Société Générale appellaw mid-deċiżjoni.

F'dan il-kuntest, it-Tribunalul Specializat Mureş (il-Qorti Speċjalizzata ta' Mureş, ir-Rumanija) staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk id-Direttiva 93/13 tibqax tapplika wara l-eżekuzzjoni sħiħa ta' kuntratt u, jekk ikun il-każ, jekk kawża għall-ħlas lura tal-ammonti mħallsa abbażi ta' klawżoli kuntrattwali meqjusa li huma inġusti setgħetx tkun suġġetta għal terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin li jibda jiddekorri mill-mument li fih ikun intemm il-kuntratt.

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, qabel kollox, li l-obbligu tal-qorti nazzjonali li ma tapplikax klawżola kuntrattwali inġusta li timponi l-ħlas ta' somom li jirriżultaw li ma humiex dovuti jimplika l-ħlas lura ta' dawn is-somom (punt 54).

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, fl-assenza ta' regolamentazzjoni mid-dritt tal-Unjoni, huwa l-ordinament ġuridiku intern ta' kull Stat Membru li għandu jirregola l-modalitajiet proċedurali tal-azzjonijiet ġudizzjarji sabiex jiżgura s-salvagwardja tad-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni. Madankollu, dawn il-modalitajiet ma għandhomx ikunu inqas favorevoli minn dawk li jirregolaw azzjonijiet simili ta' natura interna (prinċipju ta' ekwivalenza) u lanqas ma għandhom jagħmlu, fil-prattika, impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni (prinċipju ta' effettività) (punt 57).

Fir-rigward tal-prinċipju ta' effettività, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li s-sistema ta' protezzjoni implimentata mid-Direttiva 93/13 hija bbażata fuq l-idea li l-konsumatur jinsab f'sitwazzjoni ta' inferjorità fil-konfront tal-bejjiegħ jew tal-fornitur. F'dan ir-rigward, anki jekk terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin jidher, bħala prinċipju, materjalment suffiċjenti sabiex jippermetti lill-konsumatur jipprepara u jippreżenta rikors effettiv, sa fejn dan jibda jiddekorri mid-data tal-eżekuzzjoni sħiħa tal-kuntratt, hemm riskju, madankollu, li dan it-terminu jkun skada saħansitra qabel ma l-konsumatur ikun seta' jsir jaf bin-natura inġusta ta' klawżola li tinsab f'dan il-kuntratt. Għaldaqstant, dan it-terminu ma huwiex ta' natura li jiżgura lill-konsumatur protezzjoni effettiva (punt 64, 66 u 67).

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-fatt li l-protezzjoni mogħtija lill-konsumatur tkun ristretta għall-perijodu tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt inkwistjoni biss ma huwiex konċiljabbli mas-sistema ta' protezzjoni stabbilita minn din id-direttiva. Il-prinċipju ta' effettività jipprekludi għalhekk li l-azzjoni għall-ħlas lura tkun suġġetta għal terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin, li jibda jiddekorri mid-data li fiha jintemm il-kuntratt inkwistjoni, indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk il-konsumatur kellux, jew setax raġonevolment ikollu, f'din id-data, għarfien tan-natura inġusta ta' klawżola ta' dan il-kuntratt (punti 73 u 75).

Fir-rigward tal-prinċipju ta' ekwivalenza, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-osservanza ta' dan il-prinċipju teħtieġ li r-regola nazzjonali inkwistjoni tapplika bl-istess mod għal azzjonijiet ibbażati fuq ksur tad-dritt tal-Unjoni u għal dawk ibbażati fuq nuqqas ta' osservanza tad-dritt intern li jkollhom suġġett u kawża simili. B'hekk, dan il-prinċipju jipprekludi interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali fis-sens li t-terminu ta' preskrizzjoni ta' azzjoni ġudizzjarja għall-ħlas lura tal-ammonti mħallsa indebitament abbażi ta' klawżola inġusta jibda jiddekorri mid-data tal-eżekuzzjoni sħiħa tal-kuntratt, filwaqt li dan l-istess terminu jibda jiddekorri, fir-rigward ta' azzjoni simili tad-dritt intern, mid-data tal-konstatazzjoni ġudizzjarja tal-kawża tal-azzjoni (punti 76, 77 u 82).

## 3. Modalitajiet proċedurali speċifiċi

***Sentenza tal-21 ta' April 2016, Radlinger u Radlingerová (C-377/14, EU:C:2016:283)***

*Regoli nazzjonali li jirregolaw il-proċedura ta' insolvenza – Dejn li joriġina minn kuntratt ta' kreditu għall-konsum – Rimedju ġudizzjarju effettiv*

It-tilwima fil-kawża prinċipali kienet tirrigwarda leġiżlazzjoni Ċeka li ma kinitx tirrikonoxxi lill-qrati nazzjonali l-kompetenza li jeżaminaw *ex officio* l-osservanza, mill-bejjiegħa jew fornituri, tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumaturi, li jikkonċernaw b'mod partikolari l-klawżoli kuntrattwali li jinsabu f'kuntratt ta' kreditu għall-konsum.

Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13 jipprekludi tali leġiżlazzjoni nazzjonali li, minn naħa, ma tippermettix dan l-eżami fir-rigward tal-imsemmija kuntratti anki meta l-qorti jkollha l-punti ta' liġi u ta' fatt neċessarji għal dan il-għan u, min-naħa l-oħra, tawtorizza lill-imsemmija qorti twettaq biss eżami ta' ċerti krediti, u dan, barra minn hekk, għal numru limitat ta' motivi (dispożittiv 1).

***Sentenza tal-31 ta' Mejju 2018, Sziber (C-483/16, EU:C:2018:367)*** [50]

*Kuntratti ta' self iddenominati f'munita barranija – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi rekwiżiti proċedurali speċifiċi sabiex tiġi kkontestata n-natura inġusta – Prinċipju ta' ekwivalenza – Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva*

It-tilwima fil-kawża prinċipali, bejn individwu u bank Ungeriż, kienet tikkonċerna talba sabiex tiġi kkonstatata n-natura inġusta ta' ċerti klawżoli inklużi f'kuntratt ta' self konkluż għall-finijiet tal-akkwist ta' abitazzjoni, irrilaxxat u rrimborsat f'forint Ungeriżi (HUF), iżda li kien irreġistrat fi franki Svizzeri (CHF) fuq il-bażi tar-rata tal-kambju fis-seħħ fil-jum tal-ħlas.

Ir-regoli nazzjonali kienu jipprevedu rekwiżiti proċedurali addizzjonali għad-detriment ta' parti fil-kawża (rikorrent jew konvenut), li tkun parti f'kuntratt ta' self bħala konsumatur, li, matul il-perijodu bejn l-1 ta' Mejju 2004 u s-26 ta' Lulju 2014, kienet ikkonkludiet bħala konsumatur kuntratt ta' self ikkonċernat minn klawżola kuntrattwali inġusta dwar id-differenza fir-rata tal-kambju, fejn dawn ir-rekwiżiti addizzjonali kienu jirrikjedu b'mod partikolari, sabiex jiġu invokati b'mod effettiv quddiem qorti d-drittijiet marbuta mal-invalidità tal-kuntratti ċċitati iktar 'il fuq konklużi ma' konsumaturi, il-preżentazzjoni ta' nota għall-kawżi ċivili li, sabiex il-qorti tkun tista' tiddiskuti l-mertu tar-rikors, kellha neċessarjament tinkludi ċertu kontenut (punt 27).

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, qabel kollox, li d-dritt tal-Unjoni ma jarmonizzax il-proċeduri applikabbli għall-eżami tan-natura allegatament inġusta ta' klawżola kuntrattwali. Dawn il-proċeduri jaqgħu, għalhekk, taħt l-ordinament ġuridiku intern tal-Istati Membri, bil-kundizzjoni iżda li ma jkunux inqas favorevoli minn dawk li jirregolaw sitwazzjonijiet simili suġġetti għad-dritt

[50] Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll fit-Taqsima I.1., "Kamp ta' applikazzjoni *ratione loci*: applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 fl-assenza ta' element transkonfinali".

intern (prinċipju ta' ekwivalenza) u bil-kundizzjoni li jipprevedu protezzjoni ġudizzjarja effettiva, kif prevista fl-Artikolu 47 tal-Karta (prinċipju ta' effettività) (punt 35).

Fl-ewwel lok, fil-kuntest tal-eżami tagħha tal-osservanza tal-prinċipju ta' ekwivalenza, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-impożizzjoni ta' rekwiżiti proċedurali supplimentari fuq il-konsumatur li jkun qiegħed jislet id-drittijiet tiegħu mid-dritt tal-Unjoni ma timplikax, fiha nnifisha, li l-imsemmija modalitajiet proċedurali jkunu inqas favorevoli għalih. Fil-fatt, is-sitwazzjoni għandha tiġi analizzata filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-pożizzjoni tad-dispożizzjonijiet proċedurali kkonċernati fil-proċedura inkwistjoni b'mod ġenerali, l-iżvolġiment ta' din il-proċedura u l-karatteristiċi partikolari ta' dawn id-dispożizzjonijiet quddiem l-istanzi nazzjonali (punt 43). Ir-rekwiżiti proċedurali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fid-dawl tal-pożizzjoni tagħhom fis-sistema implimentata mil-leġiżlatur Ungeriż bil-għan li jinqatgħu fi żmien raġonevoli numru kbir ħafna ta' kawżi marbuta ma' kuntratti ta' self iddenominati f'munita barranija li kien fihom klawżoli inġusti, ma setgħux, bħala prinċipju, jiġu kklassifikati bħala li kienu inqas favorevoli minn dawk dwar ir-rikorsi simili li ma jikkonċernawx drittijiet li joħorġu mid-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant, bla ħsara għall-verifiki li l-qorti tar-rinviju kienet meħtieġa twettaq, tali rekwiżiti ma setgħux jitqiesu li kienu inkompatibbli mal-prinċipju ta' ekwivalenza (punt 48).

Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-obbligu tal-Istati Membri li jipprevedu modalitajiet proċedurali li jippermettu li jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet li l-individwi jisiltu mid-Direttiva 93/13 kontra l-użu ta' klawżoli inġusti jimplika rekwiżit ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, li huwa stabbilit ukoll fl-Artikolu 47 tal-Karta. Din il-protezzjoni għandha tgħodd kemm fil-livell tal-identifikazzjoni tal-qrati li jkollhom ġurisdizzjoni sabiex jisimgħu kawżi bbażati fuq id-dritt tal-Unjoni kif ukoll għal dak li jirrigwarda d-definizzjoni tal-modalitajiet proċedurali applikabbli għal tali kawżi (punt 49). Madankollu, il-protezzjoni tal-konsumatur ma hijiex assoluta. B'hekk, il-fatt li proċedura partikolari tinkludi ċerti rekwiżiti proċedurali li l-konsumatur ikollu josserva sabiex jinvoka d-drittijiet tiegħu ma jfissirx li, minħabba f'hekk, il-konsumatur ma jibbenefikax minn protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Fil-fatt, għalkemm id-Direttiva 93/13 tirrikjedi, fit-tilwim bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur, intervent pożittiv, indipendenti mill-partijiet fil-kuntratt, mill-qorti nazzjonali adita b'tali tilwim, l-osservanza tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva ma tipprekludix, bħala prinċipju, li l-qorti adita tistieden lill-konsumatur jipproduċi ċerti elementi insostenn tal-pretensjonijiet tiegħu (punt 50).

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, għalkemm kien minnu li r-regoli proċedurali inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienu jeħtieġu sforz supplimentari min-naħa tal-konsumatur, xorta waħda kien jibqa' l-fatt li dawn ir-regoli, sa fejn kienu intiżi li jħaffu l-ammont ta' xogħol tas-sistema ġudizzjarja, kienu reazzjoni, minħabba l-volum tal-kawżi inkwistjoni, għal sitwazzjoni eċċezzjonali u kellhom interess ġenerali ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. L-imsemmija regoli setgħu, bħala tali, jipprevalu fuq l-interessi partikolari, sakemm dawn ma kinux imorru lil hinn minn dak li kien neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan tagħhom (punt 51). F'dan il-każ, fid-dawl tal-għan li jitħaffef l-ammont ta' xogħol tas-sistema ġudizzjarja, ma kienx jidher, għalkemm dan kellu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju, li r-regoli li jobbligaw lill-konsumatur iressaq talba kkwantifikata li tikkonsisti, minn tal-inqas parzjalment, f'bilanċ tal-kontijiet diġà stabbilit mill-istabbiliment finanzjarju kkonċernat, u jispeċifika l-konsegwenza legali li jkun qiegħed jitlob lill-qorti nazzjonali tapplika fil-każ li l-kuntratt ta' self inkwistjoni, jew ċerti klawżoli tiegħu, ikunu invalidi, kienu tant kumplessi u kienu jinkludu rekwiżiti tant onerużi li dawn ir-regoli kienu jaffettwaw b'mod sproporzjonat id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tal-konsumatur (punt 52).

Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 7 tad-Direttiva 93/13 ma kienx jipprekludi, bħala prinċipju, leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi rekwiżiti proċedurali speċifiċi fir-rigward ta' rikorsi ppreżentati minn konsumaturi li jkunu kkonkludew kuntratti ta' self iddenominati f'munita barranija li jkun fihom klawżola li tistipula differenza bejn ir-rata tal-kambju applikabbli u/jew klawżola li tistipula possibbiltà ta' emenda unilaterali, bil-kundizzjoni li l-konstatazzjoni tan-natura inġusta tal-klawżoli inklużi f'tali kuntratt tippermetti l-istabbiliment mill-ġdid tas-sitwazzjoni legali u fattwali li kien ikun fiha l-konsumatur fl-assenza ta' dawn il-klawżoli inġusti (dispożittiv 1).

***Sentenza tat-13 ta' Settembru 2018, Profi Credit Polska (C-176/17, EU:C:2018:711)***

*Proċedura għal ordni ta' ħlas ibbażata fuq ċedola li tiggarantixxi l-obbligi li jirriżultaw minn kuntratt ta' self għall-konsum*

Fl-2015, il-kumpannija Profi Credit Polska tat self għall-konsum lil persuna li tissellef. Ir-rimbors ta' dan is-self kien iggarantit, skont klawżola f'kuntratt standard, permezz ta' ċedola maħruġa u ffirmata mill-persuna li tissellef, li l-ammont tagħha ma kienx ippreċiżat.

Wara li l-persuna li ssellfet naqset milli tħallas, Profi Credit Polska informatha li ċ-ċedola kienet imtliet bl-ammont li kien għadu dovut fil-kuntest tal-eżekuzzjoni tal-imsemmi self. Barra minn hekk, din il-kumpannija adixxiet lis-Sąd Rejonowy w Siemianowicach Śląskich I Wydział Cywilny (il-Qorti Distrettwali ta' Siemianowice Śląskie, il-Polonja, iktar 'il quddiem il-"qorti nazzjonali") b'talba għal ordni ta' ħlas kontra l-persuna li ssellfet, ibbażata fuq din iċ-ċedola.

Skont il-leġiżlazzjoni proċedurali Pollakka, il-proċedura ta' ordni ta' ħlas kienet tiżvolġi f'żewġ fażijiet. Fl-ewwel fażi, l-evalwazzjoni tal-validità taċ-ċedola, għalkemm setgħet titwettaq *ex officio* mill-qorti, kienet limitata għall-eżami tar-regolarità formali tagħha. Fit-tieni fażi, jekk id-debitur imsemmi fiċ-ċedola jkun għamel oppożizzjoni għall-ordni ta' ħlas, dan seta' mhux biss jikkontesta l-obbligu li joħroġ miċ-ċedola iżda wkoll ir-relazzjoni sottostanti eżistenti, jiġifieri l-kuntratt ta' kreditu għall-konsum.

F'dan il-każ, iżda, il-qorti nazzjonali kellha dubju dwar jekk il-proċedura Pollakka għal ordni ta' ħlas ibbażata fuq ċedola kinitx konformi mad-Direttiva 93/13. Fil-fatt, hija indikat li, fil-prattika, mat-talba għal ordni ta' ħlas tiġi annessa biss iċ-ċedola mimlija debitament, u mhux il-kuntratt ta' kreditu għall-konsum. B'hekk, għall-finijiet tal-għoti ta' digriet ta' ordni ta' ħlas, kien biżżejjed li jiġi vverifikat li ċ-ċedola kienet ġiet stabbilita b'osservanza tal-leġiżlazzjoni Pollakka dwar id-dritt taċ-ċedoli. Minħabba f'hekk, l-istħarriġ tal-qorti nazzjonali kien limitat għall-kontenut taċ-ċedola u ma setax jiġi estiż, anki jekk kellha għarfien tiegħu, għall-kuntratt ta' kreditu għall-konsum. Għaldaqstant, il-konsumatur kellu jagħmel oppożizzjoni kontra l-ordni ta' ħlas sabiex tkun tista' tiġi kkonstatata n-natura eventwalment inġusta ta' ċerti klawżoli.

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13 jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti l-ħruġ ta' ordni ta' ħlas, ibbażata fuq ċedola regolari, li tiggarantixxi dejn li joħroġ minn kuntratt ta' kreditu għall-konsum, meta l-qorti adita b'talba għal ordni ta' ħlas ma jkollhiex is-setgħa li twettaq eżami tan-natura eventwalment inġusta tal-klawżoli ta' dan il-kuntratt. Fil-fatt, hija ppreċiżat li din l-inkompatibbiltà tibqa' sakemm il-modalitajiet għall-eżerċizzju tad-dritt li ssir oppożizzjoni għal tali digriet ma

jippermettux li jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet li l-konsumatur jislet minn din id-direttiva (dispożittiv).

Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-obbligu tal-qorti nazzjonali li tevalwa *ex officio* n-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13, bil-kundizzjoni li jkollha l-punti ta' liġi u ta' fatt neċessarji, japplika wkoll fir-rigward ta' proċedura għal ordni ta' ħlas. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li protezzjoni effettiva tad-drittijiet li din id-direttiva tagħti lill-konsumatur tkun tista' tiġi ggarantita biss jekk is-sistema proċedurali nazzjonali tippermetti, fil-kuntest tal-proċedura għal ordni ta' ħlas jew fil-kuntest tal-proċedura ta' eżekuzzjoni tal-ordni ta' ħlas, stħarriġ *ex officio* tan-natura potenzjalment inġusta tal-klawżoli li jinsabu fil-kuntratt inkwistjoni. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, sa fejn l-istħarriġ tal-qorti nazzjonali jkun limitat għaċ-ċedola u ma jkunx jista' jirrigwarda l-kuntratt ta' kreditu għall-konsum, din il-qorti ma tkunx tista' twettaq l-eżami tan-natura eventwalment inġusta ta' klawżola kuntrattwali ta' dan il-kuntratt, sakemm ma jkollhiex il-punti kollha ta' fatt u ta' liġi għal dan il-għan (punti 42 sa 47).

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, fl-assenza ta' armonizzazzjoni fid-dritt tal-Unjoni tal-proċeduri applikabbli għall-eżami tan-natura allegatament inġusta ta' klawżola kuntrattwali, dawn jaqgħu, skont il-prinċipju ta' awtonomija proċedurali, taħt l-ordinament ġuridiku tal-Istati Membri, bil-kundizzjoni li josservaw il-prinċipju ta' ekwivalenza u d-dritt għal rimedju effettiv. F'dan id-dawl, minn naħa, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li ma kellhiex elementi ta' natura li jqajmu dubju dwar il-konformità ma' dan il-prinċipju tal-leġiżlazzjoni Pollakka dwar il-proċedura għal ordni ta' ħlas ibbażata fuq ċedola. Min-naħa l-oħra, fir-rigward tad-dritt għal rimedju effettiv, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-qorti nazzjonali kellha tiddetermina jekk il-modalitajiet tal-proċedura ta' oppożizzjoni previsti fid-dritt nazzjonali kinux joħolqu riskju mhux negliġibbli li l-konsumaturi ma jressqux l-oppożizzjoni meħtieġa. Għalhekk, sabiex jiġi ggarantit id-dritt għal rimedju effettiv, dawn tal-aħħar għandu jkollhom il-possibbiltà li jippreżentaw rikors jew li jippreżentaw oppożizzjoni f'kundizzjonijiet proċedurali raġonevoli, b'tali mod li l-eżerċizzju tad-drittijiet li huma jisiltu mid-Direttiva 93/13 ma jiddgħajjifx, b'mod partikolari minħabba termini jew spejjeż li jkunu applikabbli għalihom (punti 57, 58, 61 u 63).

F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, għalkemm il-konsumatur Pollakk kellu d-dritt li jikkontesta l-ordni ta' ħlas, l-eżerċizzju ta' dan id-dritt kien suġġett għal kundizzjonijiet partikolarment restrittivi. B'mod iktar preċiż, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li dan il-konsumatur kellu terminu ta' ġimagħtejn sabiex iressaq oppożizzjoni u kellu jħallas tliet kwarti tal-ispejjeż ġudizzjarji meta jressaq oppożizzjoni. Għalhekk, peress li l-imsemmi konsumatur kellu jipproduċi f'terminu ta' ġimagħtejn, li kien jibda jiddekorri min-notifika tad-digriet ta' ordni ta' ħlas, il-fatti u l-provi li jippermettu lill-qorti tevalwa l-oppożizzjoni tiegħu u peress li kien ippenalizzat fil-mod kif jiġu kkalkolati l-ispejjeż ġudizzjarji, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li kien hemm riskju mhux negliġibbli li l-imsemmi konsumatur ma jagħmilx l-oppożizzjoni meħtieġa (punti 64 sa 68 u 70).

# LISTA TAD-DEĊIŻJONIJIET TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TTRATTATI

(F'ORDNI KRONOLOĠIKA)


*Sentenza tas-27 ta' Ġunju 2000, Océano Grupo Editorial (C-240/98 sa C-244/98, EU:C:2000:346)* ........ pp. 19 u 37

*Sentenza tat-22 ta' Novembru 2001, Cape et (Kawżi magħquda C-541/99 u C-542/99, EU:C:2001:625)* ........ p. 4

*Sentenza tal-21 ta' Novembru 2002, Cofidis (C-473/00, EU:C:2002:705)* ........ p. 40

*Sentenza tal-1 ta' April 2004, Freiburger Kommunalbauten (C-237/02, EU:C:2004:209)* ........ p. 36

*Sentenza tas-26 ta' Ottubru 2006, Mostaza Claro (C-168/05, EU:C:2006:675)* ........ p. 47

*Sentenza tal-4 ta' Ġunju 2009, Pannon GSM (C-243/08, EU:C:2009:350)* ........ p. 37

*Sentenza tas-6 ta' Ottubru 2009, Asturcom Telecomunicaciones (C-40/08, EU:C:2009:615)* ........ p. 48

*Sentenza tat-3 ta' Ġunju 2010, Caja de Ahorros y Monte de Piedad de Madrid (C-484/08, EU:C:2010:309)* ........ p. 17

*Sentenza tad-9 ta' Novembru 2010 (Awla Manja), VB Pénzügyi Lízing (C-137/08, EU:C:2010:659)* ........ pp. 27 u 38

*Sentenza tal-15 ta' Marzu 2012, Pereničová u Perenič (C-453/10, EU:C:2012:144)* ........ p. 50

*Sentenza tas-26 ta' April 2012, Invitel (C-472/10, EU:C:2012:242)* ........ pp. 28 u 66

*Sentenza tal-14 ta' Ġunju 2012, Banco Español de Crédito (C-618/10, EU:C:2012:349)* ........ p. 51

*Sentenza tal-14 ta' Marzu 2013, Aziz (C-415/11, EU:C:2013:164)* ........ pp. 24 u 46

*Sentenza tal-21 ta' Marzu 2013, RWE Vertrieb (C-92/11, EU:C:2013:180)* ........ pp. 8 u 29

*Sentenza tas-6 ta' Jannar 2014, Constructora Principado (C-226/12, EU:C:2014:10)* ........ p. 25

*Sentenza tas-27 ta' Frar2014, Pohotovosť (C-470/12, EU:C:2014:101)* ........ p. 67

*Sentenza tat-30 ta' April 2014, Kásler u Káslerné Rábai (C-26/13, EU:C:2014:282)* ........ pp. 13, 30 u 52

*Sentenza tas-17 ta' Lulju 2014, Sánchez Morcillo u Abril García (C-169/14, EU:C:2014:2099)* ........ p. 70

*Sentenza tal-21 ta' Jannar 2015, Unicaja Banco u Caixabank (C-482/13, C-484/13, C-485/13 u C-487/13, EU:C:2015:21)* ........ p. 58

*Sentenza tal-1 ta' Ottubru 2015, ERSTE Bank Hungary (C-32/14, EU:C:2015:637)* ........ p. 72

*Sentenza tat-18 ta' Frar 2016, Finanmadrid EFC (C-49/14, EU:C:2016:98)* ........ p. 41

*Sentenza tal-14 ta' April 2016, Sales Sinués (C-381/14 u C-385/14, EU:C:2016:252)* ........ p. 68

*Sentenza tal-21 ta' April 2016, Radlinger u Radlingerová (C-377/14, EU:C:2016:283)* ........ p. 76

*Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Biuro podrozy "Partner" (C-119/15, EU:C:2016:987)* ........ p. 72

*Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016 (Awla Manja), Gutiérrez Naranjo (C-154/15, C-307/15 u C-308/15, EU:C:2016:980)* ........ p. 63

*Sentenza tas-26 ta' Jannar 2017, Banco Primus (C-421/14, EU:C:2017:60)* ........ p. 42

*Sentenza tal-20 ta' Settembru 2017, Andriciuc et (C-186/16, EU:C:2017:703)* ........ pp. 14 u 30

*Sentenza tas-17 ta' Mejju 2018, Karel de Grote – Hogeschool Katholieke Hogeschool Antwerpen (C-147/16, EU:C:2018:320)* ........ pp. 5 u 39

*Sentenza tal-31 ta' Mejju 2018, Sziber (C-483/16, EU:C:2018:367)* ........ pp. 4 u 76

*Sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, Banco Santander (C-96/16 u C-94/17, EU:C:2018:643)* pp. 20 u 59

*Sentenza tat-13 ta' Settembru 2018, Profi Credit Polska (C-176/17, EU:C:2018:711)* ........ p. 78

*Sentenza tal-20 ta' Settembru 2018, OTP Bank u OTP Faktoring (C-51/17, EU:C:2018:750)* ........ pp. 9, 23 u 31

*Sentenza tal-21 ta' Marzu 2019, Pouvin u Dijoux (C-590/17, EU:C:2019:232)* ........ p. 6

*Sentenza tas-26 ta' Marzu 2019 (Awla Manja), Abanca Corporación Bancaria (C-70/17 u C-179/17, EU:C:2019:250)* ........ p. 60

*Sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019, Kiss u CIB Bank (C-621/17, EU:C:2019:820)* ........ p. 32

*Sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019, Dziubak (C-260/18, EU:C:2019:819)* ........ p. 53

*Sentenza tas-7 ta' Novembru 2019, Kanyeba et (Kawżi magħquda C-349/18 sa C-351/18, EU:C:2019:936)* ........ pp. 55 u 62

Sentenza tat-3 ta' Marzu 2020 (Awla Manja), Gómez del Moral Guasch (C-125/18, EU:C:2020:138) ........ pp. 10 u 56

Sentenza tal-11 ta' Marzu 2020, Lintner (C-511/17, EU:C:2020:188) ........ p. 39

Sentenza tat-2 ta' April 2020, Condominio di Milano, via Meda (C-329/19, EU:C:2020:263) ........ p. 7

Sentenza tad-9 ta' Lulju 2020, Ibercaja Banco (C-452/18, EU:C:2020:536) ........ pp. 21, 24, 33 u 62

Sentenza tad-9 ta' Lulju 2020, Raiffeisen Bank u BRD Groupe Societé Générale (C-698/18 u C-699/18, EU:C:2020:537) ........ p. 74

Sentenza tad-9 ta' Lulju 2020, Banca Transilvania (C-81/19, EU:C:2020:532) ........ p. 11

Sentenza tat-3 ta' Settembru 2020, Profi Credit Polska et (C-84/19, C-222/19 u C-252/19, EU:C:2020:631) ........ pp. 15 u 18

Sentenza tas-17 ta' Mejju 2022 (Awla Manja), Ibercaja Banco (C-600/19, EU:C:2022:394) ........ p. 43

Sentenza tas-17 ta' Mejju 2022 (Awla Manja), SPV Project 1503 et (C-693/19 u C-831/19, EU:C:2022:395) ........ p. 44

Sentenza tas-17 ta' Mejju 2022 (Awla Manja), Impuls Leasing România (C-725/19, EU:C:2022:396) ........ p. 45

Sentenza tas-17 ta' Mejju 2022 (Awla Manja), Unicaja Banco (C-869/19, EU:C:2022:397) ........ p. 64

Sentenza tat-12 ta' Jannar 2023, D.V. (Onorarji tal-avukat – Prinċipju ta' tariffa fis-siegħa), (C-395/21, EU:C:2023:14) ........ pp. 16, 23, 34 u 57